



**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**  
ID-DIRETTORAT ĠENERALI  
TASSAZZJONI U UNJONI DOGANALI  
**Tassazzjoni Indiretta u Amministrazzjoni tat-Taxxa**  
**CBAM, Tassazzjoni fuq l-Enerġija u Ekoloġika**

Brussell, is-30 ta' Mejju 2024

**DOKUMENT TA' GWIDA DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAS-  
CBAM GĦALL-IMPORTATURI TA' OĠĠETTI FL-UE**

*Dan id-dokument ta' gwida jirrappreżenta l-fehmiet tas-Servizzi tal-Kummissjoni Ewropea  
fiż-żmien tal-pubblikazzjoni. Ma huwiex legalment vinkolanti.*

## REKORD TAL-VERŻJONIJIET

Data	Noti tal-verżjoni
17 ta' Awwissu 2023	L-Ewwel pubblikazzjoni
27 ta' Ottubru 2023	Saru l-korrezzjonijiet li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> <li>• Aġġornamenti fit-Taqsima 6.3 (mudell ta' rapportar).</li> <li>• Diversi żbalji tipografiċi u referenzi kkoreġuti.</li> </ul>
21 ta' Novembru 2023	Korrezzjoni fuq ir-regola <i>de minimis</i> .
8 ta' Diċembru 2023	Saru l-korrezzjonijiet li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> <li>• Kjarifiki fit-Taqsima 4.3 (Perjodu tranżitorju), b'mod partikolari fit-taqsimiet 4.3.4 (Perjodi ta' rapportar) u 4.3.6 (Proċessar Attiv).</li> <li>• Kjarifiki fit-Taqsima 5.4.3 (idroġenu) sabiex jiġu inklużi rotot tal-produzzjoni oħrajn, fl-<i>Illustrazzjoni 5-6</i> (Minerali sinterizzati) u fl-<i>Illustrazzjoni 5-11</i> (Azzar mhux maħdum-Produzzjoni tal-azzar bl-ossiġenu bażiku).</li> <li>• L-inklużjoni tan-numri ta' referenza tal-ekwazzjoni, fit-Taqsima 6.1.4, li jirreferu għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1773.</li> <li>• Kjarifika fit-Taqsima 6.2.2 (Rapportar tal-kwalità ta' ċerti oġġetti importati).</li> <li>• Fit-Taqsima 7, korrezzjoni għar-regola ta' eżenzjoni tal-EFTA.</li> <li>• It-tħassir tal-Anness dwar il-Valuri Prestabbiliti, peress li din l-informazzjoni tista' tinstab fuq is-sit web dedikat tal-Kummissjoni Ewropea għas-CBAM.</li> </ul>
26 ta' Marzu 2024	Saru l-korrezzjonijiet li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> <li>• Kjarifika dwar id-dmirijiet ta' rapportar fit-Taqsima 3, in-nota 5 f'qiegħ il-paġna.</li> <li>• Ir-referenza kkoreġuta fit-Taqsima 6.2 (referenzi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni).</li> <li>• Ir-referenza kkoreġuta (id-Direttiva 2003/87/KE) fit-taqsimiet 6.2.3, in-nota 64 f'qiegħ il-paġna.</li> <li>• Ir-referenza kkoreġuta (l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni) fil-lista ta' definizzjonijiet tal-Anness B, "emissjonijiet reali".</li> <li>• L-iżbalji tipografiċi kkoreġuti fil-lista ta' definizzjonijiet tal-Anness B, "dikjarant tar-rapportar".</li> <li>• It-tħassir ta' entrata duplikata fl-Anness B, lista ta' definizzjonijiet, "titjib rakkomandat".</li> </ul>

--	--

## WERREJ

<b>1</b>	<b>SOMMARJU</b>	<b>6</b>
<b>2</b>	<b>INTRODUZZJONI</b>	<b>7</b>
<b>2.1</b>	<b>Dwar dan id-dokument</b>	<b>7</b>
<b>2.2</b>	<b>Kif għandek tuża dan id-dokument</b>	<b>8</b>
<b>2.3</b>	<b>Fejn tista' tinstab aktar informazzjoni</b>	<b>8</b>
<b>3</b>	<b>GWIDA RAPIDA GĦALL-IMPORTATURI</b>	<b>12</b>
<b>4</b>	<b>IL-MEKKANIŻMU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-KARBONJU FIL-FRONTIERI</b>	<b>17</b>
<b>4.1</b>	<b>Introduzzjoni għas-CBAM</b>	<b>17</b>
<b>4.2</b>	<b>Definizzjonijiet u ambitu tal-emissjonijiet koperti fis-CBAM</b>	<b>18</b>
<b>4.3</b>	<b>Perjodu tranżitorju</b>	<b>19</b>
4.3.1	Rwoli u responsabbiltajiet ewlenin tar-rapportar	20
4.3.2	Dak li jeħtieġ li jiġi mmonitorjat mill-operaturi	22
4.3.3	Dak li jeħtieġ li jiġi rrapportat mid-dikjaranti tar-rapportar	23
4.3.4	Perjodi ta' rapportar għall-operaturi u għall-importaturi	24
4.3.5	Governanza tas-CBAM	26
4.3.6	Proċessar attiv	27
<b>5</b>	<b>OĠĠETTI U ROTOT TAL-PRODUZZJONI TAS-CBAM</b>	<b>29</b>
<b>5.1</b>	<b>Daħla għat-taqsimiet speċifiċi għas-setturi</b>	<b>29</b>
<b>5.2</b>	<b>L-identifikazzjoni tal-oġġetti tas-CBAM</b>	<b>29</b>
5.2.1	Speċifikazzjonijiet tal-prodott	30
5.2.2	L-identifikazzjoni tal-oġġetti fil-kamp ta' applikazzjoni għar-Regolament CBAM	30
<b>5.3</b>	<b>Settur tas-siment</b>	<b>31</b>
5.3.1	L-unità tal-produzzjoni u l-emissjonijiet integrati għas-settur tal-industrija	31
5.3.2	Definizzjoni u spjegazzjoni tal-oġġetti koperti	32
5.3.3	Definizzjoni u spjegazzjoni tal-proċessi u tar-rotot tal-produzzjoni rilevanti	34
5.3.4	Parametri ta' rapportar addizzjonali	36
<b>5.4</b>	<b>Is-settur tal-kimika – Idroġenu</b>	<b>37</b>
5.4.1	Unità tal-produzzjoni u emissjonijiet integrati	37
5.4.2	Definizzjoni u spjegazzjoni tal-oġġetti tas-CBAM tas-setturi koperti	38
5.4.3	Definizzjoni u spjegazzjoni tal-proċessi u tar-rotot tal-produzzjoni rilevanti	38
5.4.4	Parametri ta' rapportar addizzjonali	40

<b>5.5</b>	<b>Settur tal-fertilizzanti</b>	<b>40</b>
5.5.1	Unità tal-produzzjoni u emissjonijiet integrati	41
5.5.2	Definizzjoni u spjegazzjoni tal-oġġetti tas-CBAM tas-setturi koperti	42
5.5.3	Definizzjoni u spjegazzjoni tal-proċessi u tar-rotot tal-produzzjoni rilevanti	43
5.5.4	Parametri ta' rapportar addizzjonali	46
<b>5.6</b>	<b>Is-settur tal-Hadid u tal-Azzar</b>	<b>47</b>
5.6.1	Unità tal-produzzjoni u emissjonijiet integrati	47
5.6.2	Definizzjoni u spjegazzjoni tal-oġġetti tas-CBAM tas-setturi koperti	48
5.6.3	Definizzjoni u spjegazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-emissjonijiet rilevanti koperti	54
5.6.4	Parametri ta' rapportar addizzjonali	63
<b>5.7</b>	<b>Is-settur tal-aluminju</b>	<b>65</b>
5.7.1	Unità tal-produzzjoni u emissjonijiet integrati	65
5.7.2	Definizzjoni u spjegazzjoni tal-oġġetti tas-setturi koperti	66
5.7.3	Definizzjoni u spjegazzjoni tal-proċessi u tar-rotot tal-produzzjoni rilevanti	69
5.7.4	Parametri ta' rapportar addizzjonali	72
<b>6</b>	<b>OBBLIGI TA' RAPPORTAR</b>	<b>74</b>
6.1.1	Rapportar ta' emissjonijiet integrati diretti u indiretti	74
6.1.2	Unitajiet għar-rapportar ta' emissjonijiet integrati	74
6.1.3	Emissjonijiet integrati	75
6.1.4	Emissjonijiet indiretti	76
6.1.5	Iż-żieda tal-emissjonijiet tal-prekursuri	77
6.1.6	Fatturi ta' emissjoni prestabbiliti għall-prekursuri	78
<b>6.2</b>	<b>Rekwiżiti ta' rapportar</b>	<b>79</b>
6.2.1	Ir-rapportar tal-kwantità ta' oġġetti importati	79
6.2.2	Ir-rapportar tal-kwalità ta' ċerti oġġetti importati	79
6.2.3	Rapportar ta' emissjonijiet integrati diretti u indiretti	80
6.2.4	Unitajiet għar-rapportar ta' emissjonijiet integrati	81
6.2.5	Ir-rapportar tal-prezz effettiv tal-karbonju dovut	81
6.2.6	Informazzjoni rilevanti għall-importaturi	83
<b>6.3</b>	<b>Mudell tar-rapportar</b>	<b>84</b>
6.3.1	Komunikazzjoni tad-data dwar l-emissjonijiet mill-operaturi	84
6.3.2	Rapportar mid-dikjaranti	88
<b>7</b>	<b>EŻENZJONIJIET MIS-CBAM</b>	<b>93</b>
<b>ANNEX A</b>	<b>LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET</b>	<b>94</b>
<b>ANNEX B</b>	<b>LISTA TAD-DEFINIZZJONIJIET</b>	<b>96</b>

## 1 SOMMARJU

Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) huwa strument ta' politika ambjentali mfassal sabiex japplika l-istess kostijiet tal-karbonju għal prodotti importati kif kieku jiġġarrbu minn installazzjonijiet li joperaw fl-Unjoni Ewropea (UE). B'dan il-mod, is-CBAM inaqqas ir-riskju li l-oġġetti klimatiċi tal-UE jiġu mminati mir-rilokazzjoni tal-produzzjoni lejn pajjiżi b'politiki ta' dekarbonizzazzjoni anqas ambizzjużi (l-Hekk imsejħa "rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju").

Skont is-CBAM, fil-perjodu definittiv (ta' wara t-tranżizzjoni) tiegħu, id-dikjaranti awtorizzati tal-UE li jirrappreżentaw lill-importaturi ta' ċerti oġġetti jixtru u jċedu ċ-ċertifikati tas-CBAM għall-emissjonijiet integrati tal-oġġetti importati tagħhom. Peress li l-prezz għal daww iċ-ċertifikati jirriżulta mill-prezz tal-kwoti tal-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS), u minn meta tfasslu r-regoli dwar il-Monitoraġġ, ir-Rapportar u l-Verifika (MRV) fuq il-bażi tas-sistema tal-MRV tal-EU ETS, dan ikun ugwali għall-prezz tal-karbonju mġarrab bejn l-oġġetti importati u l-oġġetti prodotti f'installazzjonijiet li jipparteċipaw fl-EU ETS.

Dan id-dokument ta' gwida huwa parti minn serje ta' dokumenti ta' gwida u ta' mudelli elettroniċi pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni armonizzata tas-CBAM matul il-**perjodu tranżitorju (mill-1 ta' Ottubru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2025)**. Jipprovdni introduzzjoni għas-CBAM u għall-kunċetti li għandhom jintużaw għar-rapportar tal-emissjonijiet integrati tal-oġġetti importati fl-UE. Din il-gwida ma żżidx mar-rekwiżiti obbligatorji tas-CBAM, iżda hija mmirata sabiex tassisti l-interpretazzjoni korretta għall-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni.

*Dan id-dokument ta' gwida jirrappreżenta l-fehmiet tas-Servizzi tal-Kummissjoni Ewropea fiż-żmien tal-pubblikazzjoni. Ma huwiex legalment vinkolanti.*



## 2 INTRODUZZJONI

### 2.1 Dwar dan id-dokument

Dan id-dokument inkiteb sabiex jappoġġa lill-partijiet ikkonċernati billi jispjega r-rekwiżiti tar-Regolament CBAM b'lingwaġġ mhux leġiżlattiv. Din il-gwida tiffoka fuq ir-rekwiżiti għall-importaturi ta' oġġetti tas-CBAM fl-UE għall-perjodu tranżitorju, mill-1 ta' Ottubru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2025, li matulu s-CBAM jiġi applikat mingħajr obbligu finanzjarju għall-importaturi u biss għal finijiet ta' ġbir tad-*data*.

- **Il-Kapitolu 3** jipprovdi gwida rapida għall-qarrej maħsub ta' dan id-dokument, għall-importatur tal-oġġetti tas-CBAM u/jew għad-dikjarant tar-rapportar. Jagħti pjan direzzjonali lejn l-aktar kunċetti importanti tar-rapportar tas-CBAM u fejn tista' tinstab aktar informazzjoni f'dan id-dokument.
- **Il-Kapitolu 4** jipprovdi introduzzjoni għas-CBAM u ħarsa ġenerali lejn iċ-ċiklu ta' konformità, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet u l-oġġettivi intermedji u l-iskadenzi għad-dikjaranti tar-rapportar matul il-perjodu tranżitorju.
- **Il-Kapitolu 5** jippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-ktajjen tal-oġġetti u tal-valur għas-setturi u għall-oġġetti li huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM.
- **Il-Kapitolu 6** jistabbilixxi l-obbligi u r-rakkomandazzjonijiet ta' rapportar li huma potenzjalment applikabbli għal kwalunkwe importatur affettwat ta' oġġetti tas-CBAM.
- **Il-Kapitolu 7** jispjega l-eżenzjonijiet ġenerali mis-CBAM.

Dokument ta' gwida separat huwa pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea għall-operaturi ta' pajjiżi terzi ta' installazzjonijiet li jipproduċu oġġetti tas-CBAM (hawnhekk imsejhn "operaturi"). Id-dokumenti ta' gwida huma akkumpanjati minn mudell elettroniku għall-informazzjoni li jista' jintuża mill-operaturi tal-installazzjoni sabiex jikkomunikaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet integrati tal-oġġetti tagħhom lid-dikjaranti tar-rapportar.



#### Preżentazzjoni tan-numri f'dokumenti tal-UE

Sabiex ikun hemm allinjament mad-dokumenti legali tal-UE, dan id-dokument ta' gwida juża l-konvenzjoni li ġejja meta jippreżenta n-numri.

Is-separatur deċimali użat sabiex jissepara l-parti integrali ta' numru mill-parti frazzjonali tiegħu huwa virgola, eż.: 0,890






L-eluf, u l-potenzi ta'  $10^{3n}$  warajhom, huma sseparati bi spazju, eż.:

- ħmistax-il elf tinkiteb 15 000
- ħmistax-il miljun tinkiteb 15 000 000

## 2.2 Kif għandek tuża dan id-dokument

Meta n-numri tal-artikoli jingħataw f’dan id-dokument mingħajr speċifikazzjoni ulterjuri, dawn dejjem jirreferu għar-Regolament CBAM<sup>1</sup>. Meta jiġi ċċitat ir-“Regolament ta’ Implimentazzjoni”, dan ifisser ir-Regolament<sup>2</sup> li jstabbilixxi r-regoli dettaljati dwar il-monitoraġġ u r-rapportar għall-perjodu tranżitorju. Għal akronimi u għal definizzjonijiet użati f’dan id-dokument, jekk jogħġbok ara l-Annex A u l-Annex B.

Tintuża serje ta’ ikoni li tgħin sabiex tiggwida lill-qarrej:

Ikona	Deskrizzjoni tal-użu
	Tindika informazzjoni ta’ importanza partikolari għall-importaturi u għad-dikjaranti tar-rapportar.
<b>Simplified!</b>	Tenfasizza approċċi simplifikati tar-rekwiżiti ġenerali tas-CBAM.
	Tintuża meta jiġi ppreżentat it-titjib rakkomandat
	Tintuża meta dokumenti, mudelli jew għodod elettroniċi oħrajn ikunu disponibbli minn sorsi oħrajn
	Tindika eżempji mogħtijin għas-suġġetti diskussi fit-test tal-madwar
	Tenfasizza t-taqsimiet li jirreferu għall-perjodu definittiv tas-CBAM, aktar milli għall-perjodu tranżitorju

## 2.3 Fejn tista’ tinstab aktar informazzjoni

Il-kaxxa testwali ta’ hawn taħt tindika t-taqsimiet ewlenin tar-Regolament CBAM u tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni li huma **rilevanti għall-importaturi tal-oġġetti tas-CBAM matul il-perjodu tranżitorju**.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Mejju 2023 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta’ aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri; Disponibbli minn: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj>

<sup>2</sup> Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1773 tas-17 ta’ Awwissu 2023 li jstabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-obbligi ta’ rapportar għall-finijiet tal-mekkaniżmu ta’ aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri matul il-perjodu ta’ tranżizzjoni; disponibbli minn: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2023/1773/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1773/oj)



---

## Ir-Regolament CBAM

Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri.

Disponibbli minn: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj>

- **L-Artikolu 2** – jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM b'referenza għall-Anness I.
- **L-Artikolu 3 u l-Anness IV** – jipprovdu definizzjonijiet għal termini komuni użati fis-CBAM.
- **L-Artikoli 5 u 17** – jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-applikazzjoni għall-istatus ta' dikjarant tas-CBAM awtorizzat, mill-importaturi jew mir-rappreżentant doganali indirett tagħhom, sabiex jimportaw oġġetti, u għall-awtorizzazzjoni mill-Istat Membru rilevanti. (*Japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2024*).
- **L-Artikolu 10** – jistabbilixxi r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-operaturi skont is-CBAM (*mill-31 ta' Diċembru 2024*).
- **L-Artikolu 11** – jirrikjedi li l-Istati Membri jiddeżinjaw awtorità kompetenti u li l-Kummissjoni Ewropea tippubblica l-lista tal-awtoritajiet kompetenti u tinkludiha fir-reġistru tas-CBAM.
- **L-Artikoli 14 u 16** – jeħtieġu li l-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi reġistru tas-CBAM ta' dikjaranti tas-CBAM awtorizzati u tassenja kont lil kull dikjarant awtorizzat. (*Japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2024*).
- **L-Artikolu 30** – jirrikjedi li l-Kummissjoni Ewropea twettaq rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM sal-31 ta' Diċembru 2024.
- **L-Artikoli 32 sa 35** – jistabbilixxu l-obbligi ta' rapportar dwar l-importaturi tal-UE fil-perjodu tranżitorju.
- **L-Artikolu 36** – jistabbilixxi d-dati minn meta jibdew japplikaw l-Artikoli l-oħrajn.
- **L-Anness I** – jipprovdi l-lista ta' prodotti tas-CBAM skont is-settur tal-industrija bil-kodiċi NM sabiex jiġu identifikati l-oġġetti, u l-gassijiet serra rilevanti korrispondenti.
- **L-Anness III** – jidentifika l-pajjiżi u t-territorji terzi li ma humiex koperti mis-CBAM.
- **L-Anness IV** – jipprovdi l-metodi ġenerali għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati fl-oġġetti; fit-Taqsima 2 għall-Oġġetti Sempliċi u fit-Taqsima 3 għall-Oġġetti Kumpleksi.

**Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1773: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1773, disponibbli minn:**  
[http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2023/1773/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1773/oj)

- **L-Artikolu 2 u l-Anness II**, it-Taqsima 1 – jipprovdu definizzjonijiet għat-termini komuni użati fis-CBAM u fir-regoli tal-MRV.
- **L-Artikolu 3** – jipprovdi l-obbligi ta' rapportar tad-dikjaranti tar-rapportar, inklużi l-parametri li għalihom għandha tiġi rrapportata d-*data*.

- 
- **L-Artikoli 4 u 5** – jistabbilixxu l-approċċi għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati u l-kundizzjonijiet għall-użu ta' valuri prestabbiliti.
  - **L-Artikolu 6** – jippreżenta r-rekwiżiti għar-rapportar rigward il-proċessar attiv.
  - **L-Artikolu 7** – jindika l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata rigward il-prezz tal-karbonju dovut.
  - **L-Artikoli 8, 9 u 13** – huma relatati mal-obbligi tad-dikjarant tar-rapportar għas-sottomissjoni u għall-modifika tar-rapporti tas-CBAM.
  - **L-Artikolu 16** – huwa relatat mal-penali li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri jekk id-dikjarant tar-rapportar ma jkunx issodisfa b'mod korrett l-obbligi ta' rapportar tiegħu.
  - **L-Artikoli 19 u 22** – jistabbilixxu l-elementi tekniċi tar-Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM.
  - **L-Anness I:** It-Tabella 1 - Struttura tar-Rapport tas-CBAM, Tabella 2 - Rekwiżiti ta' informazzjoni dettaljati fir-rapport tas-CBAM.
  - **L-Anness II:** It-Taqsima 2, it-Tabella 1 – immappjar tal-kodiċijiet NM għall-kategoriji ta' oġġetti aggregati tas-CBAM; u t-Taqsima 3 – id-definizzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni għall-kategoriji tal-oġġetti tas-CBAM, inklużi l-limiti tas-sistema tar-rotot tal-produzzjoni u l-prekursuri rilevanti.
  - **Anness IV:** Id-*data* minima li għandha tiġi rrapportata mill-produtturi tal-oġġetti (“operaturi”) lill-importaturi (jew id-dikjaranti tar-rapportar).
  - **Annessi V sa VII:** Tabelli li jelenkaw ir-rekwiżiti tad-*data* għal rapporti oħrajn, inkluż għall-proċessar attiv (mill-importaturi), l-EORI u s-Sistema Nazzjonali tal-Importazzjoni.
  - **Anness VIII:** Fatturi standard li jistgħu jintużaw għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet diretti.
- 

Il-leġiżlazzjoni kollha tal-UE tista' tinstab fuq: <https://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>

Materjali ta' gwida u ta' taħriġ oħrajn li ġew prodotti mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jgħinu lill-operaturi u lill-importaturi jinkludu:

- Dokument ta' gwida separat huwa pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea għall-operaturi ta' installazzjonijiet mhux tal-UE li jipproduċu oġġetti tas-CBAM.
- Gwida żviluppata għall-importaturi dwar kif għandhom jimlew ir-rapporti trimestrali fuq il-Portal tan-Negożjanti tas-CBAM.
- Mudell ibbażat fuq l-Excel għall-operaturi sabiex jikkalkolaw awtomatikament l-emissjonijiet integrati u jikkomunikaw din id-*data* b'mod ċar lill-importaturi tal-oġġetti.
- Vidjos ta' taħriġ.



Id-dokumenti ta' gwida u l-mudell huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea dedikat għas-CBAM: [https://taxation-customs.ec.europa.eu/carbon-border-adjustment-mechanism\\_mt](https://taxation-customs.ec.europa.eu/carbon-border-adjustment-mechanism_mt)



### 3 GWIDA RAPIDA GĦALL-IMPORTATURI

Din it-Taqsima tipprovdi ħarsa ġenerali pass pass lejn il-kunċetti, ir-regoli u l-obbligi importanti taħt il-perjodu tranżitorju.

**Int importatur ta' oġġetti tas-CBAM?** L-oġġetti tas-CBAM huma oġġetti bħalissa importati fl-UE mis-siment, mill-ħadid u mill-azzar, mill-aluminju u minn xi industriji kimiċi (fertilizzanti u idroġenu), u mill-elettriku. Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, jeħtieġlek tqabbell il-kodiċijiet NM<sup>3</sup> tal-oġġetti importati tiegħek mal-lista ta' oġġetti mogħtija fl-Anness I tar-Regolament CBAM. Aktar informazzjoni dwar kif dan għandu jiġi indirizzat tista' tinstab fit-Taqsima 5.2 ta' dan id-dokument, u s-subtaqsimiet 5.3 sa 5.7 sussegwenti, jistabbilixxu aktar dettall għal kull settur.

Jekk ma timportax oġġetti bħal dawn, ma għandekx għalfejn taqra dan id-dokument. Madankollu, huwa miksub sabiex jgħin ukoll lil kull tip ieħor ta' udjenzi interessati (akkademiċi, verifikaturi tal-gassijiet serra, awtoritajiet kompetenti, konsulenti, eċċ.). **Jekk trid tifhem kif is-CBAM jaħdem b'mod ġenerali**, tista' ssib introduzzjoni għas-CBAM fit-Taqsima 4.

**X'inhuma l-emissjonijiet integrati?** Il-kunċett ġie żviluppat sabiex jirrifletti kemm jista' jkun il-mod li bih l-emissjonijiet huma koperti mill-EU ETS daqs li kieku l-oġġetti tas-CBAM ġew prodotti fl-UE. L-EU ETS teħtieġ li l-operaturi jħallsu prezz għall-emissjonijiet ("diretti") tagħhom stess. Madankollu, jekk jikkonsmaw l-elettriku, huma jesperjenzaw ukoll il-kostijiet tas-CO<sub>2</sub> inklużi fil-prezz tal-elettriku li jixtru<sup>4</sup> ("emissjonijiet indiretti"). L-istess japplika għall-materjali ta' input meħtieġa għall-proċess tal-produzzjoni tagħhom, u li jistgħu jiġu forniti minn installazzjoni tal-EU ETS. Għalhekk, dawn l-hekk imsejħin prekursori jikkontribwixxu għall-kostijiet tas-CO<sub>2</sub> li qed tiffaċċja l-installazzjoni tal-EU ETS. L-"emissjonijiet integrati" huma definiti b'mod parallel mal-emissjonijiet li jikkawżaw spejjeż tas-CO<sub>2</sub> fl-EU ETS: iqisu l-emissjonijiet diretti u indiretti<sup>5</sup> tal-proċess tal-produzzjoni kif ukoll l-emissjonijiet integrati tal-prekursori. Il-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM huwa prinċipalment relatat mar-regoli tal-EU ETS u għalhekk għandu differenzi għal metodi oħrajn għall-kalkolu tal-impronti tal-karbonju tal-prodott bħall-"Protokoll dwar il-Gassijiet Serra" jew l-ISO 14067. Fit-Taqsima 6.1.3 hemm introduzzjoni dettaljata għall-kunċett u għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati.

**X'informazzjoni għandek bżonn titlob mingħand l-operatur tal-installazzjoni li tipproduċi l-oġġetti li timporta, sabiex tkun tista' tirrapporta?** Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, jeħtieġ li tiegħu l-passi li ġejjin.

- L-ewwel pass: Iddefinixxi l-oġġetti tas-CBAM importati u ara li tifhem kif jimmappjaw ma' kull "kategorija ta' oġġetti aggregati" (jiġifieri aggregazzjoni ta' oġġetti tas-CBAM b'kodiċijiet NM differenti, iżda xierqa sabiex jiġu koperti b'regoli ta' monitoraġġ komuni)

<sup>3</sup> Il-kodiċijiet NM (Nomenklatura Komuni) huma l-verżjoni tal-UE tal-kodiċijiet SA (Sistema Armonizzata) għall-kummerċ internazzjonali. Il-kodiċijiet NM normalment jikkonsistu fi 8 ċifri (l-ewwel 6 ċifri huma identiċi għall-kodiċi SA). Meta l-Anness I tar-Regolament CBAM fih anqas ċifri, dan ifisser li l-kodiċijiet NM kollha li jibdw b'dawk iċ-ċifri huma koperti.

<sup>4</sup> Jekk l-installazzjoni tal-UE tipproduċi l-elettriku tagħha stess, hija tesperjenza l-kostijiet tas-CO<sub>2</sub> immedjatament.

<sup>5</sup> L-emissjonijiet indiretti jridu jiġu rrapportati għall-merkanzija *kollha* tas-CBAM matul il-perjodu tranżitorju.

- It-tieni pass: Identifika l-parametri kollha li jeħtieġ li titlob mingħand l-operatur u rrapporta dwar:

- **Emissjonijiet diretti** tal-installazzjoni: l-operatur għandu żewġ għażliet disponibbli:
  - a) L-approċċ “ibbażat fuq il-kalkolu”, li juża l-**kwantitajiet tal-fjuwils u tal-materjali rilevanti kollha**<sup>6</sup> kkonsmati, u l-“fatturi ta’ kalkolu” korrispondenti (b’mod partikolari l-hekk imsejjaħ “**fattur ta’ emissjoni**” fuq il-bażi tal-kontenut tal-karbonju tal-fjuwil jew tal-materjal);
  - b) L-approċċ “ibbażat fuq il-kejl”, li jinvolvi l-kejl tal-**konċentrazzjoni tal-gassijiet serra** kif ukoll il-**fluss tal-gass mit-tromba ta’ ċumnija** għal kull “sors ta’ emissjoni” (ċumnija).

Hu nota, madankollu, li **matul il-perjodu introdutturju sal-31 ta’ Lulju 2024, l-operatur jista’ japplika metodi oħrajn permessi għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet fil-ġurisdizzjoni tiegħu**, jekk dawn iwasslu għal kopertura u għal akkuratezza simili tal-emissjonijiet. Dawn il-metodi l-oħrajn jistgħu jinkludu valuri prestabbiliti magħmulin disponibbli u ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea għall-perjodu tranżitorju jew kwalunkwe valur prestabbilit ieħor. Madankollu, jistgħu jintużaw bil-kundizzjoni li d-dikjarant tar-rapportar għandu jindika fir-rapporti tas-CBAM il-metodoloġija segwita għall-istabbiliment ta’ valuri bħal dawn u jirreferi għaliha. Għall-emissjonijiet ta’ PFC<sup>7</sup> mill-produzzjoni tal-aluminju primarju, għandha tiġi applikata metodoloġija speċjali bbażata fuq kejl tal-vultaġġ żejjed. Għall-emissjonijiet ta’ N<sub>2</sub>O mill-produzzjoni tal-aċidu nitriku, il-metodu bbażat fuq il-kejl huwa obbligatorju. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-operatur jista’ jagħżel liema metodu huwa l-aħjar għas-sitwazzjoni tal-installazzjoni tiegħu.

- **Emissjonijiet indiretti**: Dawn huma emissjonijiet li jseħħu matul il-produzzjoni tal-elettriku li l-installazzjoni tal-fornitur tiegħek ikkonsmat, irrispettivament minn jekk dan l-elettriku kienx prodott fl-installazzjoni jew importat minn barra. Jeħtieġ li tirrapporta l-kwantitajiet ta’ **elettriku kkonsmat** għal kull prodott importat, u timmultiplikah bil-fattur ta’ emissjoni rilevanti tal-elettriku. Għall-fattur imsemmi l-aħħar, jeżistu l-għażliet li ġejjin:
  - a) Jekk l-elettriku jiġi mill-grilja, tista’ tuża:
    - Il-fattur ta’ emissjoni prestabbilit ipprovdut mill-Kummissjoni Ewropea fuq il-bażi tad-*data* tal-AIE<sup>8</sup>, jew
    - Kwalunkwe fattur ieħor ta’ emissjoni tal-grilja tal-elettriku tal-pajjiż ta’ oriġini bbażat fuq *data* disponibbli għall-pubbliku li tirrappreżenta jew il-fattur medju ta’ emissjoni jew il-fattur ta’ emissjoni tas-CO<sub>2</sub>.
  - b) Jekk l-operatur jipproduċi wkoll l-elettriku fl-installazzjoni (huwa “awtoproduuttur”). F’dan il-każ, l-operatur jeħtieġ li jimmonitorja l-emissjonijiet tal-power unit jew tal-unità tas-CHP<sup>9</sup> bl-istess mod bħall-monitoraġġ ta’ emissjonijiet diretti oħrajn tal-installazzjoni, u **juża regoli**

<sup>6</sup> It-terminu “fluss minn sors” jintuża sabiex ikopri kemm il-fjuwils kif ukoll materjali oħra tal-input jew tal-output li għandhom influwenza fuq l-emissjonijiet.

<sup>7</sup> Perfluworokarburi.

<sup>8</sup> L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija.

<sup>9</sup> CHP tfisser Šhana u Enerġija Kombinati, magħrufin ukoll bħala “Koġenerazzjoni”.

**speċifiċi sabiex jikkalkula l-fattur ta' emissjoni mit-taħlita tal-fjuwil u jqis il-produzzjoni tas-šhana tas-CHP, jekk applikabbli.**

- c) Jekk l-operatur jirċievi l-elettriku minn installazzjoni speċifika taħt "ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija". Sakemm din il-power unit timmonitorja l-emissjonijiet tagħha f'konformità mal-istess regoli kif applikabbli għall-elettriku awtoprodott u tikkomunika dik l-informazzjoni lill-operatur u din tiġi pprovduta lilek, tista' tuża l-fattur ta' emissjoni attwali li jirriżulta għal dan l-elettriku.

Fit-Taqsima 6.1.4 ta' dan id-dokument tinsab gwida dettaljata.

- o **Prekursuri (fakultattivi):** Ir-rapportar ta' *data* dettaljata dwar il-prekursuri mill-operatur lilek, bħala d-dikjarant tar-rapportar, ma huwiex obligatorju, peress li ma għandekx għalfejn tirrapporta din l-informazzjoni separatament fir-rapport tas-CBAM. Madankollu, huwa neċessarju li l-emissjonijiet relatati mal-prekursur(i) jiġu inklużi fid-*data* li tiġi rrapportata għall-oġġett tas-CBAM, u għalhekk hija prattika tajba li d-*data* prekursor tiġi pprovduta sabiex tiffaċilita l-verifika tad-*data* rrapportata.

Il-kunċett ta' emissjonijiet integrati jinkludi ż-żieda<sup>10</sup> ta' emissjonijiet integrati ta' ċerti materjali użati fil-proċess tal-produzzjoni, l-hekk imsejħin prekursori.

**Liema prekursori huma rilevanti** għal kull proċess tal-produzzjoni huwa elenkat fit-Taqsima 3 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni u huwa diskuss fit-Taqsima 5 ta' dan id-dokument għal kull settur affettwat.

- b) **Jekk il-prekursur jiġi prodott fl-istess installazzjoni bħall-oġġett tas-CBAM**, l-operatur jeħtieġ li jinkludi l-emissjonijiet integrati tal-prekursur meta jiġu kkalkolati l-emissjonijiet integrati tal-oġġetti.
- c) **Jekk il-prekursur jinx tara** minn installazzjonijiet oħrajn, il-produttur tal-oġġett tas-CBAM jeħtieġ li jitlob *data* mingħand il-fornituri rilevanti tal-prekursur bl-istess mod kif qed titlob id-*data* dwar l-oġġetti li jiġu importati fl-UE. L-informazzjoni rilevanti tinkludi, għal kull prekursor, **b'mod separat għal kull installazzjoni tal-produzzjoni tiegħu:**
- L-identifikazzjoni tal-installazzjoni fejn ġiet prodotta;
  - L-emissjonijiet integrati diretti u indiretti speċifiċi<sup>11</sup> tal-prekursur;
  - Ir-rotta tal-produzzjoni, u l-parametri addizzjonali li l-importatur jeħtieġ jirrapporta meta l-oġġett finali jiġi importat fl-UE skont is-CBAM. Dawn il-parametri addizzjonali huma elenkati fit-Taqsima 2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni u diskussi fit-Taqsima 5 ta' dan id-dokument għal kull settur affettwat.
  - Il-perjodu ta' rapportar applikat mill-fornitur tal-prekursur.
  - Jekk applikabbli, informazzjoni dwar il-prezz tal-karbonju dovut mill-fornitur tal-prekursur fil-ġuriżdizzjoni rilevanti (ara l-punt 5 hawn taħt).

<sup>10</sup> Innota d-differenza bejn il-prekursuri u l-materjali ta' input normali: Għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet diretti, jitqies li l-atomi tal-karbonju li jinsabu f'materjal jistgħu jiġu ossidizzati għas-CO<sub>2</sub> u emessi. Madankollu, għall-*prekursuri*, barra minn hekk, jeħtieġ li jiżdiedu l-emissjonijiet li diġà saru qabel (matul il-produzzjoni tagħhom stess), jiġifieri l-emissjonijiet integrati tal-prekursur.

<sup>11</sup> L-emissjonijiet (integrati) speċifiċi tfisser l-emissjonijiet relatati ma' tunnellata waħda tal-materjal li qiegħed jiġi diskuss.

- d) Fiż-żewġ każijiet, jiġifieri għal prekursori mixtrijin jew prodotti minnhom stess, l-operatur jeħtieġ li jimmonitorja l-**kwantità ta' kull prekursor użat** matul il-perjodu ta' rapportar għal kull wieħed mill-proċessi tal-produzzjoni tiegħu.

Ir-regoli għall-monitoraġġ tad-*data* relatata mal-prekursuri jinsabu fit-Taqsima E tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Aktar dettalji jingħataw fit-Taqsima 6.1.5 ta' dan id-dokument.

- o Fl-aħħar nett, hemm xi **parametri kwalifikanti addizzjonali** li int, bħala l-importatur tal-UE, se jkollok bżonn tirrapporta fil-qafas tas-CBAM. Dawn jiddependu mill-oġġetti prodotti. Pereżempju, għas-siment importat, il-kontenut totali tal-klinker jeħtieġ li jiġi rrapportat, għall-fertilizzanti mħalltin, il-kontenut tal-forom differenti ta' nitroġenu, eċċ. Il-parametri rilevanti huma elenkati fit-Taqsima 2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Jeħtieġ li tiżgura li l-operaturi jipprovdu l-informazzjoni neċessarja dwar dawn il-parametri għall-oġġetti tagħhom.

It-tielet pass: **Prezz tal-karbonju huwa dovut fil-ġurisdizzjoni fejn jiġu prodotti l-oġġetti jew l-oġġetti prekursori?** Sabiex jiġi żgurat trattament simili bejn l-installazzjonijiet fl-EU ETS u f'pajjiżi oħrajn, il-ħlas ta' prezz tal-karbonju fil-pajjiż jew fir-reġjun subnazzjonali fejn jiġu prodotti oġġett tas-CBAM, u l-prekursuri tiegħu, jippermetti tnaqqis fl-obbligu tas-CBAM fil-perjodu definittiv mill-2026 'il quddiem. Hemm ukoll il-ħtieġa li dan jiġi rrapportat matul il-perjodu tranżitorju tas-CBAM (jiġifieri sal-aħħar tal-2025). Dan ir-rapportar tal-prezzijiet tal-karbonju matul il-perjodu tranżitorju huwa importanti sabiex jinforma lill-Kummissjoni Ewropea għall-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe titjib futur fil-leġiżlazzjoni tas-CBAM.

Innota li jeħtieġ li tiġbor **informazzjoni għal kull prekursor mixtri** jekk prezz tal-karbonju japplika fil-pajjiż ta' oriġini tagħha. Jekk il-produttur tal-prekursor ma jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa, jeħtieġlek tassumi li l-prezz tal-karbonju dovut għall-prekursor ikun zero.

Ir-regoli ta' rapportar ta' informazzjoni dwar il-prezz tal-karbonju dovut jinsabu fl-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Fit-Taqsima 6.2.5 ta' dan id-dokument tingħata gwida dettaljata.

Ir-raba' pass: Ifhem il-**perjodu ta' rapportar** użat mill-operatur. Il-każ prestabbilit huwa s-sena kalendarja (Ewropea). Madankollu, jekk l-installazzjoni tal-produzzjoni tkun tinsab f'pajjiż b'kalendarju differenti, jew meta jkun hemm argumenti raġonevoli oħrajn għal perjodu differenti, dan jista' jintuża wkoll, jekk ikopri tal-anqas tliet xhur. Perjodi alternattivi xierqa jinkludu b'mod partikolari l-perjodi ta' rapportar ta' skema ta' pprezzar tal-karbonju jew ta' skema obbligatorja ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet fil-pajjiż tal-installazzjoni tiegħek, jew is-sena fiskali użata. Ir-raġuni ewlenija għall-għażla ta' tali perjodi oħrajn hija li jista' jkun hemm skrutinju addizzjonali applikat għal daww l-għanijiet, bħar-rendikont tal-ħażniet u l-awditjar finanzjarju għall-kontijiet finanzjarji annwali, jew il-verifika minn partijiet terzi tal-emissjonijiet, li jagħti aċċertament akbar fil-kwalità tad-*data* tiegħek meta tintuża wkoll għal finijiet tas-CBAM. Fit-Taqsima 4.3.4 tingħata aktar gwida dwar il-perjodi ta' rapportar.

Il-ħames pass: **L-operatur** jeħtieġli **jikkomunika d-data** dwar l-emissjonijiet integrati **lilek, l-importatur(i) tal-UE** li għandu/għandhom l-obbligu ta' rapportar skont ir-Regolament CBAM. Peress li tista' tixtri l-oġġetti tiegħek mingħand diversi fornituri, jista' jkun hemm numru kbir ta' operaturi li mingħandhom jeħtieġlek titlob din l-informazzjoni. Sabiex twettaq din il-komunikazzjoni bl-aktar mod effiċjenti possibbli, il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi mudell komuni li jista' jintuża għal dan l-għan.

Filwaqt li l-użu ta' dan il-mudell huwa volontarju, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-użu ta' **mudell komuni jissimplifika ħafna l-komunikazzjoni** fuq iż-żewġ naħat. Il-fornituri tiegħek jistgħu jkunu stabbiliti f'pajjiżi differenti u jistgħu jtkellmu lingwi differenti. Il-mudell komuni jiżgura format ta' rapportar komuni, sabiex l-istess tip ta' informazzjoni dejjem ikun jista' jinstab fl-istess kamp fil-mudell, u t-tifsira ta' kull kamp tkun ċara wkoll. Fi tmiem kull perjodu ta' rapportar, l-operatur jeħtieġli **jiġbor id-data mmonitorjata tal-perjodu ta' rapportar kollu**, jiddetermina l-emissjonijiet attribwiti ta' kull proċess tal-produzzjoni, u jaqsamhom bil-“livell ta' attività” korrispondenti (jiġifieri t-tunnellati totali ta' oġġetti taħt il-kategorija relatata tas-CBAM prodotti fil-perjodu ta' rapportar) sabiex jinkisbu **l-emissjonijiet integrati speċifiċi tal-oġġetti**. Dan huwa l-parametru ewlieni li jeħtieġ li tikseb mingħand l-operatur, flimkien mal-parametri kwalifikanti addizzjonali msemmijin fil-passi 2 u 3 aktar 'il fuq.

Il-mudell jista' jinstab fuq is-sit web dedikat tal-Kummissjoni Ewropea għas-CBAM. Dan tfassal fuq il-bażi tar-regoli stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-kontenut tal-komunikazzjoni rakkomandata mill-operaturi tal-installazzjonijiet lid-dikjaranti tar-rapportar. Aktar gwida dwar il-kompilazzjoni tal-informazzjoni rilevanti għall-importaturi u l-użu tal-mudell tingħata fit-Taqsima 6.3 ta' dan id-dokument u direttament fil-mudell.

#### **X'jiġri wara l-perjodu tranżitorju.**

Mill-2026, se japplika l-perjodu definittiv tas-CBAM. Dan ifisser li mill-1 ta' Jannar 2026 'il quddiem, l-importaturi jkollhom iġarrbu “obbligu tas-CBAM” fil-forma ta' ċertifikati, li int tixtri bil-prezz medju tal-kwoti tal-EU ETS, għal kull oġġett tas-CBAM importat fl-UE. Mill-2026 se jkun hemm introduzzjoni gradwali b'kopertura dejjem akbar ta' emissjonijiet integrati mill-obbligu tas-CBAM. L-emissjonijiet integrati sħaħ ikunu koperti biss mill-2034 'il quddiem<sup>12</sup>.

<sup>12</sup> Il-formula dettaljata tal-kalkolu se tiġi żviluppata u ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea fi stadju aktar tard.



## 4 IL-MEKKANIŻMU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-KARBONJU FIL-FRONTIERI

### 4.1 Introduzzjoni għas-CBAM

Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) huwa strument ta' politika ambjentali mfassal sabiex jappoġġa l-ambizzjonijiet klimatiċi tal-UE sabiex jinkiseb tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) ta' mill-inqas 55 % sal-2030 u sabiex tintlaħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050.

Is-CBAM jikkomplementa s-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS), li dan l-aħħar issaħħet bħala parti mill-pakkett leġiżlattiv tal-UE "Lesti għall-Mira ta' 55 %". Skont l-EU ETS, l-operaturi ta' installazzjonijiet li jipproduċu oġġetti b'intensività ta' emissjonijiet iċedu kwoti tal-emissjonijiet għal kull tunnellata ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>. Peress li ammont (dejjem akbar) ta' dawn il-kwoti jinxtara fi rkanti jew fis-suq sekondarju, dawn il-produtturi jiffaċċjaw "prezz tal-karbonju"<sup>13</sup> fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom. Madankollu, il-produtturi f'ħafna pajjiżi terzi ma għandhomx obbligu bħal dan, u dan il-vantaġġ kompetittiv ipoġġi lill-prodotti Ewropej f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, jiġifieri rilokazzjoni tal-produzzjoni 'l barra mill-UE.

Sabiex jittaffa r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju qabel is-CBAM, is-setturi rilevanti tal-industrija kienu qegħdin jirċievu parti mill-kwoti tagħhom bla ħlas ("allokazzjoni bla ħlas") skont l-EU ETS. Bl-introduzzjoni tas-CBAM, l-allokazzjoni bla ħlas titneħħa gradwalment hekk kif is-CBAM jiddaħħal gradwalment. Minflok ma jtaffi l-kostijiet tal-karbonju għall-produtturi tal-UE, is-CBAM jiżgura li l-importaturi ta' oġġetti minn pajjiżi terzi jġarrbu kostijiet tal-karbonju simili għall-"emissjonijiet integrati" tal-oġġetti importati. Dan il-prinċipju ta' gwida ġenerali kemm tal-EU ETS kif ukoll tas-CBAM għandu l-għan li jinċentiva t-tnaqqis tal-emissjonijiet fuq bażi ekwivalenti bejn il-produtturi tal-UE u l-produtturi ta' pajjiżi terzi li jesportaw lejn l-UE.

Is-CBAM ma għandux fil-mira tiegħu l-pajjiżi iżda l-emissjonijiet tal-karbonju integrati ta' prodotti importati fl-UE għal setturi speċifiċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS u li huma l-aktar f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Dawn huma: is-siment, il-ħadid u l-azzar, l-aluminju, il-fertilizzanti, l-idroġenu u l-elettriku. Jinkludi wkoll xi prekursori u xi prodotti downstream tas-setturi msemmijin hawn fuq (minn hawn 'il quddiem imsejnin "oġġetti tas-CBAM"). Għal lista sħiħa ta' oġġetti tas-CBAM għal kull settur, ara t-Taqsima 5 ta' dan id-dokument.

Is-CBAM se jiġi introdott f'fażijiet kif ġej:

- **Perjodu tranżitorju** (mill-1 ta' Ottubru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2025):  
Imfassal bħala "fażi ta' tagħlim", li matulha l-importaturi tas-CBAM jirrapportaw sett ta' *data*, inklużi l-emissjonijiet integrati fl-oġġetti tagħhom, *mingħajr ma jħallsu aġġustament finanzjarju* għall-emissjonijiet integrati. Madankollu, jistgħu jiġu imposti penali, pereżempju għan-nuqqas ta' *sottomissjoni tar-rapporti trimestrali* meħtieġa *tas-CBAM*.
- **Perjodu definittiv** (li jibda fl-1 ta' Jannar 2026):

<sup>13</sup> B'mod aktar preċiż, prezz għall-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> jew ta' gassijiet serra ekwivalenti oħrajn.



- Mill-2026 sal-2033, l-emissjonijiet integrati għall-oġġetti tas-CBAM se jiġu koperti gradwalment mill-obbligu tas-CBAM, peress li l-allokazzjoni bla ħlas skont l-EU ETS qiegħda titneħħa gradwalment.
- Mill-2034, 100 % tal-emissjonijiet integrati tal-oġġetti tas-CBAM se jkunu koperti minn ċertifikati tas-CBAM u l-ebda allokazzjoni bla ħlas ma hi se tingħata fil-qafas tal-EU ETS għal dawn l-oġġetti.

Is-CBAM fil-perjodu definittiv huwa mfassal sabiex jirrifletti l-kost tal-emissjonijiet fil-qafas tal-EU ETS:

- L-operaturi tal-UE se jħallsu l-prezz tas-CO<sub>2</sub> tal-emissjonijiet u tal-kwoti ċeduti (EUAs) tagħhom skont l-EU ETS; u
- L-importaturi tal-UE ta' oġġetti tas-CBAM fl-UE se jċedu ċertifikati tas-CBAM li jirriflettu mill-qrib is-sitwazzjoni tal-EU ETS, kemm f'termini ta' regoli tal-MRV kif ukoll tal-prezz taċ-ċertifikati.

Is-CBAM huwa mfassal f'konformità mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u ma' obbligi internazzjonali oħrajn tal-UE u applikati b'mod ugwali għall-importazzjonijiet mill-pajjiżi kollha barra mill-UE<sup>14</sup>.

### **Dan id-dokument jittratta biss ir-reqwiżiti tal-perjodu tranżitorju.**

Dan il-perjodu huwa maħsub għat-tagħlim u għall-istabbiliment tal-approċċi rilevanti tal-MRV barra mill-UE, u tal-istituzzjonijiet u tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni fl-UE.

## **4.2 Definizjonijiet u ambitu tal-emissjonijiet koperti fis-CBAM**

Il-kaxxa testwali ta' hawn taħt tindika t-taqsimiet ewlenin fir-Regolament ta' Implimentazzjoni li jiddefinixxi t-termini użati għas-CBAM.

---

#### *Referenzi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni:*

**Ir-Regolament tas-CBAM (UE) 2023/956, il-Kapitolu I, l-Artikolu 3, Definizjonijiet, u l-Anness IV, Definizjonijiet**

**l-Anness II, it-Taqsima 1, Definizjonijiet.**

Lista ta' abbrevjazzjonijiet u ta' definizzjonijiet użati hija pprovduta wkoll fl-annessi fuq wara ta' dan id-dokument ta' gwida.

---

It-termini li ġejjin ta' spiss jintużaw f'dan id-dokument ta' gwida:

- **“tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>”** tfisser tunnellata metrika waħda ta' diossidu tal-karbonju (“CO<sub>2</sub>”), jew ammont ta' kwalunkwe gass serra ieħor elenkat fl-Anness I aġġustat għall-potenzjal ekwivalenti ta' tişhin globali tas-CO<sub>2</sub>.

---

<sup>14</sup> L-unika eċċezzjoni hija oġġetti minn pajjiżi li jew japplikaw l-EU ETS (bħalissa l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Liechtenstein) jew li għandhom ETS marbuta bis-siġh mal-EU ETS (bħalissa l-Iżvizzera). Għalhekk, il-produtturi f'dawn il-pajjiżi jiffaċċjaw l-istess prezz tal-karbonju bħal fl-UE.

- **“Emissjonijiet diretti”** tfisser emissjonijiet mill-proċessi tal-produzzjoni ta’ oġġetti, inklużi l-emissjonijiet mill-produzzjoni ta’ tisħin u ta’ tkessiġ ikkonnsmati matul il-proċessi tal-produzzjoni, indipendentement mill-post tal-produzzjoni tat-tisħin u tat-tkessiġ.
- **“Emissjonijiet indiretti”** tfisser emissjonijiet mill-produzzjoni tal-elettriku, li jiġi kkonstatat matul il-proċessi tal-produzzjoni tal-oġġetti, indipendentement mill-post tal-produzzjoni tal-elettriku kkonstatat.
- **“Emissjonijiet integrati”** tfisser emissjonijiet rilaxxati matul il-produzzjoni tal-oġġetti, inklużi l-emissjonijiet integrati tal-materjali prekursori rilevanti kkonstatati fil-proċess tal-produzzjoni.
- **“Materjal prekursor rilevanti”** tfisser oġġett sempliċi jew kumpless li jkun integra emissjonijiet li ma jkunux ugwali għal żero u li jiġi identifikat bħala li jkun fi ħdan il-limiti tas-sistema għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati ta’ oġġett kumpless.
- **“Oġġetti sempliċi”** tfisser oġġetti prodotti proċess tal-produzzjoni li jeħtieġu esklużivament materjali ta’ input u fjuwils b’emissjonijiet integrati żero.
- **“Oġġetti kumplessi”** tfisser oġġetti għajr oġġetti sempliċi.
- **“Emissjonijiet integrati speċifiċi”** tfisser l-emissjonijiet integrati ta’ tunnellata ta’ oġġetti, espressi f’tunnellati ta’ emissjonijiet ta’ ekwivalenti ta’ CO<sub>2</sub> għal kull tunnellata ta’ oġġetti.
- **“Emissjonijiet integrati speċifiċi”** tfisser l-emissjonijiet integrati ta’ tunnellata ta’ oġġetti, espressi f’tunnellati ta’ emissjonijiet ta’ ekwivalenti ta’ CO<sub>2</sub> għal kull tunnellata ta’ oġġetti.
- **“Proċess tal-produzzjoni”** tfisser il-partijiet ta’ installazzjoni li fihom jitwettqu proċessi kimiċi jew fiżiċi sabiex jiġu prodotti oġġetti taħt kategorija ta’ oġġetti aggregati definita fit-Tabella 1 tat-Taqsima 2 tal-Anness II tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni, u l-limiti tas-sistema speċifikati tagħha rigward l-inputs, l-outputs u l-emissjonijiet korrispondenti.
- **“Kategorija ta’ oġġetti aggregati”** hija ddefinita *b’mod impliċitu* fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni billi jiġu elenkati l-kategoriji ta’ oġġetti aggregati rilevanti u l-oġġetti kollha identifikati mill-kodiċijiet NM tagħhom fit-Tabella 1 tat-Taqsima 2 tal-Anness II.
- **“Rotta tal-produzzjoni”** tfisser teknoloġija speċifika użata fi proċess tal-produzzjoni għall-produzzjoni ta’ oġġetti taħt kategorija ta’ oġġetti aggregati. Proċess tal-produzzjoni wieħed normalment ikun relatat ma’ grupp wieħed ta’ oġġetti tas-CBAM prodotti (il-“kategoriji ta’ oġġetti aggregati”). Madankollu, f’xi każijiet teżisti aktar minn rotta tal-produzzjoni waħda għall-produzzjoni ta’ dawn l-oġġetti.

### 4.3 Perjodu tranżitorju

Sommarju tal-elementi ewlenin tal-perjodu tranżitorju huwa ppreżentat fit-Tabella 4-1.

Tabella 4-1 – Perjodu tranżitorju – punti ewlenin

Durata	Mill-1 ta' Ottubru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2025.
Regoli tal-MRV	Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1773
Rapportar tal-emissjonijiet indiretti	Meħtieġ għall-oġġetti tas-CBAM kollha.
Valuri prestabbiliti għar-rapportar tal-emissjonijiet integrati	Valuri globali (minbarra l-elettriku). Jistgħu jintużaw għal prekursori ta' oġġetti kumplessi li jikkontribwixxu sa 20 % tat-total għall-oġġett kumpless. Iridu jintużaw għall-importazzjonijiet tal-elettriku u għall-emissjonijiet indiretti, sakemm ma jiġux issodisfati ċerti kriterji.
Flessibbiltà fir-rigward tar-regoli tal-MRV	L-użu ta' regoli minn skemi oħrajn (mhux tal-UE) ta' pprezzar jew ta' rapportar tal-karbonju huwa permess għall-operaturi tal-installazzjonijiet sa tmiem l-2024, jekk ikopru l-istess emissjonijiet u jipprovdu akkuratezza simili. L-importaturi jistgħu jużaw metodi oħrajn (ta' estimu) sal-31 ta' Lulju 2024.
Frekwenza tar-rapportar	Trimestrali (importaturi).
Verifika tad- <i>data</i> rrapportata	Mhux meħtieġa. L-operaturi u l-importaturi għandu jkollhom l-għan li jirrapportaw bl-aktar mod akkurat u komplet possibbli. Jekk tkun twettqet verifika, dan għandu jiġi nnotat fis-sottomissjoni.
Ċediment taċ-ċertifikati tas-CBAM	Mhux meħtieġa.

#### 4.3.1 Rwoli u responsabbiltajiet ewlenin tar-rapportar

**Id-“dikjarant tar-rapportar”<sup>15</sup>** huwa l-entità li hija responsabbli għar-rapportar ta' emissjonijiet integrati ta' oġġetti importati. Fil-prinċipju, id-dikjarant tar-rapportar huwa l-**“Importatur”**. Madankollu, fil-prattika hemm għażliet differenti skont il-persuna li tippreżenta d-dikjarazzjoni doganali. Meta jkunu involuti atturi differenti fil-proċess tal-importazzjoni, huwa importanti li wieħed jiftakar li kull tunnellata ta' oġġett importat hija *r-responsabbiltà ta' preċiżament dikjarant tar-rapportar wieħed*, jiġifieri li la tiġi rrapportata darbtejn u lanqas ma titħalla barra mir-rapportar.

<sup>15</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni juża dan it-terminu sabiex ikopri ż-żewġ sitwazzjonijiet, meta jew importatur jew inkella r-rappreżentant doganali indirett tiegħu jkun responsabbli għar-rapportar tas-CBAM.

F'konformità mal-għażliet ipprovduti taħt il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU<sup>16</sup>), id-dikjarant tar-rapportar jista' jkun jew<sup>17</sup>:

- **L-importatur li jippreżenta dikjarazzjoni doganali** għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti f'ismu stess;
- **Il-persuna, li jkollha awtorizzazzjoni** sabiex tippreżenta dikjarazzjoni doganali msemmija fl-Artikolu 182(1) tal-KDU, li tiddikjara l-importazzjoni ta' oġġetti; jew
- **Ir-rappreżentant doganali indirett**, meta d-dikjarazzjoni doganali tiġi ppreżentata mir-rappreżentant doganali indirett maħtur f'konformità mal-Artikolu 18 tal-KDU, meta l-importatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni jew meta r-rappreżentant doganali indirett ikun qabel mal-obbligi ta' rapportar f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament CBAM.

Id-dikjarant tar-rapportar jeħtieġlu jipprovidi “rapport tas-CBAM” fuq bażi trimestrali<sup>18</sup>, lill-Kummissjoni Ewropea permezz tar-**Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM**, sa mhux aktar tard mill-aħħar tax-xahar wara t-tmiem tat-trimestru. Dan sabiex jirrapporta l-informazzjoni elenkata fit-Taqsima 6.3.2 dwar l-oġġetti importati fl-UE matul dak it-trimestru. Innota r-rekwiżiti speċifiċi, inkluż dwar id-data tal-importazzjoni, fil-każ tal-hekk imsejħa proċedura doganali ta' “proċessar attiv” (ara t-Taqsima 4.3.6).

Minħabba r-rekwiżiti amministrattivi tas-CBAM, huwa mistenni li ħafna importaturi jistgħu jagħmlu użu mir-rappreżentanti doganali, jiġifieri l-importaturi jistgħu jiddelegaw l-obbligi tagħhom. Meta l-importatur ma jkunx stabbilit fi Stat Membru tal-UE, l-obbligi ta' rapportar tas-CBAM japplikaw għar-rappreżentant doganali indirett. Jekk importatur stabbilit fl-UE jaħtar rappreżentant doganali indirett, l-obbligi ta' rapportar jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant doganali indirett.

**L-operatur ta' installazzjoni** li tipproduċi oġġetti tas-CBAM barra mill-UE huwa t-tieni rwol ewlieni għall-funzjonament tas-CBAM. L-operaturi tal-installazzjoni huma l-persuni li għandhom aċċess dirett għall-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-installazzjonijiet tagħhom. Għalhekk huma responsabbli għall-**monitoraġġ u għar-rapportar tal-emissjonijiet integrati tal-oġġetti** li pproduċew u li qegħdin jesportaw lejn l-UE.

**Il-verifikaturi terzi** jkollhom rwol importanti fil-perjodu definittiv. Madankollu, matul il-perjodu tranżitorju, il-verifika hija miżura kompletament volontarja li l-operaturi tal-installazzjonijiet jistgħu jagħżlu bħala mezz sabiex itejbu l-kwalità tad-*data* tagħhom, u sabiex jippreparaw għar-rekwiżiti tal-perjodu definittiv.

Barra minn hekk, **l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-UE** fejn huwa stabbilit id-dikjarant tar-rapportar għandha rwol importanti. Huwa responsabbli għall-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament CBAM, bħar-rieżami tar-rapporti tas-CBAM sabiex jiġi żgurat li d-dikjaranti tar-rapportar jissottomettu rapporti tas-CBAM trimestrali kompluti u korretti, u sabiex jiġu imposti penali f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni, jekk ikun neċessarju.

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013, verżjoni konsolidata: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/2022-12-12>

<sup>17</sup> L-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

<sup>18</sup> L-Artikolu 35 tar-Regolament CBAM

Il-Kummissjoni Ewropea (f'dan id-dokument imsemmi wkoll bħala “**I-Kummissjoni**”) hija responsabbli għat-tmexxija tar-Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM, filwaqt li tivvaluta l-implimentazzjoni ġenerali tas-CBAM matul il-perjodu tranżitorju billi tivverifika l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti trimestrali tas-CBAM, għall-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni bil-ħsieb tal-perjodu definittiv, u għall-koordinazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi sit web dedikat għas-CBAM, b'aktar dokumenti ta' gwida, mudelli għar-rapportar, materjal ta' taħriġ, u l-portal għar-Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM (li se jiġi aġġornat aktar sabiex isir ir-Reġistru tas-CBAM fil-perjodu definittiv).

#### **4.3.2 Dak li jeħtieġ li jiġi mmonitorjat mill-operaturi**

L-ewwel element huwa l-monitoraġġ tal-**emissjonijiet diretti** tal-installazzjoni. Kull meta installazzjoni tipproduċi diversi prodotti differenti, l-emissjonijiet iridu jiġu **attribwiti b'mod xieraq ukoll għall-prodotti individwali**.

L-operaturi jeħtiġilhom jimmonitorjaw u jirrapportaw ukoll lid-dikjarant(i) tar-rapportar il-kwantitajiet ta' materjali ta' input speċifiċi li huma stess għandhom emissjonijiet integrati (l-hekk imsejħin “prekursuri rilevanti”, li huma stess huma oġġetti tas-CBAM) użati fil-proċess tal-manifattura, u jiddeterminaw l-**emissjonijiet integrati ta' dawn il-materjali prekursori**. Meta l-operaturi jixtru prekursori sabiex jipproduċu oġġetti oħrajn tas-CBAM, jeħtieġ li jiksibu *data* dwar l-emissjonijiet integrati mingħand il-fornitur ta' dawn il-prekursuri.

**L-emissjonijiet indiretti** rilaxxati mill-ġenerazzjoni tal-elettriku kkunsmat matul il-produzzjoni tal-oġġetti kollha tas-CBAM iridu jiġu mmonitorjati għall-finijiet tas-CBAM<sup>19</sup> u attribwiti lill-oġġetti prodotti. Għal darb'oħra, l-emissjonijiet integrati fil-prekursuri jridu jiġu inklużi, meta rilevanti.

Ħu nota li l-emissjonijiet diretti biss huma rilevanti għall-elettriku importat fl-UE bħala oġġett fih innifsu. It-trattament tal-elettriku bħala oġġett tas-CBAM huwa diskuss aktar fid-dokument ta' gwida għall-operaturi.

Spjegazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu ddeterminati dawn l-emissjonijiet integrati u sabiex jiġu ddefiniti l-limiti tas-sistema huma elaborati fid-dokument ta' gwida għall-operaturi. Il-prekursuri rilevanti huma identifikati għal kull settur fit-Taqsima 5 li ġejja.

Fl-aħħar nett, l-operaturi jeħtiġilhom **jikkomunikaw lill-importatur(i) il-prezz tal-karbonju dovut għall-produzzjoni tal-oġġett fil-ġurisdizzjoni tagħhom stess, jekk ikun hemm**. Dan jinkludi l-prezz tal-karbonju għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>, u l-ammont ta' allokkazzjoni bla ħlas jew kwalunkwe appoġġ finanzjarju, kumpens jew rifużjoni oħra riċevuta għal kull tunnellata tal-prodott rilevanti għas-CBAM. B'mod partikolari, fil-każ ta' oġġetti kumplessi, għandhom jitqiesu wkoll il-kostijiet tal-karbonju dovuti mill-produtturi ta' materjali prekursori.

---

<sup>19</sup> Matul il-perjodu tranżitorju, l-emissjonijiet indiretti tal-oġġetti *kollha* tas-CBAM għandhom jiġu mmonitorjati u rrapportati, inklużi l-emissjonijiet indiretti integrati tal-prekursuri. Madankollu, fil-perjodu definittiv, l-emissjonijiet indiretti se jiġu inklużi biss għal ċerti prodotti (l-oġġetti inklużi fl-Anness II tar-Regolament CBAM).

### 4.3.3 Dak li jehțieg li jiđi rrapportat mid-dikjaranti tar-rapportar

Matul il-perjodu tranżitorju, **l-importaturi jehțieg li jirrapportaw fuq bađi trimestrali l-emissjonijiet integrati fl-ođđetti importati matul dak it-trimestru ta' sena kalendarja**, bid-dettalji dwar l-emissjonijiet diretti u indiretti kif ukoll kwalunkwe prezz tal-karbonju effettivament dovut barra mill-pajjiđ.



Peress li l-importatur juđa biss *data* dwar l-emissjonijiet iđđenerata xi mkien ieđor, **il-kompitu ewlieni huwa li tiđi żgurata l-kompletezza tal-lista tal-importazzjonijiet u tal-fatturi rilevanti l-ođrajn** li għandhom jiđu rrapportati fir-rapport tas-CBAM.

Simplified!

L-informazzjoni li ġejja trid tiđi rrapportata mill-importaturi fir-rapport tas-CBAM:

- **Il-kwantità totali ta' kull tip ta' ođđetti**, espressa f'megawatt sigħat (MWh) għall-elettriku u f'tunnellati għal ođđetti ođrajn, speċifikata għal kull installazzjoni li tipproduċi l-ođđetti fil-pajjiđ ta' oriđini;
- **L-emissjonijiet integrati totali** attwali, espressi f'tunnellati ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> għal kull MWh ta' elettriku jew għal ođđetti ođrajn f'tunnellati ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> għal kull tunnellata ta' kull tip ta' ođđetti;
- **L-emissjonijiet indiretti totali**, inkluđ l-ammont ta' elettriku kkonsmat u l-fattur ta' emissjonijiet applikabbli;
- **Il-prezz tal-karbonju dovut f'pajjiđ ta' oriđini għall-emissjonijiet integrati fl-ođđetti importati**, b'kont meħud tar-ribassi rilevanti jew ta' forom ođrajn ta' kumpens.

Sabiex tinkiseb din l-informazzjoni, huwa essenzjali li jkun hemm fis-seħħ proċeduri ċari għall-monitorađđ tal-importazzjonijiet. L-ađjar Prattiki ssuđđeriti jinkludu:



- Jekk il-kodiċi NM tal-ođđett li jkun qiegħed jiđi importat jaqa' fil-lista ta' ođđetti mogħtija mill-Anness I tar-Regolament CBAM, irid jiskatta l-obbligu ta' rrapportar skont is-CBAM. L-aktar mod effiċjenti għall-importaturi sabiex jimmanidđjaw is-CBAM jista' jkun li jinstallaw għodda li tiđđenera lista tal-ođđetti importati kollha li jaqgħu taħt is-CBAM. Dan jista', pereżempju, jitwettag awtomatikament permezz ta' software għađ-đamma tal-kotba.
- L-importatur jista' wkoll jagħmel id-divulgazzjoni tal-informazzjoni klawżola ddedikata fil-kuntratt tax-xiri mal-produttur tal-ođđetti importati.

Jekk l-operatur juđa l-ispreadsheet sempliċi pprovduta sabiex iħejji d-dikjarazzjoni tas-CBAM tiegħu, ikunu meħtieđa biss sforzi limitati mid-dikjarant tar-rapportar sabiex ilesti r-rapport fir-Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM, dment li l-lista ta' ođđetti importati tinżamm ađđornata, u l-emissjonijiet integrati għal kull tunnellata ta' prodott ikunu magħrufin. Madankollu, l-uđu ta' din l-għodda tal-ispreadsheet ma huwiex obligatorju u, għalhekk, l-importaturi jistgħu jirċievu d-*data* meħtieđa mill-operaturi f'formati ođrajn. Għalhekk, huwa importanti li d-dikjaranti tar-rapportar ikunu konxji tal-parametri li għandhom jiđu rrapportati sabiex jiđi żgurati li tiđi riċevuta d-*data* neċessarja mingħand l-operaturi. Il-kontenut tar-rapport tas-CBAM huwa stabbilit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

#### 4.3.4 *Perjodi ta' rapportar għall-operaturi u għall-importaturi*

Il-**perjodu ta' rapportar** huwa l-perjodu ta' referenza għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet integrati. L-operaturi u l-importaturi għandhom perjodi ta' rapportar differenti.

##### **Operaturi tal-installazzjoni**

Għall-operaturi, il-perjodu ta' rapportar prestabbilit huwa ta' tnaħ-il xahar sabiex ikunu jistgħu jiġbru *data* rappreżentattiva li tirrifletti l-operazzjonijiet annwali ta' installazzjoni.

Il-perjodu ta' rapportar ta' tnaħ-il xahar jista' jkun jew:

- **Sena kalendarja** – li hija l-għażla prestabbilita għar-rapportar; jew inkella
- **Sena kontabilistika** – jekk din tista' tiġi ġġustifikata fuq il-bażi li d-*data* għal sena ta' rapportar kontabilistiku tkun aktar akkurata, jew sabiex jiġi evitat li jiġġarrab kost mhux raġonevoli; pereżempju, meta t-tmiem tas-sena finanzjarja jikkoinċidi ma' rendikont annwali tal-ħażniet ta' fjuwils u ta' materjali.

Perjodu ta' tnaħ-il xahar jitqies rappreżentattiv peress li dan jirrifletti varjazzjonijiet staġjonali fl-operazzjonijiet ta' installazzjoni, kif ukoll kwalunkwe perjodu ta' tfixkil għall-proċess li jirriżulta minn perjodu ta' għeluq (eż. għall-manutenzjoni) u ta' ftuħ annwali ppjanat. Sena sħiħa tgħin ukoll sabiex titnaqqas kwalunkwe lakuna fid-*data*, eż. billi jinqara l-arloġġ fuq kull naħa ta' kwalunkwe punt ta' *data* perjodiku nieqes.

Madankollu, l-operaturi jistgħu jagħżlu wkoll perjodu ta' rapportar alternattiv, ta' mill-inqas tliet xhur, jekk l-installazzjoni tipparteċipa f'sistema ta' MRV eliġibbli u l-perjodu ta' rapportar jikkoinċidi mar-reqwiziti ta' dik is-sistema ta' MRV. Pereżempju:

- Skema obbligatorja ta' pprezzar tal-karbonju (sistema ta' negozjar tal-emissjonijiet jew taxxa, imposta jew tariffa fuq il-karbonju) jew skema ta' rapportar tal-gassijiet serra b'obbligu ta' konformità. F'dan il-każ, jista' jintuża l-perjodu ta' rapportar ta' dik l-iskema, jekk ikopri tal-anqas tliet xhur; jew
- Il-monitoraġġ u r-rapportar għall-finijiet ta' skema oħra ta' monitoraġġ (eż. proġett għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li jinkludi l-verifika minn verifikatur akkreditat. F'dan il-każ, il-perjodu ta' rapportar tar-regoli applikabbli dwar l-MRV jista' jintuża jekk ikun tal-anqas tliet xhur.

Fil-każijiet kollha ta' hawn fuq, l-emissjonijiet integrati diretti u indiretti tal-oġġetti għandhom jiġu kkalkolati bħala l-**medja tal-perjodu ta' rapportar** magħżul.

Sabiex tkun tista' tiġi rrapportata *data* rappreżentattiva mill-bidu tal-perjodu tranżitorju, l-operaturi għandu jkollhom l-għan li jaqsmu sena sħiħa ta' *data* għall-2023 f'Jannar 2024, mal-importaturi, għall-ewwel rapport trimestrali. Sabiex jagħmlu dan, l-operaturi għandhom:

- Jiġbru d-*data* dwar l-emissjonijiet u d-*data* dwar l-attività mill-bidu tal-perjodu tranżitorju, sa kemm ikun hemm disponibbli għall-2023. Għall-perjodu qabel ma jibda l-monitoraġġ attwali tal-emissjonijiet<sup>20</sup>, l-operaturi jkollhom jagħmlu estimi bbażati fuq l-aħjar *data* disponibbli (eż. bl-użu ta' protokoll tal-produzzjoni,

---

<sup>20</sup> Dan se jkun l-aktar każ frekwenti, ħlief meta sistema eliġibbli ta' MRV tkun diġà fis-seħħ.



kalkolu b'lura bbażat fuq korrelazzjonijiet magħrufin bejn *data* magħrufa u l-emissjonijiet rilevanti, eċċ.).

- Jibdedw jiġbru d-*data* għall-aħħar trimestru tal-2023 bi tnejn għar-rapportar ta' sena sħiħa ta' *data* lill-importaturi, jekk possibbli, kmieni kemm jista' jkun fil-bidu ta' Jannar 2024.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-operaturi għandhom jibdedw iħejju l-metodoloġija ta' monitoraġġ tagħhom mill-aktar fis possibbli u jkollhom l-għan li jibdedw il-monitoraġġ attwali mill-aktar fis possibbli wara l-1 ta' Ottubru 2023. Għandhom jaqsmu d-*data* dwar l-emissjonijiet integrati tagħhom mal-importaturi malli din issir disponibbli wara t-tmien ta' kull trimestru.

## Importaturi

Matul il-perjodu tranżitorju, il-perjodu ta' rapportar għall-importaturi (“dikjaranti tar-rapportar”) huwa trimestrali, bir-rapporti dovuti fi żmien xahar.

- L-ewwel rapport trimestrali huwa għall-perjodu minn Ottubru sa Diċembru 2023, bir-rapport li għandu jiġi sottomess fir-Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM sal-31 ta' Jannar 2024.
- L-aħħar rapport trimestrali se jkun għall-perjodu minn Ottubru sa Diċembru 2025, bir-rapport li għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM sal-31 ta' Jannar 2026.

Ir-rapport ta' kull tliet xhur għandu jiġbor fil-qosor l-emissjonijiet integrati fl-oġġetti importati matul it-trimestru preċedenti tas-sena kalendarja, filwaqt li jifred l-emissjonijiet diretti u indiretti, kif ukoll kwalunkwe prezz tal-karbonju dovut barra mill-pajjiż. Sabiex jiġi deċiż f'liema *data* ġie importat oġġett, huwa rilevanti r-“**rilaxx għas-suq**” (jiġifieri l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet doganali). Dan huwa importanti b'mod partikolari għall-oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' “**proċessar attiv**” (ara t-Taqsima 4.3.6).


Peress li l-operaturi u l-importaturi għandhom skedi ta' żmien tar-rapportar differenti, l-importaturi jkollhom jużaw l-aħħar *data* dwar l-emissjonijiet integrati kkomunikata lilhom mill-operaturi tal-installazzjoni, għar-rapporti trimestrali tagħhom tas-CBAM. Pereżempju, meta operatur ikollu sena kalendarja bħala l-perjodu ta' rapportar tiegħu, importatur li jimla rapport trimestrali tas-CBAM għal kwalunkwe waħda mill-ewwel trimestru sar-raba' trimestru tal-2025 ikollu juża l-informazzjoni speċifika dwar l-emissjonijiet integrati għall-oġġett għas-sena kalendarja 2024 għall-finijiet ta' rapportar, kif ikkomunikat lilhom mill-operatur. Jiġifieri jekk l-oġġett ikun ġie mmanifatturat minn operatur f'Diċembru 2024 u jkun ġie importat fl-UE minn importatur f'Jannar 2025, ir-rapport tas-CBAM tal-ewwel trimestru tal-importatur juża l-emissjonijiet integrati speċifiċi għal dak l-oġġett għas-sena kalendarja 2024. Jekk id-*data* tal-2024 tkun għadha ma hijiex disponibbli sal-aħħar ta' Jannar 2025, id-*data* dwar l-emissjonijiet integrati speċifiċi mill-2023 tista' tintuża għar-rapport tas-CBAM tal-ewwel trimestru.

Differenza tkun meta operatur ikollu obbligu ta' konformità skont sistema ta' MRV eliġibbli u l-perjodu ta' rapportar ikun iqsar minn sena kalendarja, iżda tal-anqas tliet xhur. Pereżempju, jekk il-perjodu ta' rapportar ikun ta' tliet xhur, l-importatur jista' juża d-*data* tal-ewwel trimestru tal-operatur fir-rapport tas-CBAM tat-tieni trimestru tiegħu, u jkompli sejjer hekk.

Ħu nota li rapport tas-CBAM li jkun diġà ġie ppreżentat xorta jista' jiġi kkoreġut<sup>21</sup> sa xahrejn wara t-tmiem tat-trimestru tar-rapportar. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta data aktar akkurata dwar l-emissjonijiet integrati ssir disponibbli għall-importatur wara l-iskadenza tar-rapportar. Filwaqt li jirrikonoxxi d-diffikultà li jiġu stabbiliti sistemi ta' MRV fil-ħin, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jippermetti perjodu itwal għall-korrezzjonijiet għall-ewwel żewġ rapporti trimestrali, li huwa sal-iskadenza għat-tielet rapport trimestrali. Dan ifisser li r-rapporti dovuti sal-31 ta' Jannar u sat-30 ta' April 2024 jistgħu sussegwentement jiġu kkoreġuti sal-31 ta' Lulju 2024.

#### 4.3.5 Governanza tas-CBAM

Illustrazzjoni 4-1: Ħarsa ġenerali lejn ir-responsabbiltajiet ta' rapportar fil-perjodu tranżitorju tas-CBAM



Għal spjegazzjoni tan-numri (relatati mal-fluss tax-xogħol), jekk jogħġbok ara t-test ewlieni hawn taħt.

Kif muri b'mod skematiku fl-Illustrazzjoni 4-1, is-sistema ta' governanza u l-flussi tax-xogħol fil-perjodu tranżitorju tas-CBAM isegwu l-passi sekwenzjali ta' hawn taħt (in-numerazzjoni tal-paragrafi ssegwi n-numri ħomor fl-illustrazzjoni):

1. L-importatur (dikjarant tar-rapportar) jirċievi oġġetti tas-CBAM minn diversi installazzjonijiet, possibbilment minn pajjiżi differenti barra mill-UE.
2. Għal kull importazzjoni, l-importatur jippreżenta d-dikjarazzjoni doganali tas-soltu. L-awtorità doganali tal-Istat Membru rilevanti tal-UE tivverifika u tapprova l-importazzjoni, b'has-soltu.
3. L-awtorità doganali (jew is-sistema tal-IT użata) tinforma lill-Kummissjoni Ewropea (bl-użu tar-Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM) b'din l-importazzjoni. Imbagħad, din l-informazzjoni tista' tintuża sabiex jiġu vverifikati l-kompletezza u l-akkuratezza tar-rapporti trimestrali tas-CBAM.

<sup>21</sup> L-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

4. Id-dikjarant tar-rapportar jitlob id-*data* rilevanti dwar l-emissjonijiet integrati speċifiċi tal-oġġetti tas-CBAM importati mill-operaturi (fil-prattika, dan jista' jinvolvi negozjanti intermedjarji, li jkollhom jibagħtu t-talba lill-operatur tal-installazzjoni li pproduċiet l-oġġetti tas-CBAM). Dawn tal-aħħar iwieġbu billi jibagħtu d-*data* mitluba, jekk possibbli billi jużaw il-mudell ipprovdut għal dan l-għan mill-Kummissjoni. Id-*data* tista' tiġi vverifikata b'mod volontarju minn verifikatur terz.
5. Imbagħad, id-dikjarant tar-rapportar ikun jista' jissottometti r-rapport trimestrali tas-CBAM lir-Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM.
6. Iseħħ skambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-UE. Il-Kummissjoni tinforma (fuq il-bażi tad-*data* doganali), liema dikjaranti tar-rapportar huma mistennijin jissottomettu rapporti tas-CBAM. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli fuq il-post tar-rapporti attwali u tivverifika l-kompletezza tagħhom fir-rigward tad-*data* doganali. Meta jiġu identifikati irregolaritajiet, il-Kummissjoni tinforma lill-awtorità kompetenti b'dan. Imbagħad, l-awtorità kompetenti ssegwi, normalment billi tikkuntattja lill-importatur u titlob rettifika tal-irregolarità, jew is-sottomissjoni tar-rapport tas-CBAM nieqes. Jekk id-dikjarant tar-rapportar ma jirregolarizzax l-iżbalji, l-awtorità kompetenti fl-aħħar mill-aħħar tista' timponi penali (finanzjarja).
7. (Mhux murija fl-illustrazzjoni u mhux meħtieġa mil-leġiżlazzjoni, iżda fl-interess proprju tal-importatur): sabiex jiġu evitati problemi simili fil-futur, l-importatur li jkun irċieva penali għandu jinforma lill-operatur bil-problema/i identifikata/i mill-Kummissjoni jew mill-awtorità kompetenti sabiex jindirizza l-kwistjoni(jiet) għal sottomissjonijiet futuri.

#### 4.3.6 *Proċessar attiv*

Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jiddefinixxi diversi proċeduri speċjali. “Proċessar attiv”<sup>22</sup> tfisser li oġġett jiġi importat fl-UE għall-proċessar b'sospensjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni u tal-VAT. Wara l-operazzjonijiet ta' proċessar, il-prodotti proċessati jew l-oġġetti importati oriġinali jistgħu mbagħad jiġu esportati mill-ġdid jew irrilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-UE. Dan tal-aħħar jimplika l-obbligu li jitħallsu d-dazju u t-taxxi fuq l-importazzjoni, kif ukoll l-applikazzjoni ta' miżuri tal-politika kummerċjali.

Dan il-prinċipju huwa estiż għas-CBAM, jiġifieri fil-każ ta' esportazzjoni mill-ġdid, ma jirriżulta l-ebda obbligu għar-rapportar skont is-CBAM għall-oġġetti mqegħdin taħt proċessar attiv. Madankollu, jekk l-oġġett tas-CBAM jiġi rilaxxat fis-suq tal-UE wara l-proċessar attiv, jew bħala l-oġġett oriġinali jew modifikat, jinħoloq obbligu ta' rapportar tas-CBAM.

Għall-oġġetti attwalment importati wara li jkun qiegħdu taħt proċessar attiv, il-perjodu li fih iridu jiġu inklużi fir-rapport tas-CBAM jiġi ddeterminat sad-data tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-UE. Għal din ir-raġuni, f'xi każijiet l-oġġetti jista' jkollhom jiġu rrapportati fil-qafas tas-CBAM għalkemm qiegħdu taħt proċessar attiv qabel l-1 ta' Ottubru 2023.

<sup>22</sup> Ara: [https://taxation-customs.ec.europa.eu/customs-4/customs-procedures-import-and-export-0/what-importation/inward-processing\\_mkt](https://taxation-customs.ec.europa.eu/customs-4/customs-procedures-import-and-export-0/what-importation/inward-processing_mkt)

L-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprovdi xi rekwiżiti speċjali ta' rapportar għall-oġġetti rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera wara l-proċessar attiv għall-finijiet tar-rapporti trimestrali tas-CBAM:

- Jekk l-oġġett ma jkunx ġie mmodifikat matul il-proċessar attiv, għandhom jiġu rrapportati l-kwantitajiet tal-oġġett rilaxxat tas-CBAM u l-emissjonijiet integrati ta' dawk il-kwantitajiet; il-valuri huma l-istess bħall-oġġett imqiegħed taħt proċessar attiv. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll il-pajjiż ta' oriġini u l-installazzjonijiet fejn ġew prodotti l-oġġetti, jekk dawn ikunu magħrufin;
- Jekk l-oġġett ikun ġie mmodifikat, u l-prodott tal-proċessar attiv ma jibqax jikkwalifika bħala oġġett tas-CBAM, allura l-kwantitajiet tal-oġġett oriġinali u l-emissjonijiet integrati ta' dawk il-kwantitajiet oriġinali għad iridu jiġu rrapportati. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll il-pajjiż ta' oriġini u l-installazzjonijiet fejn ġew prodotti l-oġġetti, jekk dawn ikunu magħrufin;
- Jekk l-oġġett ikun ġie mmodifikat, u l-prodott tal-proċessar attiv ikun oġġett tas-CBAM, f'dak il-każ għandhom jiġu rrapportati l-kwantitajiet u l-emissjonijiet integrati tal-oġġett rilaxxat fis-suq. Jekk il-proċessar attiv isir f'installazzjoni tal-EU ETS, għandu jiġi rrapportat ukoll il-prezz tal-karbonju dovut. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll il-pajjiż ta' oriġini u l-installazzjonijiet fejn ġew prodotti l-oġġetti, jekk dawn ikunu magħrufin;
- Meta l-oriġini tal-oġġett użat għall-proċessar attiv ma tkunx tista' tiġi ddefinita, l-emissjonijiet integrati għandhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-emissjonijiet integrati medji ponderati tat-totalità tal-oġġetti mqiegħdin taħt il-proċedura ta' proċessar attiv għall-istess kategorija ta' oġġetti aggregati.

## 5 OĠĠETTI U ROTOT TAL-PRODUZZJONI TAS-CBAM

### 5.1 Daħla għat-taqsimiet speċifiċi għas-setturi

It-taqsimiet li ġejjin jipprovdu ħarsa ġenerali lejn ir-rotot tal-produzzjoni differenti għall-oġġetti elenkati fl-Anness I tar-Regolament CBAM għas-setturi tas-siment, tal-idroġenu, tal-fertilizzanti, tal-ħadid u l-azzar, u tal-aluminju. Din it-taqsimiet tittratta l-ispeċifikazzjoni tal-prodotti koperti mis-CBAM u r-rotot tal-produzzjoni rilevanti. Din hija maħsuba sabiex tgħinek, bħala d-dikjarant tar-rapportar, tidentifika l-oġġetti tas-CBAM importati u sabiex tifhem il-bażi għall-emissjonijiet integrati speċifiċi għal dawn l-oġġetti li jiġu rrapportati lilek mill-produttur.

#### **Dijagrammi użati fit-taqsimiet li ġejjin.**

**Għall-grafika tal-limiti tas-sistema** ppreżentata fit-taqsimiet ta' hawn taħt, jiġu applikati l-konvenzjonijiet li ġejjin:

- Il-proċessi tal-produzzjoni (li għalihom isir il-monitoraġġ tal-emissjonijiet diretti) jidhru bħala rettangoli; Il-materjali jidhru f'kaxxi b'kantunieri ttondjati.
- Il-proċessi fakultattivi (eż. CCS/CCU) jidhru f'kaxxi blu. B'mod partikolari, is-CCS/is-CCU ma jiġux ikkunsidrati għall-iżvilupp tal-valuri prestabbiliti, iżda meta int, bħala operatur, tużahom, għandhom jitqiesu l-emissjonijiet jew l-iffrankar tal-emissjonijiet relatati sabiex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet integrati attwali.
- Il-materjali li jitqiesu li ma għandhom l-ebda emissjoni integrata jintwerew f'kaxxi ħomor, il-materjali b'emissjonijiet integrati (il-materjali prekursori rilevanti u l-prodotti finali, jiġifieri oġġetti fil-qafas tas-CBAM) f'kaxxi ħodor. L-oġġetti sempliċi jintwerew b'tipa normali, l-oġġetti kumplessi b'tipa grassa.
- Il-materjali ta' input jiġu ppreżentati mingħajr ma jippruvaw ikunu kompluti. Dan ifisser li l-enfasi hija fuq materjali li huma rilevanti sabiex jintwerew id-differenzi bejn ir-rotot tal-produzzjoni differenti. B'konsegwenza ta' dan, materjali ta' input anqas importanti u b'mod partikolari l-fjuwils normalment jiġu barra sabiex il-graffs jinżammu sempliċi.
- Nota: Il-proċessi tas-CCS/tas-CCU huma indikati fil-katina tal-valur tas-siment li ġejja Illustrazzjoni 5-1 bħala eżempju. Sabiex il-graffs jinżammu raġonevolment sempliċi, dan ma jintweriex f'setturi oħrajn, iżda applikabbli bl-istess mod hemmhekk.

L-elettriku bħala input jintwera biss f'każijiet li fihom huwa l-“prekursor” ewlieni tal-proċess (jiġifieri b'mod partikolari għal fran bl-ark elettriku u proċessi ta' elettroliżi).

### 5.2 L-identifikazzjoni tal-oġġetti tas-CBAM

Din it-taqsimiet tispjega kif l-oġġetti koperti mis-CBAM huma ddefiniti u identifikati fir-Regolament. Il-kaxxa testwali ta' hawn taħt tindika t-taqsimiet ewlenin għad-definizzjoni u għar-rapportar ta' oġġetti tas-CBAM, rilevanti għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM.

---

*Referenzi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni:*

**L-Anness II**, it-Taqsimiet 2, it-Tabella 1 Immappjar tal-kodiċijiet NM għall-Kategoriji ta' oġġetti aggregati.

---

### 5.2.1 *Speċifikazzjonijiet tal-prodott*

Is-sistema ta' klassifikazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (NM)<sup>23,24</sup> tiddefinixxi l-karatteristiċi essenzjali tal-oġġetti u tintuża sabiex tidentifika dawk l-oġġetti tas-settur fl-ambitu għas-CBAM.

Is-sistema ta' klassifikazzjoni tal-“ispeċifikazzjoni tal-prodott” tan-NM tinkludi żewġ partijiet, l-ewwel waħda sistema numerika ta' numerazzjoni b'4, b'6 jew bi 8 ċifri, li tirrifletti livelli differenti ta' diżaggregazzjoni tal-prodotti, u t-tieni, deskrezzjoni qasira tat-test ta' kull kategorija tal-prodotti li tagħti l-karatteristiċi essenzjali tagħha. L-ewwel sitt ċifri huma identiċi għall-klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA) użata fil-kummerċ internazzjonali u ż-żewġ ċifri li jifdal huma żidiet speċifiċi għall-UE.

Iż-żewġ partijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-prodotti tal-oġġetti jingħataw fl-Anness I tar-Regolament CBAM, iżda xi mkien ieħor fit-test dan jista' jitqassar ukoll għall-kodiċi numeriku biss, għall-faċilità ta' referenza.

### 5.2.2 *L-identifikazzjoni tal-oġġetti fil-kamp ta' applikazzjoni għar-Regolament CBAM*

Inti, bħala d-dikjarant tar-rapportar, l-ewwel għandek tistabbilixxi liema oġġetti importati jaqgħu taħt l-ambitu tas-CBAM. Għandek tivverifika u tqabbel il-firxa sħiħa ta' oġġetti importati mal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott mogħtija fl-Anness I tar-Regolament CBAM sabiex tistabbilixxi liema oġġetti huma fl-ambitu tas-CBAM.

It-taqsimiet li ġejjin jipprovdu aktar informazzjoni sabiex jgħinuk f'dan il-proċess billi jelenkaw l-oġġetti tas-CBAM rilevanti għal kull settur. Il-prekursuri rilevanti huma identifikati wkoll sabiex jiffaċilitaw il-kontrolli tiegħek tad-*data* li tiġi rrapportata lilek mill-produtturi tal-oġġetti li int qed timporta fl-UE. Jekk l-operatur jirrapporta informazzjoni għall-prekursuri li ma humiex identifikati bi tqabbel mal-oġġetti tas-CBAM kif muri f'dan id-dokument ta' gwida, huwa rrakkomandat li tfittex kjarifika mingħand l-operatur dwar jekk dan ġiex irrapportat b'mod korrett<sup>25</sup>.

*Spjegazzjoni aktar dettaljata tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-limiti tas-sistema rilevanti tal-oġġetti hija ppreżentata fid-dokumenti ta' gwida għall-operaturi ta' installazzjonijiet mhux tal-UE li jipproduċu oġġetti tas-CBAM.*



<sup>23</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

<sup>24</sup> Għal aktar informazzjoni dwar id-definizzjonijiet tan-NM għall-oġġetti, ara l-bażi tad-*data* tal-Eurostat RAMON għall-2022 fuq: [https://ec.europa.eu/eurostat/ramon/nomenclatures/index.cfm?TargetUrl=LST\\_NOM\\_DTL&StrNom=CN\\_2022](https://ec.europa.eu/eurostat/ramon/nomenclatures/index.cfm?TargetUrl=LST_NOM_DTL&StrNom=CN_2022)

<sup>25</sup> Hu nota li huwa possibbli li l-istess kategorija ta' oġġetti tkun applikabbli kemm għall-oġġett prodott kif ukoll għall-prekursur użat sabiex jiġi prodott dak l-oġġett. Dan huwa rilevanti għall-oġġetti tas-setturi tal-ħadid u l-azzar, tal-aluminju u tal-fertilizzanti.

## Il-limiti għall-proċessi tal-produzzjoni li jipproduċu l-oġġetti

Sabiex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet integrati ta' gassijiet serra tal-prodotti tas-CBAM, il-limiti tal-proċessi tal-produzzjoni li jipproduċu dawn l-oġġetti jridu jiġu ddefiniti mill-operatur<sup>26</sup>. Sabiex jagħmel dan, l-operatur jeħtieġu jidentifika liema flussi ta' materjali u ta' enerġija li jista' jkollhom impatt fuq l-emissjonijiet jiffurmaw parti mill-proċess tal-produzzjoni tas-CBAM. Ladarba jkunu ġew iddefiniti l-limiti tas-sistema għall-proċess tal-produzzjoni, l-emissjonijiet assoċjati mal-produzzjoni tal-oġġett jistgħu jiġu mmonitorjati.

Huwa importanti wkoll li jiġi ċċarat liema proċessi upstream (eż. il-produzzjoni ta' oġġetti prekursori) u attivitajiet downstream (eż. il-laminazzjoni jew l-ikkastjar, it-tindif u l-kisi ta' prodotti tal-azzar) iseħħu fl-istess installazzjoni. Dan għaliex jistgħu japplikaw regoli differenti ta' monitoraġġ għal dawn l-attivitajiet u jista' jkun meħtieġ li jiġi ddefinit proċess tal-produzzjoni separat.

Meta installazzjoni tipproduċi aktar minn kategorija waħda ta' oġġett aggregat tas-CBAM, l-operatur għandu jaqsam l-installazzjoni fi proċessi tal-produzzjoni separati sabiex l-emissjonijiet minn kull proċess tal-produzzjoni jiġu mmonitorjati separatament. Fl-aħħar mill-aħħar, l-emissjonijiet integrati attribwiti lill-oġġetti prodotti mill-proċessi tal-produzzjoni differenti xorta għandhom jammontaw għal 100 % tal-emissjonijiet totali rilevanti tal-installazzjoni.

### 5.3 Settur tas-siment

Il-kaxxa testwali ta' hawn tindika t-taqsimiet speċifiċi għas-settui fir-Regolament ta' Implimentazzjoni, rilevanti għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM.

---

#### Referenzi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni:

- **L-Anness II**, it-Taqsima 2, it-Tabella 1 Immappjar tal-kodiċijiet NM għall-Kategoriji ta' oġġetti aggregati.
  - **L-Anness II**, it-Taqsima 3 Rotot tal-produzzjoni, limiti tas-sistema, u prekursori rilevanti, kif speċifikat fis-subtaqsimiet: 3.2 – Tafal ikkalċinat, 3.3 – Klinker tas-siment, 3.4 – Siment, 3.5 – Siment tal-allumi.
- 

#### 5.3.1 L-unità tal-produzzjoni u l-emissjonijiet integrati għas-settur tal-industrija

Il-kwantità ta' oġġetti tas-siment iddikjarati importati fl-UE għandha tiġi espressa f'tunnellati metriċi. Bħala dikjarant tar-rapportar, għandek tirrapporta l-kwantità ta' oġġett(i) tas-CBAM importat(i) fl-UE.

---

Is-settur industrijali	Siment
Unità ta' produzzjoni tal-oġġetti	Tunnellati (metriċi), irrapportati separatament għal kull tip ta' oġġett tas-CBAM prodott, skont l-installazzjoni jew il-proċess tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini.

---

---

<sup>26</sup> "Operatur" tfisser kwalunkwe persuna li topera jew tikkontrolla installazzjoni f'pajjiż terz

<b>Is-settur industrijali</b>	Siment
<b>Attivitajiet assoċjati</b>	Il-produzzjoni ta' klinkers tas-siment u ta' tafal ikkalċinat, it-tħin u t-taħlit ta' klinkers tas-siment għall-produzzjoni tas-siment.
<b>L-emissjonijiet ta' gassijiet serra rilevanti</b>	Diossidu tal-karbonju (CO <sub>2</sub> )
<b>Emissjonijiet Diretti</b>	Tunnellati (metriċi) ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub>
<b>Emissjonijiet Indiretti</b>	Il-kwantità ta' elettriku kkonsmat (MWh), is-sors u l-fattur tal-emissjonijiet użat għall-kalkolu tal-emissjonijiet indiretti f'tunnellati (metriċi) ta' CO <sub>2</sub> jew ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> . <i>Għandhom jiġu rrapportati b'mod separat matul il-perjodu tranżitorju.</i>
<b>Unità għall-emissjonijiet integrati</b>	It-tunnellati ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti tas-CO <sub>2</sub> għal kull tunnellata ta' oġġett, irrapportati separatament għal kull tip ta' oġġett tas-CBAM, skont l-installazzjoni jew il-proċess tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini.

Is-settur tas-siment għandu jkoll kemm l-emissjonijiet diretti kif ukoll l-emissjonijiet indiretti fil-perjodu tranżitorju. L-emissjonijiet indiretti għandhom jiġu rrapportati separatament. L-emissjonijiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> (ekwivalenti ta' tCO<sub>2</sub>), għal kull tunnellata ta' output tajjeb. Din iċ-ċifra għandha tiġi kkalkolata għall-installazzjoni jew għall-proċess tal-produzzjoni speċifiku fil-pajjiż ta' oriġini.

It-taqsimiet li ġejjin jidentifikaw l-elementi tal-proċess tal-produzzjoni li għandhom jiġu inklużi għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' rapportar.

### 5.3.2 Definizzjoni u spjegazzjoni tal-oġġetti koperti

It-tabella ta' hawn taħt telenka l-oġġetti rilevanti fl-ambitu għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM fis-settur tal-industrija tas-siment. Il-kategorija ta' oġġetti aggregati fil-kolonna tax-xellug tiddefinixxi gruppi li għalihom "proċessi tal-produzzjoni" konġunti għandhom jiġu ddefiniti għall-finijiet ta' monitoraġġ.

Tabella 5-1: Oġġetti tas-CBAM fis-settur tas-siment

<b>Kategorija ta' oġġetti aggregati</b>	<b>Kodiċi NM</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
<b>Tafal ikkalċinat</b>	2507 00 80	Tafal kawliniku ieħor
<b>Klinker tas-siment</b>	2523 10 00	Klinkers tas-siment <sup>27</sup>

<sup>27</sup> Ma ssir l-ebda distinzjoni bejn tipi differenti ta' klinker, jiġifieri klinker tas-siment griż u klinker tas-siment abjad huma l-istess għall-finijiet tas-CBAM.



<b>Kategorija ta' oġġetti aggregati</b>	<b>Kodiċi NM</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
<b>Siment</b>	2523 21 00	Siment abjad ta' Portland, ikkulurit b'mod artifiċjali jew le
	2523 29 00	Siment ta' Portland ieħor
	2523 90 00	Simenti idrawliċi oħrajn
<b>Siment tal-allumi</b>	2523 30 00	Siment tal-allumi <sup>28</sup>

Sors: *Ir-Regolament CBAM, l-Anness I; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-Anness II.*

Il-kategoriji ta' oġġetti aggregati elenkati fit-tabella ta' hawn fuq jinkludu kemm oġġetti lesti tas-siment kif ukoll oġġetti prekursori (prodotti intermedji) li jiġu kkonsmati fil-produzzjoni tas-siment.

Għandhom jitqiesu biss il-materjali tal-input elenkati bħala prekursori rilevanti għal-limiti tas-sistema tal-proċess tal-produzzjoni kif speċifikat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni. It-Tabella 5-2 ta' hawn taħt telenka l-prekursuri skont il-kategorija tal-oġġetti aggregati u r-rotta tal-produzzjoni.

*Tabella 5-2: Kategoriji tal-oġġetti aggregati, ir-rotot tal-produzzjoni tagħhom u l-prekursuri rilevanti*

<b>Kategorija ta' Oġġetti Aggregati</b>	<b>Prekursuri rilevanti</b>
<b><i>Rotta tal-produzzjoni</i></b>	
Tafal ikkalċinat	Ebda
Klinker tas-siment	Ebda
Siment	Klinker tas-siment; tafal ikkalċinat (jekk jintuża fil-proċess).
Siment tal-allumi	Ebda

L-oġġetti prekursori ta' rilevanza huma l-“klinker tas-siment<sup>29</sup>” (kodiċi NM 2523 10 00), li tinkludi kemm il-klinker abjad (użat sabiex isir is-siment abjad) kif ukoll il-klinker griż, u t-“tafal ikkalċinat” (kodiċi NM 2507 00 80), li huwa sostitut tal-klinker u jista' jintuża sabiex jiġu mmodifikati l-proprjetajiet tas-siment prodott.

Dawn il-prekursuri huma definiti bħala oġġetti sempliċi, peress li l-kostitwenti tal-materja prima u l-fjuwils (kemm il-fjuwils fossili kif ukoll kwalunkwe fjuwil alternattiv) użati fil-manifattura tagħhom jitqiesu huma stess li għandhom emissjonijiet integrati żero.

L-oġġetti tas-siment lesti elenkati fi Tabella 5-1 jinkludu siment ta' Portland abjad, siment ta' Portland griż, simenti idrawliċi oħrajn u siment tal-allumi. Dawn l-oġġetti huma

<sup>28</sup> Magħruf ukoll bħala “Siment tal-Alluminat tal-Kalċju”.

<sup>29</sup> Ma ssir l-ebda distinzjoni bejn il-klinker griż u l-klinker abjad, l-operatur għandu japplika l-emissjonijiet integrati rilevanti tal-prekursor tal-klinker rilevanti użat.

ddefiniti bħala oġġetti kumplessi (bl-eċċezzjoni tas-siment tal-allumi) peress li jinkludu l-emissjonijiet integrati minn oġġetti prekursori.

Kostitwenti oħrajn użati fil-manifattura tas-siment, b'mod partikolari gagazza tal-forn tal-blast granulata, irmied li jtir u pozzolana naturali li jintużaw fil-manifattura ta' oġġetti oħrajn tas-siment idrawliku (inklużi simenti imħalltin jew "komposti") ma jitqisux li għandhom xi emissjoni integrata u ma humiex fl-ambitu għas-CBAM.

L-oġġetti tas-settur tas-siment huma prodotti numru għadd ta' rotot tal-proċess differenti, deskritti hawn taħt.

### **5.3.3 Definizzjoni u spjegazzjoni tal-proċessi u tar-rotot tal-produzzjoni rilevanti**

Il-limiti tas-sistema għall-prekursuri u għall-oġġetti tas-siment huma distinti u jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, jiżdiedu flimkien sabiex jinkludu l-proċessi kollha direttament jew indirettament marbutin mal-proċessi tal-produzzjoni għal dawn l-oġġetti, inklużi l-attivitajiet tal-input għall-proċess u l-attivitajiet tal-output mill-proċess.

#### **5.3.3.1 Proċess tal-produzzjoni tat-tafal ikkalċinat**

It-tafal ikkalċinat jista' jintuża bħala sostitut tal-klinker. It-tafal tal-kawlina li jiġi kkalċinat (metakawlina) jista' jiżdied mas-siment minflok il-klinker fi proporzjonijiet li jvarjaw sabiex jiġu mmodifikati l-proprjetajiet tat-taħlita tas-siment.

Hu nota li l-kodiċi NM għat-tafal ikkalċinat (kodiċi NM 2507 00 80) jinkludi tafal ieħor ukoll, li ma huwiex ikkalċinat u għalhekk mhuwiex soġġett għas-CBAM; f'dan il-każ, il-kwantitajiet ta' tafal mhux ikkalċinat importat xorta għadhom jiġu rrapportati, iżda b'emissjonijiet integrati żero u mingħajr rekwiżiti ta' monitoraġġ għall-produttur.

Ma hemm l-ebda prekursori rilevanti għat-tafal ikkalċinat.

#### **5.3.3.2 Proċess tal-produzzjoni tal-klinker tas-siment**

Il-klinker tas-siment huwa prodott f'impjanti tal-klinker (fran) bid-dekompożizzjoni termali tal-karbonat tal-kalċju sabiex jiffirma l-ossidu tal-kalċju, segwita mill-proċess tal-ikklinkerjar li fih l-ossidu tal-kalċju jirreaġixxi f'temperaturi għoljin mas-silika, mal-alumina u mal-ossidu ferruż sabiex jiffirma klinker. Il-klinkers griżi u bojod jistgħu jiġu prodotti skont it-temperatura tal-proċess u l-purità tal-materja prima.


Ma hemm l-ebda prekursori rilevanti għall-klinker tas-siment.

#### **5.3.3.3 Proċess tal-produzzjoni tas-siment**

Is-siment (minbarra s-siment tal-allumi) huwa ddefinit bħala prodott kumpless peress li huwa prodott minn klinker tas-siment prekursori rilevanti u possibbilment minn tafal ikkalċinat. Il-klinker tas-siment huwa mitħun u mħallat ma' ċerti kostitwenti oħrajn sabiex jiġi prodott il-prodott tas-siment lest. Skont it-taħlita ta' kostitwenti differenti, dan jista' jkun siment ta' Portland, siment imħallat (li fih taħlita ta' siment ta' Portland u kostitwenti idrawliċi oħrajn), jew simenti idrawliċi oħrajn.

L-Illustrazzjoni 5-1 li ġejja turi kif il-proċessi tal-produzzjoni tal-klinker tas-siment u tas-siment jirrelataw ma' xulxin.

Illustrazzjoni 5-1: Limiti tas-sistema tal-proċessi tal-produzzjoni tal-klinker tas-siment u tas-siment.




L-emissjonijiet diretti tal-proċess tal-produzzjoni tal-klinker jirriżultaw mill-kombustjoni tal-fjuwils, u mill-materja prima użata fil-proċess bħall-ġebbla tal-ġir. L-emissjonijiet diretti jistgħu jirriżultaw ukoll minn fjuwils użati għat-tnixxif tal-materjali użati sabiex isir il-prodott finali tas-siment. L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċessi.

#### 5.3.3.4 Proċess tal-produzzjoni tas-siment tal-allumi

Is-siment tal-allumi jitqies bħala oġġett sempliċi peress li jiġi prodott direttament mill-klinker tal-allumi permezz ta' proċess tal-produzzjoni kontinwu, u jintaħan mingħajr iż-żieda ta' aktar addittivi. Kwalunkwe emissjoni assoċjata mal-produzzjoni ta' kostitwenti tas-siment tal-allumi bħall-alumina (minn boksajt) titqies li ma taqax fl-ambitu għas-CBAM.

Ma hemm l-ebda prekursori rilevanti għas-siment tal-allumi.



L-emissjonijiet diretti jirriżultaw mill-kombustjoni ta' fjuwils fossili u ta' fjuwils alternattivi u minn materja prima bħall-ġebbla tal-ġir. L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċess.

### 5.3.4 Parametri ta' rapportar addizzjonali

It-tabella li ġejja telenka l-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta mill-operatur lilek bħala l-importatur, flimkien ma' data dwar l-emissjonijiet integrati, fil-komunikazzjoni tiegħu tad-data dwar l-emissjonijiet.

Tabella 5-3: Parametri addizzjonali tas-settur tas-siment mitlubin fir-rapport tas-CBAM

Kategorija ta' oġġetti aggregati	Parametru tar-rapportar
Tafal ikkalċinat <sup>30</sup>	– Jekk it-tafal huwiex ikkalċinat jew le.
Klinker tas-siment	– Xejn.
Siment	– Kontenut ta' klinker tas-siment espress bħala perċentwal.
Siment tal-allumi	– Xejn.

Dawn il-parametri addizzjonali jiddependu fuq l-oġġetti prodotti. Pereżempju, għas-simenti importati, jeħtieġ li jiġi rapportat il-kontenut totali tal-klinker.

<sup>30</sup> Hu nota li t-tafal li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2507 00 80 li ma jkunx ikkalċinat, jiġi assenjat emissjonijiet integrati ta' zero. Dawn għad iridu jiġu rapportati, iżda ma hemmx bżonn li tinkiseb xi informazzjoni addizzjonali mingħand il-produttur tat-tafal.

Se jkollok b'zonn tirrapporta l-parametri addizzjonali fir-Rapport tas-CBAM tiegħek meta l-oġġett finali jiġi importat fl-UE fil-qafas tas-CBAM.

Ħu nota li t-tafal li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2507 00 80 li ma huwiex ikkalċinat (li huwa assenjat emissjonijiet integrati ta' zero) għad irid jiġi rrapportat, iżda ma hemm b'zonn li tinkiseb l-ebda informazzjoni addizzjonali mingħand il-produttur tat-tafal.

## 5.4 Is-settur tal-kimika – Idroġenu

Il-kaxxa testwali ta' hawn taħt tindika taqsimiet speċifiċi għas-settur fir-Regolament ta' Implimentazzjoni, rilevanti għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM.

### Referenzi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni:

- **L-Anness II**, it-Taqsima 2, it-Tabella 1 Immappjar tal-kodiċijiet NM għall-kategoriji ta' oġġetti aggregati.
- **L-Anness II**, it-Taqsima 3 Rotot tal-produzzjoni, limiti tas-sistema, u prekursori rilevanti, kif speċifikati fis-subtaqsima: 3.6 – Idroġenu



### 5.4.1 Unità tal-produzzjoni u emissjonijiet integrati

Il-kwantità ta' idroġenu importat fl-UE għandha tiġi espressa f'tunnellati metriċi (bħala idroġenu pur). Bħala dikjarant tar-rapportar, għandek tirreġistra l-kwantità ta' idroġenu importat fl-UE.

Is-settur industrijali	Sustanzi kimiċi – Idroġenu
<b>Unità ta' produzzjoni tal-oġġetti</b>	Tunnellati (metriċi) ta' idroġenu pur, irrapportati separatament skont l-installazzjoni jew il-proċess tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini
<b>Attivitajiet assoċjati</b>	Il-produzzjoni tal-idroġenu bir-riformar bl-istim jew bl-ossidazzjoni parzjali tal-idrokarburi, l-elettroliżi tal-ilma, l-elettroliżi tal-Kloralkali jew il-produzzjoni tal-klorat tas-sodju.
<b>Gassijiet serra rilevanti</b>	Diossidu tal-karbonju (CO <sub>2</sub> )
<b>Emissjonijiet Diretti</b>	Tunnellati (metriċi) ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub>
<b>Emissjonijiet Indiretti</b>	Il-kwantità ta' elettriku kkonsmat (MWh), is-sors u l-fattur tal-emissjonijiet użat għall-kalkolu tal-emissjonijiet indiretti f'Tunnellati (metriċi) ta' CO <sub>2</sub> jew ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> . <i>Għandu jiġi rrapportat b'mod separat matul il-perjodu tranżitorju.</i>
<b>Unità għall-emissjonijiet integrati</b>	Tunnellati ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> għal kull tunnellata ta' oġġett, irrapportati separatament għal kull tip ta' oġġett, skont l-installazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini

Is-settur tal-idroġenu jrid iqis kemm l-emissjonijiet diretti kif ukoll l-emissjonijiet indiretti fil-perjodu tranżitorju. L-emissjonijiet indiretti għandhom jiġu rrapportati separatament<sup>31</sup>. L-emissjonijiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> (ekwivalenti ta' tCO<sub>2</sub>) għal kull tunnellata ta' output. Din iċ-ċifra għandha tiġi kkalkolata għall-installazzjoni jew għall-proċess tal-produzzjoni speċifiku fil-pajjiż ta' oriġini tiegħek.

It-taqsimiet li ġejjin jidentifikaw l-elementi tal-proċess tal-produzzjoni li għandhom jiġu inklużi għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' rapportar.

#### 5.4.2 *Definizzjoni u spjegazzjoni tal-oġġetti tas-CBAM tas-setturi koperti*

It-tabella ta' hawn taħt telenka l-oġġetti rilevanti fl-ambitu għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM fis-settur tal-industrija tal-idroġenu. Il-kategorija ta' oġġetti aggregati fil-kolonna tax-xellug tiddefinixxi gruppi li għalihom “proċessi tal-produzzjoni” konġunti għandhom jiġu ddefiniti għall-finijiet ta' monitoraġġ.

Tabella 5-4: *L-oġġetti tas-CBAM fis-settur tas-sustanzi kimiċi – l-idroġenu*

<b>Kategorija ta' oġġetti aggregati</b>	<b>Kodiċi NM tal-Prodott</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
<b>Idroġenu</b>	2804 10 000	Idroġenu

Sors: *Ir-Regolament CBAM, l-Anness I; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-Anness II.*

L-idroġenu huwa ddefinit bħala oġġett sempliċi billi l-materja prima u l-fjuwils użati fil-manifattura tiegħu jitqiesu li għandhom emissjonijiet integrati żero.

Ma hemm **l-ebda prekursor rilevanti** għall-idroġenu. Madankollu, l-idroġenu nnifsu jista' jkun prekursor rilevanti għal proċessi oħrajn, meta jiġi prodott separatament għall-użu bħala materja prima kimika għall-produzzjoni tal-ammonijaka, jew għall-produzzjoni ta' ħadid fondut grezz jew ta' ħadid ridott direttament (DRI).

Il-produzzjoni tal-idroġenu ssir permezz ta' numru ta' rotot tal-proċess differenti, deskritti hawn taħt.


#### 5.4.3 *Definizzjoni u spjegazzjoni tal-proċessi u tar-rotot tal-produzzjoni rilevanti*

L-idroġenu jista' jiġi prodott minn diversi tipi ta' materja prima inkluż skart tal-plastik, iżda bħalissa huwa derivat l-aktar mill-fjuwils fossili. L-unitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu tipikament jiġu integrati fi proċessi industrijali akbar, pereżempju fir-rigward ta' installazzjoni li tipproduċi l-ammonijaka.

Id-dijagramma li ġejja turi l-varjetà ta' rotot differenti li bihom jista' jiġi prodott l-idroġenu.

<sup>31</sup> Hu nota li, għal dan is-settur, l-emissjonijiet indiretti huma rrapportati biss matul il-perjodu tranżitorju (u mhux matul il-perjodu definitiv).

Illustrazzjoni 5-3: Il-limiti tas-sistema ta' rotot tal-produzzjoni differenti għall-idroġenu – ħarsa ġenerali



Il-limiti tas-sistema għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet diretti għall-idroġenu jinkludu l-proċessi kollha relatati direttament jew indirettament mal-produzzjoni tal-idroġenu, u l-fjuwils kollha użati fil-produzzjoni tal-idroġenu.

Ħu nota li huma possibbli rotot oħrajn tal-produzzjoni għall-idroġenu, eż. l-idroġenu prodott bħala prodott sekondarju mill-produzzjoni tal-etilen, iżda li għandha titqies biss il-produzzjoni ta' idroġenu pur jew ta' taħlitiet ta' idroġenu man-nitroġenu li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni tal-ammonijaka. Fost dawk mhux koperti hemm il-produzzjoni ta' gass ta' sinteżi jew ta' idroġenu fir-raffineriji jew fl-installazzjonijiet kimiċi organiċi, fejn l-idroġenu jintuża esklużivament f'dawk l-impjanti u ma jintużax għall-produzzjoni ta' oġġetti skont ir-Regolament CBAM.

#### 5.4.3.1 Idroġenu - Rotta tal-produzzjoni bir-riformar bl-istim

Il-materja prima tal-gass naturali għal dan il-proċess tiġi kkonvertita f'diossidu tal-karbonju u f'idroġenu permezz ta' riformar bl-istim primarju u sekondarju. Ir-reazzjoni kumplessiva hija endotermika ħafna u s-sħana tal-proċess hija fornita bil-kombustjoni tal-gass naturali jew ta' fjuwil gassuż ieħor. Il-proċess jikkonverti kważi l-monossidu tal-karbonju prodott kollu f'diossidu tal-karbonju.

Il-fluss tad-diossidu tal-karbonju prodott mill-proċess ta' riformar bl-istim huwa pur ħafna u jiġi sseparat u jinqabad għal użu ulterjuri, eż. għall-produzzjoni tal-urea. Varjazzjoni f'dan il-proċess hija r-riformar bl-istim bil-qbid u bis-sekwestru tal-karbonju (CCS).

#### 5.4.3.2 Idroġenu - Ossidazzjoni parzjali tar-rotta tal-produzzjoni tal-idrokarburi (gassifikazzjoni)

L-idroġenu jiġi prodott bl-ossidazzjoni parzjali (gassifikazzjoni) tal-idrokarburi, tipikament minn materja prima tqila bħal żjut tqal residwi jew faħam u saħansitra skart tal-plastik. Il-monossidu tal-karbonju prodott bil-proċess kważi kollu jiġi kkonvertit f'diossidu tal-karbonju.

L-emissjonijiet diretti għar-riformar bl-istim u għar-rotot tal-produzzjoni bl-ossidazzjoni parzjali jirriżultaw mill-kombustjoni tal-fjuwil u mill-materjali tal-proċess użati għat-

tisfija mill-impuritajiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija. Il-fluss tad-diossidu tal-karbonju prodott bil-proċess huwa ta' purità għolja u jiġi sseparat u jinqabad għal użu ulterjuri. L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċess.

#### 5.4.3.3 *Idroġenu - Rotta tal-produzzjoni tal-elettroliżi tal-ilma*

L-elettroliżi tal-ilma hija proċess tal-produzzjoni indipendenti u mhux integrat li jipproduċi fluss pur ħafna ta' gass tal-idroġenu. L-emissjonijiet diretti tad-diossidu tal-karbonju minn dan il-proċess huma minimi. L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċess. L-idroġenu prodott mill-elettriku rinnovabbli jista' jsir rilevanti fil-futur.

#### 5.4.3.4 *Idroġenu - Rotta tal-produzzjoni tal-elettroliżi tal-kloralkali (u l-produzzjoni tal-klorati)*

L-idroġenu jiġi prodott bħala prodott sekondarju tal-elettroliżi tas-salmura, flimkien mal-produzzjoni simultanja tal-kloru u tal-idrossidu tas-sodju. Hemm tliet tekniki bażiċi tal-proċess tal-kloralkali: iċ-ċellola tal-merkurju, iċ-ċellola tad-dijaframma u iċ-ċellola tal-membrana. It-tliet tekniki taċ-ċelloli kollha jipproduċu l-idroġenu, li jiġi ffurmat fil-katodu taċ-ċelloli u li jħalli iċ-ċellola f'purità għolja ħafna. Il-gass tal-idroġenu prodott jitekessah, jitnixxef u jiġi ppurifikat sabiex jitneħħa l-fwar tal-ilma u impuritajiet oħrajn inkluż f'xi każijiet l-ossiġenu, u mbagħad jiġi kkompresat u jinħażen jew jiġi esportat barra mis-sit.

L-emissjonijiet diretti mir-rotta tal-produzzjoni tal-Kloralkali jirriżultaw mill-użu tal-fjuwil direttament jew indirettament marbutin mal-proċess tal-produzzjoni u mill-materjali tal-proċess użati għat-tisfija mill-impuritajiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija. L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċess.

### 5.4.4 *Parametri ta' rapportar addizzjonali*

It-tabella li ġejja telenka l-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta mill-operatur, flimkien ma' data dwar l-emissjonijiet integrati, fil-komunikazzjoni tiegħu tad-data dwar l-emissjonijiet lilek bħala l-importatur.

Se jkollok bżonn tirrapporta l-parametri addizzjonali fir-Rapport tas-CBAM tiegħek meta l-oġġett finali jiġi importat fl-UE fil-qafas tas-CBAM.

Tabella 5-5: Parametri addizzjonali tas-settur tas-sustanzi kimiċi koperti fir-rapport tas-CBAM

<b>Kategorija ta' oġġetti aggregati</b>	<b>Rekwiżit ta' rapportar fir-rapport trimestrali</b>
Idroġenu	– Ebda

Ma hemm l-ebda rapportar addizzjonali meħtieġ għall-idroġenu prodott.

## 5.5 **Settur tal-fertilizzanti**

Il-kaxxa testwali ta' hawn tindika t-taqsimiet speċifiċi għas-settur fir-Regolament ta' Implimentazzjoni, rilevanti għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM.



---

**Referenzi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni:**

- **L-Anness II** it-Taqsima 2, it-Tabella 1 Immappjar tal-kodiċijiet NM mal-kategoriji ta' oġġetti aggregati.
  - **L-Anness II**, it-Taqsima 3 Rotot tal-produzzjoni, limiti tas-sistema, u prekursori rilevanti, kif speċifikat fis-subtaqsimiet: 3.7 – Ammonijaka; 3.8 – Aċidu niriku; 3.9 – Urea; 3.10 – Fertilizzanti mħalltin.
- 

**5.5.1 Unità tal-produzzjoni u emissjonijiet integrati**

Il-kwantità ta' oġġetti ddikjarati tas-settur tal-fertilizzanti li fihom in-nitroġenu importati fl-UE għandha tiġi espressa f'tunnellati metriċi. Bħala dikjarant tar-rapportar, għandek tirrapporta l-kwantità ta' oġġetti tas-CBAM importata fl-UE.

---

<b>Is-settur industrijali</b>	<b>Fertilizzanti</b>
<b>Unità ta' produzzjoni tal-oġġetti</b>	Tunnellati (metriċi) <sup>32</sup> , irrapportati separatament għal kull tip ta' oġġetti settorjali, skont l-installazzjoni jew il-proċess tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini
<b>Attivitajiet assoċjati</b>	Il-produzzjoni ta' prekursori kimiċi għall-produzzjoni ta' fertilizzanti nitroġenużi, il-produzzjoni ta' fertilizzanti nitroġenużi permezz ta' taħlit fiżiku jew reazzjoni kimika, u l-proċessar fil-forma finali tagħhom.
<b>L-emissjonijiet ta' gassijiet serra rilevanti</b>	Diossidu tal-karbonju (CO <sub>2</sub> ) u ossidu nitruż (N <sub>2</sub> O)
<b>Emissjonijiet Diretti</b>	Tunnellati (metriċi) ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub>
<b>Emissjonijiet indiretti</b>	Il-kwantità ta' elettriku kkonsmat (MWh), is-sors u l-fattur tal-emissjonijiet użat għall-kalkolu tal-emissjonijiet indiretti f'Tunnellati (metriċi) ta' CO <sub>2</sub> jew ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> . <i>Għandu jiġi rrapportat b'mod separat matul il-perjodu tranżitorju.</i>
<b>Unità għall-emissjonijiet integrati</b>	Tunnellati ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> għal kull tunnellata ta' oġġetti, irrapportati separatament għal kull tip ta' oġġetti, skont l-installazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini.

---

Is-settur tal-industrija tal-fertilizzanti jrid iqis kemm l-emissjonijiet diretti kif ukoll l-emissjonijiet indiretti fil-perjodu tranżitorju. L-emissjonijiet indiretti għandhom jiġu rrapportati separatament. L-emissjonijiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi ta'

---

<sup>32</sup> Għal ċerti oġġetti, il-kwantitajiet importati jeħtieġ li jiġu kkonvertiti f'tunnellati standardizzati li sussegwentement jintużaw għall-kalkolu tal-obbligu tas-CBAM. Pereżempju, għall-aċidu nitriku, is-soluzzjonijiet idruzi tal-ammonijaka u tal-fertilizzanti li fihom in-nitroġenu, se jkun hemm bżonn li jiġu ddikjarati b'mod espliċitu l-konċentrazzjoni ta' referenza / il-kontenut ta' nitroġenu (u l-forma tan-nitroġenu).

emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> (ekwivalenti ta' tCO<sub>2</sub>) għal kull tunnellata ta' output. Din iċ-ċifra għandha tiġi kkalkolata għall-installazzjoni jew għall-proċess tal-produzzjoni speċifiku fil-pajjiż ta' oriġini.

It-taqsimiet li ġejjin jidentifikaw l-elementi tal-proċess tal-produzzjoni li għandhom jiġu inklużi għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' rapportar.

### 5.5.2 *Definizzjoni u spjegazzjoni tal-oġġetti tas-CBAM tas-setturi koperti*

It-tabella ta' hawn taħt telenka l-oġġetti rilevanti fl-ambitu għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM fis-settur tal-industrija tal-fertilizzanti. Il-kategorija ta' oġġetti aggregati fil-kolonna tax-xellug tiddefinixxi gruppi li għalihom "proċessi tal-produzzjoni" konġunti għandhom jiġu ddefiniti għall-finijiet ta' monitoraġġ.

Tabella 5-6: *Oġġetti tas-CBAM fis-settur tal-fertilizzanti*

<b>Kategorija ta' oġġetti aggregati</b>	<b>Kodiċi NM tal-Prodott</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
<b>Aċidu nitriku</b>	2808 00 00	Aċidu nitriku; aċidi sulfonitriċi
<b>Urea</b>	3102 10	Urea, f' soluzzjoni milwiema jew le
<b>Ammonijaka</b>	2814	Ammonijaka, anidra jew f' soluzzjoni milwiema
<b>Fertilizzanti mħallta</b>	2834 21 00, 3102, 3105 - Għajr 3102 10 (Urea) u 3105 60 00	2834 21 00 – Nitrati tal-potassju 3102 – Fertilizzanti minerali jew kimiċi, nitroġenużi - Għajr 3102 10 (Urea) 3105 – Fertilizzanti minerali jew kimiċi li jkun fihom tnejn jew tlieta mill-elementi fertilizzanti nitroġenu, fosforu, u potassju; fertilizzanti oħra - Għajr: 3105 60 00 – Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom iż-żewġ elementi fertilizzanti fosforu u potassju <sup>33</sup>

Sors: *Ir-Regolament CBAM, l-Anness I; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-Anness II.*

Il-kategoriji ta' oġġetti aggregati elenkati fit-tabella ta' hawn fuq jinkludu kemm oġġetti ta' fertilizzant nitroġenuż lesti kif ukoll oġġetti prekursori kimiċi rilevanti (prodotti intermedji) li jiġu kkonsumati fil-produzzjoni ta' fertilizzant nitroġenuż.

Għandhom jitqiesu biss il-materjali tal-input elenkati bħala prekursori rilevanti għal-limiti tas-sistema tal-proċess tal-produzzjoni kif speċifikat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni,

<sup>33</sup> Il-fertilizzanti li fihom in-nitroġenu (N) biss għandhom emissjonijiet integrati sinifikanti, u għalhekk il-prekursuri tagħhom huma inklużi fis-CBAM.

li jiġu prodotti għall-użu fil-produzzjoni ta' fertilizzanti kimiċi<sup>34</sup>. It-Tabella 5-7 hawn taħt telenka l-prekursuri possibbli skont il-kategorija ta' oġġetti aggregati u r-rotta tal-produzzjoni.

Tabella 5-7: Il-kategoriji ta' oġġetti aggregati, ir-rotot tal-produzzjoni tagħhom u l-prekursuri possibbilment rilevanti

<b>Kategorija ta' Oġġetti Aggregati</b>	<b>Prekursuri rilevanti</b>
<b><i>Rotta tal-produzzjoni</i></b>	
Ammonijaka <i>Haber Bosch bir-riformar bl-istim</i> <i>Haber Bosch bil-gassifikazzjoni</i>	L-idroġenu, jekk jiġi prodott separatament għall-użu fil-proċess <sup>35</sup> .
Aċidu Nitriku	Ammonijaka (bħala 100 % ammonijaka).
Urea	Ammonijaka (bħala 100 % ammonijaka).
Fertilizzant imħallat	Jekk jintużaw fil-proċess: l-ammonijaka (bħala 100 % ammonijaka), l-aċidu nitriku (bħala 100 % aċidu nitriku), l-urea, il-fertilizzanti mħalltin (b'mod partikolari l-imluħa li fihom l-ammonju jew in-nitrat).

Għall-produzzjoni ta' fertilizzant imħallat, mhux il-prekursuri kollha japplikaw f'kull każ. Barra minn hekk, il-fertilizzant imħallat innifsu jista' jintuża bħala prekursor għall-kategorija tiegħu stess, skont il-formulazzjoni finali tal-prodott tal-fertilizzant imħallat meħtieġ.

L-oġġetti finali tal-fertilizzanti kimiċi nitroġenużi prodotti mill-prekursuri rilevanti (bl-ingrossa f'impjanti integrati) huma ddefiniti bħala oġġetti kumplessi peress li jinkludu l-emissjonijiet integrati minn prodotti prekursori rilevanti.

Il-produzzjoni tal-oġġetti tas-settur tal-fertilizzanti hija skont in-numru ta' rotot tal-proċess differenti, spjegati hawn taħt.

### 5.5.3 *Definizzjoni u spjegazzjoni tal-proċessi u tar-rotot tal-produzzjoni rilevanti*


Il-limiti tas-sistema għall-prekursuri kimiċi u għall-fertilizzanti huma distinti u jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, jiżdiedu flimkien sabiex jinkludu l-proċessi kollha direttament jew indirettament marbutin mal-proċessi tal-produzzjoni għal dawn l-oġġetti, inklużi l-attivitajiet ta' input għall-proċess, u l-attivitajiet tal-output mill-proċess.

<sup>34</sup> Madwar 80 % tal-produzzjoni tal-ammonijaka kollha tintuża bħala prekursor kimiku għall-produzzjoni tal-fertilizzanti u madwar 97 % tal-fertilizzanti tan-nitroġenu huma derivati mill-ammonijaka.

<sup>35</sup> Meta l-idroġenu minn rotot tal-produzzjoni oħrajn jiżdied mal-proċess, dan għandu jiġi ttrattat bħala prekursor bl-emissjonijiet integrati tiegħu stess.

L-Illustrazzjoni 5-4 li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-proċessi u r-rotot tal-proċess differenti għall-produzzjoni ta' fertilizzant nitroġenu u tal-prekursuri rilevanti tiegħu.

*Illustrazzjoni 5-4: Limiti tas-sistema u katina tal-valur għall-produzzjoni ta' fertilizzant nitroġenu u tal-prekursuri tiegħu – ħarsa ġenerali*



L-urea tintuża bħala prekursor fil-produzzjoni ta' fertilizzant imħallat iżda tista' tintuża wkoll bħala fertilizzant konvenjenti waħedha minħabba l-kontenut għoli tagħha ta' nitroġenu.

Il-fertilizzanti mħalltin jinkludu t-tipi kollha ta' fertilizzanti li fihom in-nitroġenu (N), inklużi n-nitrat tal-ammonju, in-nitrat tal-kalċju u tal-ammonju, is-sulfat tal-ammonju, il-fosfati tal-ammonju, soluzzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju tal-urea, kif ukoll fertilizzanti tan-nitroġenu-fosforu (NP), tan-nitroġenu-potassju (NK) u tan-nitroġenu-fosforu-potassju (NPK).

### 5.5.3.1 Proċess tal-produzzjoni tal-ammonijaka

L-ammonijaka tiġi sintetizzata min-nitroġenu u mill-idroġenu permezz tal-proċess ta' Haber-Bosch. L-idroġenu għall-proċess jinkiseb permezz ta' waħda minn żewġ rotot tal-produzzjoni, permezz ta' riformar bl-istim tal-gass naturali (jew tal-bijogass), jew permezz ta' ossidazzjoni parzjali (gassifikazzjoni) ta' idrokarburi itqal bħall-faħam jew iż-żejt fjuwil. Bir-riformar bl-istim, il-gass naturali jiġi kkonvertit f'idroġenu u f'diossidu tal-karbonju (permezz ta' riformar bl-istim primarju u sekondarju). Ir-reazzjoni kumplessiva hija endotermika ħafna u s-sħana tal-proċess hija fornita bil-kombustjoni tal-gass naturali jew ta' fjuwil gassuż ieħor. Bl-ossidazzjoni parzjali (gassifikazzjoni) jiġi prodott gass ta' sinteżi li fih l-idroġenu, li jrid jiġi ppurifikat qabel ma jkun jista' jintuża għall-istadju tal-produzzjoni li jmiss. Imbagħad, l-ammonijaka tiġi ssintetizzata mill-idroġenu prodott jew mir-rotta tal-produzzjoni u min-nitroġenu miksub mill-arja, f'temperatura u fi pressjoni għoljin fil-preżenza ta' katalizzatur. Kwalunkwe monossidu tal-karbonju prodott permezz ta' riformar bl-istim jew gassifikazzjoni huwa kważi kollu kkonvertit f'diossidu tal-karbonju.

Jekk l-idroġenu li jiġi prodott separatament (jiġifieri bi proċess tal-produzzjoni differenti) jintuża fil-proċess, dan jiġi ttrattat bħala prekursor, bl-emissjonijiet diretti u indiretti integrati tiegħu stess.

L-emissjonijiet diretti għaż-żewġ rotot tal-produzzjoni jirriżultaw mill-kombustjoni tal-fjuwils, mill-użu tal-fjuwils bħala materja prima kimika għall-proċess, jew mill-materjali tal-proċess użati għat-tisfija mill-impuritajiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija. L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċess.

Hu nota li l-ammonijaka prodotta hija rrapportata bħala 100 % ammonijaka, kemm jekk f'forma idruża kif ukoll jekk f'forma anidra.

Hu nota ukoll li l-fluss tad-diossidu tal-karbonju mill-produzzjoni tal-ammonijaka huwa ta' purità għolja u f'ċerti kundizzjonijiet jista' jiġi sseparat, jinqabad u jiġi ttrasferit xi mkien ieħor għal użi oħrajn, eż. għall-produzzjoni tal-urea.

#### 5.5.3.2 *Proċess tal-produzzjoni tal-aċidu nitriku (u tal-aċidi sulfonitici)*

L-aċidu nitriku jiġi prodott l-aktar permezz tal-ossidazzjoni tal-ammonijaka bil-proċess ta' Ostwald. L-ammonijaka l-ewwel tiġi ossidata fil-preżenza ta' katalizzatur sabiex jiffirma l-ossidu tan-nitroġenu, li mbagħad jiġi ossidat ulterjorment għad-diossidu tan-nitroġenu, segwit mill-assorbiment fl-ilma f'torri ta' assorbiment sabiex jiffirma l-aċidu nitriku. Ir-reazzjoni hija eżotermika u s-sħana u l-enerġija jistgħu jiġu rkuprati għall-proċess.

L-ammonijaka (bħala 100 % ammonijaka) hija prekursor rilevanti, bl-emissjonijiet diretti u indiretti integrati tagħha stess.

L-emissjonijiet diretti jirriżultaw mill-kombustjoni tal-fjuwils fossili, mill-materjali użati għat-tisfija mill-impuritajiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija, u mill-emissjonijiet ta' N<sub>2</sub>O mill-proċess tal-produzzjoni (l-emissjonijiet ta' N<sub>2</sub>O mill-kombustjoni jiġu esklużi). L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċess.

Hu nota li l-aċidu nitriku prodott huwa rrapportat bħala 100 % aċidu nitriku.

#### 5.5.3.3 *Proċess tal-produzzjoni tal-urea*

L-urea tiġi ssintetizzata billi l-ammonijaka u d-diossidu tal-karbonju jirreaġixxu flimkien fi pressjoni għolja, sabiex jiffurmaw il-karbamat tal-ammonju, li mbagħad jiġi deidratat sabiex jiffirma l-urea.

L-ammonijaka (bħala 100 % ammonijaka) hija prekursor rilevanti, bl-emissjonijiet diretti u indiretti integrati tagħha stess.

L-ammonijaka u s-CO<sub>2</sub> ikkonsmati minn dan il-proċess tal-produzzjoni normalment jiġu kkonsenjati minn proċessi tal-produzzjoni oħrajn fl-istess sit.

#### 5.5.3.4 *Proċess tal-produzzjoni tal-fertilizzanti mħalltin*

Firxa wiesgħa ta' operazzjonijiet huma inklużi fil-produzzjoni ta' kull tip ta' nitroġenu li fih fertilizzanti mħalltin (speċjalment imluħa tal-ammonju u NP, NK u NPK), bħat-taħlit, in-newtralizzazzjoni<sup>36</sup>, il-formazzjoni ta' partikoli (bħal permezz ta' granulazzjoni jew prilling), irrispettivament minn jekk iseħħ biss taħlit fiżiku jew reazzjonijiet kimiċi.

---

<sup>36</sup> Fertilizzanti kimiċi li fihom in-nitroġenu jiġu prodotti bin-newtralizzazzjoni ta' aċidu mal-ammonijaka sabiex jiffirma l-melħ tal-ammonju korrispondenti. Il-fertilizzanti prodotti b'dan il-mod jinkludu n-

Il-prekursuri rilevanti għall-manifattura ta' fertilizzant imħallat huma l-ammonijaka (bħala 100 % ammonijaka), l-aċidu nitriku (bħala 100 % aċidu nitriku), l-urea u fertilizzanti mħalltin oħrajn (b' mod partikolari mluħa li fihom l-ammonju jew in-nitrat), jekk jintużaw fil-proċess.

L-emissjonijiet diretti jirriżultaw mill-kombustjoni tal-fjuwils fossili użati fil-proċess (bħal għall-magni tat-tnixxif, għall-materjali tal-input għat-tiġin) jew mill-materjali tal-proċess użati għat-tisfija mill-impuritajiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija. L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċess.

#### 5.5.4 Parametri ta' rapportar addizzjonali

It-tabella li ġejja telenka l-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta mill-operatur, flimkien ma' data dwar l-emissjonijiet integrati, fil-komunikazzjoni tiegħu tad-data dwar l-emissjonijiet lilek bħala l-importatur.

Tabella 5-8: Parametri addizzjonali tas-settur tal-fertilizzanti koperti fir-rapport tas-CBAM

Kategorija ta' oġġetti aggregati	Rekwiżit ta' rapportar fir-rapport trimestrali
Ammonijaka <sup>37</sup>	– Konċentrazzjoni, jekk soluzzjoni idruża.
Aċidu nitriku <sup>38</sup>	– Konċentrazzjoni (massa %).
Urea	- Purità (massa % ta' urea li jkun fiha, % N li jkun fiha).
Fertilizzanti mħalltin <sup>39,40</sup>	Kontenut ta' forom differenti ta' nitroġenu f'fertilizzant imħallat: <ul style="list-style-type: none"> <li>- Kontenut ta' N bħala ammonju (NH<sub>4</sub><sup>+</sup>);</li> <li>- Kontenut ta' N bħala nitrat (NO<sub>3</sub><sup>-</sup>);</li> <li>- Kontenut ta' N bħala Urea;</li> <li>- Kontenut ta' N f'forom (organiċi) oħrajn.</li> </ul>

nitrat tal-ammonju, in-nitrat tal-kalċju u tal-ammonju, is-sulfat tal-ammonju, il-fosfati tal-ammonju, in-nitrat tal-ammonju tal-urea.

<sup>37</sup> Kemm l-ammonijaka idruża kif ukoll dik anidra għandhom jiġu rrapportati b' mod konġunt bħala 100 % ammonijaka.

<sup>38</sup> L-ammonti ta' aċidu nitriku prodott għandhom jiġu mmonitorjati u rrapportati bħala 100 % aċidu nitriku

<sup>39</sup> L-ammonti ta' komposti differenti tan-nitroġenu li jinsabu fil-prodott finali għandhom jiġu rreġistrati f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE

<sup>40</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE.

Ara: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/2023-03-16>

Dawn il-parametri addizzjonali għandhom jiġu rrapportati meta rilevanti għall-oġġetti prodotti. Se jkollok bżonn tirrapporta l-parametri addizzjonali fir-Rapport tas-CBAM tiegħek meta l-oġġett finali jiġi importat fl-UE fil-qafas tas-CBAM.

## 5.6 Is-settur tal-Ħadid u tal-Azzar

Il-kaxxa testwali ta' hawn tindika t-taqsimiet speċifiċi għas-settur fir-Regolament ta' Implimentazzjoni, rilevanti għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM.

### Referenzi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni:

- **L-Anness II**, it-Taqsima 2, it-Tabella 1 Immappjar tal-kodiċijiet NM għall-kategoriji ta' oġġetti aggregati.
- **L-Anness II**, it-Taqsima 3 Rotot tal-produzzjoni, limiti tas-sistema, u prekursori rilevanti, kif speċifikati fis-subtaqsima: 3.11 – Minerali sinterizzati; 3.12 – Ferromanganiż, Ferrokromu, Ferronikil; 3.13 – Ħadid fondut grezz; 3.14 – DRI; 3.15 – Azzar grezz; 3.16 – Prodotti tal-ħadid jew tal-azzar.

### 5.6.1 Unità tal-produzzjoni u emissjonijiet integrati

Il-kwantità ta' oġġett tas-settur tal-ħadid u tal-azzar iddikjarat importat fl-UE għandha tiġi espressa f'tunnellati metriċi. Bħala dikjarant tar-rapportar, għandek tirrapporta l-kwantità ta' oġġetti tas-CBAM importata fl-UE.

Is-settur industrijali	Ħadid u azzar
<b>Unità ta' produzzjoni tal-oġġetti</b>	Tunnellati (metriċi), irrapportati separatament għal kull tip ta' oġġetti settorjali, skont l-installazzjoni jew il-proċess tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini
<b>Attivitajiet assoċjati</b>	Il-produzzjoni, it-tidwib jew ir-raffinar tal-ħadid jew tal-azzar jew tal-liġi tal-ħadid; il-manifattura ta' prodotti tal-azzar nofshom lesti u bażiċi.
<b>Gass serra rilevanti</b>	Diossidu tal-karbonju (CO <sub>2</sub> )
<b>Emissjonijiet Diretti</b>	Tunnellati (metriċi) ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub>
<b>Emissjonijiet Indiretti</b>	Il-kwantità ta' elettriku kkonsmat (MWh), is-sors u l-fattur tal-emissjonijiet użat għall-kalkolu tal-emissjonijiet indiretti f'Tunnellati (metriċi) ta' CO <sub>2</sub> jew ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> . <i>Għandu jiġi rrapportat b'mod separat matul il-perjodu tranżitorju.</i>
<b>Unità għall-emissjonijiet integrati</b>	Tunnellati ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> għal kull tunnellata ta' oġġetti, irrapportati separatament għal kull tip ta' oġġetti, skont l-installazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini

Is-settur tal-ħadid u tal-azzar għandu jqis kemm l-emissjonijiet diretti kif ukoll l-emissjonijiet indiretti fil-perjodu tranżitorju. L-emissjonijiet indiretti għandhom jiġu rrapportati separatament<sup>41</sup>. L-emissjonijiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> (ekwivalenti ta' tCO<sub>2</sub>) għal kull tunnellata ta' output. Din iċ-ċifra għandha tiġi kkalkolata għall-installazzjoni jew għall-proċess tal-produzzjoni speċifiku fil-pajjiż ta' oriġini.

It-taqsimiet li ġejjin jidentifikaw l-elementi tal-proċess tal-produzzjoni li għandhom jiġu inklużi għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' rapportar.

### 5.6.2 Definizzjoni u spjegazzjoni tal-oġġetti tas-CBAM tas-setturi koperti

It-tabella ta' hawn taħt telenka l-oġġetti rilevanti fl-ambitu għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM fis-settur tal-industrija tal-ħadid u l-azzar. Il-kategorija ta' oġġetti aggregati fil-kolonna tax-xellug tiddefinixxi gruppi li għalihom “proċessi tal-produzzjoni” konġunti għandhom jiġu ddefiniti għall-finijiet ta' monitoraġġ.

Tabella 5-9: Oġġetti tas-CBAM fis-settur tal-ħadid u tal-azzar

Kategorija ta' oġġetti aggregati	Kodiċi NM tal-Prodott	Deskrizzjoni
<b>Minerali Sinterizzati</b> <sup>42</sup>	2601 12 00	Minerali u koncentradi tal-ħadid agglomerati, għajr piriti tal-ħadid inkaljati
<b>Hadid fondut grezz</b>	7201	Hadid fondut grezz (pig iron) u spiegeleisen <sup>43</sup> f'biċċiet tawwalin, blokko jew forom oħrajn primarji
	7205 <sup>44</sup>	Xi prodotti taħt 7205 (Granuli u trabijiet, ta' ħadid fondut grezz, spiegeleisen, ħadid, jew azzar) jistgħu jiġu koperti hawnhekk
<b>Liga tal-ħadid: FeMn</b>	7202 1	Ferromanganiż (FeMn)
<b>Liga tal-ħadid: FeCr</b>	7202 4	Ferrokromu (FeCr)
<b>Liga tal-ħadid: FeNi</b>	7202 6	Ferronikil (FeNi)
<b>DRI</b>	7203	Prodotti tal-ħadid miksubin bir-riduzzjoni diretta tal-minerali tal-ħadid u prodotti oħrajn b'ħafna ħofor (spongy) tal-ħadid

<sup>41</sup> Hu nota li, għal dan is-settur, l-emissjonijiet indiretti huma rrapportati biss matul il-perjodu tranżitorju (u mhux matul il-perjodu definitiv).

<sup>42</sup> Din il-kategorija ta' oġġetti aggregati tinkludi t-tipi kollha ta' produzzjoni ta' pellets tal-mineral tal-ħadid (għall-bejgħ ta' pellets kif ukoll għall-użu dirett fl-istess installazzjoni) u l-produzzjoni tas-sinter.

<sup>43</sup> Hadid fondut grezz li fih ferromanganiż illigat.

<sup>44</sup> Huma biss uħud mill-prodotti ta' dan il-kodiċi NM li jikkwalifikaw bħala “ħadid fondut grezz”, filwaqt li oġġetti oħrajn ta' dan il-kodiċi huma kklassifikati bħala “prodotti tal-ħadid jew tal-azzar”



<b>Kategorija ta' oġġetti aggregati</b>	<b>Kodiċi NM tal-Prodott</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
<b>Azzar mhux maħdum</b>	7206, 7207, 7218 u 7224	<p>7206 – Ħadid u azzar mhux illigat f'ingotti jew f'forom oħrajn primarji (ħlief ħadid tal-intestatura 7203)</p> <p>7207 – Prodotti nofshom irfinuti tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat</p> <p>7218 – Azzar inossidabbli f'ingotti jew f'forom oħrajn primarji; prodotti nofshom irfinuti tal-azzar inossidabbli</p> <p>7224 – Azzar illigat ieħor f'ingotti jew f'forom oħrajn primarji; prodotti nofshom irfinuti ta' azzar illigat ieħor</p>
<b>Prodotti tal-ħadid jew tal-azzar<sup>45</sup></b>	Tinkludi: 7205, 7208-7217, 7219-7223, 7225-7229, 7301-7311, 7318 u 7326	<p>7205 – Granuli u trabijiet, tal-ħadid fondut grezz, tal-ispiegeleisen, tal-ħadid jew tal-azzar (jekk mhux kopert mill-kategorija tal-ħadid fondut grezz)</p> <p>7208 – Prodotti llaminati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, ta' wisa' ta' 600 mm jew aktar, illaminati fis-sħana, mhux imlibbsa, maħsula jew miksija</p> <p>7209 – Prodotti llaminati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, ta' wisa' ta' 600 mm jew iktar, illaminati fil-kiesaħ (ridotti fil-kiesaħ), mhux imlibbsa, maħsula jew miksija</p> <p>7210 – Prodotti llaminati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, ta' wisa' ta' 600 mm jew iktar, imlibbsa, maħsula jew miksija</p> <p>7211 – Prodotti llaminati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, ta' wisa' ta' inqas minn 600 mm, mhux imlibbsa, maħsula jew miksija</p> <p>7212 – Prodotti llaminati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, ta' wisa' ta' inqas minn 600 mm, mhux imlibbsa, maħsula jew miksija</p> <p>7213 – Żbarri u vireg, illaminati fis-sħana, f'koljaturi mkebbin b'mod irregolari, tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat</p>

<sup>45</sup> Din il-kategorija ta' oġġetti aggregati tinkludi prodotti nofshom lesti u lesti.

Kategorija ta' oġġetti aggregati	Kodiċi NM tal-Prodott	Deskrizzjoni
		7214 – Żbarri u vireg oħrajn tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, mhux maħdum aktar ħlief mikwi fil-forġa, illaminati fis-šhana, miġbudin bis-šhana jew estrużi fis-šhana, iżda inkluż dawk miftulin wara l-laminazzjoni
		7215 – Żbarri u vireg oħrajn tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat
		7216 – Angoli, forom u qatgħat ta' ħadid jew azzar mhux illigat
		7217 – Wajer tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat
		7219 – Prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti, wisgħin 600 mm jew aktar
		7220 – Prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatt, wisgħin inqas minn 600 mm
		7221 – Żbarri u vireg, illaminati bis-šhana, f'koljaturi mkebbin b'mod irregolari, ta' azzar inossidabbli
		7222 – Żbarri u vireg oħrajn tal-azzar inossidabbli; angoli, forom u qatgħat tal-azzar inossidabbli
		7223 – Wajer tal-azzar inossidabbli
		7225 – Prodotti llaminati ċatti ta' azzar illigat ieħor, wisgħin 600 mm jew aktar
		7226 – Prodotti llaminati ċatt ta' azzar illigat ieħor, wisgħin inqas minn 600 mm
		7227 – Żbarri u vireg, illaminati bis-šhana, f'koljaturi mkebbin b'mod irregolari, ta' azzar illigat ieħor
		7228 – Żbarri u vireg oħrajn ta' azzar illigat ieħor; angoli, forom u qatgħat, ta' azzar illigat ieħor; żbarri u vireg hollow drill, ta' azzar illigat jew mhux illigat
		7229 – Wajers ta' azzar illigat ieħor
		7301 – Gzuz ta' pjanċi (sheet piling) tal-ħadid jew tal-azzar, imtaqqbin, imħaffrin jew magħmulin minn elementi mmuntati jew le; angoli, forom u qatgħat iwweldjati, tal-ħadid jew tal-azzar

Kategorija ta' oġġetti aggregati	Kodiċi NM tal-Prodott	Deskrizzjoni
		7302 – Materjal tal-ħadid jew tal-azzar għall-kostruzzjoni tal-binarji tal-ferroviji jew tal-linji tat-tramm, dawn li ġejjin: binarji, check rails u rack rails, switch blades, crossing frogs, point rods u partijiet oħrajn tal-qsim, traversi tal-binarji (cross-ties), fish-plates, chairs, chair wedges, sole plates (base plates), klipep ferrovjarji, bedplates, irfid u materjal ieħor speċjalizzat għat-tgħaqqid flimkien jew l-iffissar ta' binarji
		7303 – Tubi, pajpijiet u profili vojta, tal-ħadid fondut
		7304 – Tubi, pajpijiet u profili vojta, mingħajr weldjatura, tal-ħadid (ħlief ħadid fondut) jew tal-azzar
		7305 – Tubi u pajpijiet oħrajn (pereżempju wweldjati, irrivitjati jew magħluqin b'mod simili), b'sezzjonijiet trasversali tondi, bid-dijametru ta' barra ikbar minn 406,4 mm, tal-ħadid jew tal-azzar
		7306 – Tubi, pajpijiet u profili vojta oħrajn (pereżempju bil-ġonta miftuħa jew iwweldjati, irrivitjati jew magħluqin b'mod simili), tal-ħadid jew tal-azzar
		7307 – Fittings ta' tubi jew pajpijiet (pereżempju couplings, elbows, sleeves), tal-ħadid jew tal-azzar
		7308 – Strutturi (għajr bini prefabbrikat tal-intestatura 9406) u partijiet ta' strutturi (pereżempju, pontijiet u qatgħat ta' pontijiet, xtabi ta' magħluq (lock-gates), torrijiet, arbli kannizzata, soqfa, oqfsa għal tisqif, bibien u twieqi u l-oqfsa tagħhom u għetiebi għal bibien, xaters, balavostrar, pilastri u kolonni), tal-ħadid jew tal-azzar; pjanċi, vireg, angoli, forom, qatgħat, tubi u oħrajn simili, ippreparati għall-użu fi strutturi, tal-ħadid jew tal-azzar

<b>Kategorija ta' oġġetti aggregati</b>	<b>Kodiċi NM tal-Prodott</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
		7309 – Reservoirs, tankijiet, btieti u kontenituri simili għal kwalunkwe materjal (għajr għal gass ikkompresat jew illikwifikat), tal-ħadid jew tal-azzar, ta' kapaċità li taqbeż it-300 l, infurrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termiku
		7310 – Tankijiet, btieti, ċilindri, bottijiet, kaxxi u kontenituri simili, għal kull materjal (ħlief gass kompresat jew imdewweb), tal-ħadid jew tal-azzar, li jesgħu mhux aktar minn 300 l, infurrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termali
		7311 – Kontenituri għal gass ikkompresat jew illikwifikat, tal-ħadid jew tal-azzar
		7318 – Viti, boltijiet, skorfini, viti bir-ras skorfina (coach screws), ganċijiet bil-kamin, rivets, kaviġi, ċavi, washers (inkluż l-ispring washers) u oġġetti simili, tal-ħadid jew tal-azzar
		7326 – Oġġetti oħrajn tal-ħadid jew tal-azzar

Sors: *Ir-Regolament CBAM, l-Anness I; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-Anness II.*

Il-kategoriji ta' oġġetti aggregati elenkati fit-tabella ta' hawn fuq jinkludu kemm oġġetti lesti kif ukoll oġġetti prekursori (prodotti intermedji) li jiġu kkonsumati fil-produzzjoni ta' prodotti tal-ħadid jew tal-azzar.

Għandhom jitqiesu biss il-materjali tal-input elenkati bħala prekursori rilevanti għal-limiti tas-sistema tal-proċess tal-produzzjoni kif speċifikat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni. It-Tabella 5-10 hawn taħt telenka l-prekursuri possibbli skont il-kategorija ta' oġġetti aggregati u r-rotta tal-produzzjoni.

*Tabella 5-10: Il-kategoriji ta' oġġetti aggregati, ir-rotta tal-produzzjoni tagħhom u l-prekursuri possibbilment rilevanti*

<b>Kategorija ta' Oġġetti Aggregati</b>	<b>Prekursuri rilevanti</b>
<b><i>Rotta tal-produzzjoni</i></b>	
Minerali sinterizzati	Ebda
Liġi tal-ħadid (FeMn, FeCr, FeNi)	Minerali sinterizzati, jekk jintużaw fil-proċess.

<b>Kategorija ta' Oġġetti Aggregati</b>	<b>Prekursuri rilevanti</b>
<b><i>Rotta tal-produzzjoni</i></b>	
Hadid fondut grezz <i>Rotta tal-forn tal-blast</i> <i>Riduzzjoni bit-tidwib</i>	Idroġenu, minerali sinterizzati, liġi tal-ħadid, ħadid fondut grezz/DRI (aktar tard jekk jinkisbu minn installazzjonijiet jew minn proċessi tal-produzzjoni oħrajn u użati fil-proċess).
DRI (Ħadid Ridott Direttament)	L-idroġenu, il-minerali sinterizzati, il-liġi tal-ħadid, il-ħadid fondut grezz/id-DRI (tal-aħħar jekk miksubin minn installazzjonijiet jew minn proċessi tal-produzzjoni oħrajn u użati fil-proċess).
Azzar mhux maħdum <i>Produzzjoni tal-azzar bl-ossiġenu bażiku</i> <i>Forn bl-ark elettriku</i>	Liġi tal-ħadid, ħadid fondut grezz, DRI, azzar grezz (tal-aħħar jekk miksubin minn installazzjonijiet jew minn proċessi tal-produzzjoni oħrajn u użati fil-proċess).
Prodotti tal-ħadid jew tal-azzar	Liġi tal-ħadid, ħadid fondut grezz, DRI, azzar grezz, prodotti tal-ħadid jew tal-azzar (jekk jintużaw fil-proċess).

Mhux il-prekursuri kollha japplikaw f'kull każ. Pereżempju, l-idroġenu jista' jsir rilevanti biss fil-futur.

Ħu nota b'mod partikolari li f'xi każijiet kategorija ta' oġġetti aggregati tista' tkun prekursur għall-kategorija tagħha stess. Dan huwa spjegat l-aħjar permezz ta' eżempju:

**Eżempju:** Jekk installazzjoni tipproduċi viti u skorfini minn vireg tal-azzar, allura l-vireg huma l-prekursur, iżda kemm il-vireg kif ukoll il-viti u l-iskorfini jiġu inklużi fl-istess kategorija ta' oġġetti aggregati.

L-emissjonijiet integrati tal-viti u tal-iskorfini jkunu magħmulin mill-emissjonijiet tal-proċess tal-produzzjoni (is-sħana applikata sabiex il-vireg ikunu jistgħu jinħadmu, u għat-temprar tal-prodott finali) flimkien mal-emissjonijiet integrati tal-vireg tal-azzar. Ħu nota li dan huwa importanti minħabba li l-massa tal-vireg prekursuri u l-massa tal-viti u tal-iskorfini tal-prodott finali ma jkunux l-istess – jekk eż. 20 % tal-massa oriġinali tinqata' (u tintrema bħala ruttam), ikun meħtieġ 100 t prekursur għal 80 t prodott finali.

Xi tipi ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar ġew esklużi mill-ambitu tas-CBAM. B'mod partikolari, dawn jinkludu ċerti tipi oħrajn ta' liġi tal-ħadid taħt in-NM 7202<sup>46</sup> u n-NM 7204 – skart u ruttam tal-ħadid.

<sup>46</sup> Liġi tal-ħadid oħrajn mhux koperti mis-CBAM jinkludu l-ferrosiliċju, il-ferrosiliċju-manganiż, il-ferrosiliċju-kromu, il-ferromolibdenu, il-ferrotungstenu u l-ferrosiliċju-tungsten eċċ.


Il-produttjoni ta' oġġetti tas-settur tal-ħadid u tal-azzar hija skont numru rotot tal-proċess differenti, deskritti hawn taħt.

### 5.6.3 Definizzjoni u spjegazzjoni tal-proċessi tal-produttjoni u tal-emissjonijiet rilevanti koperti

Il-limiti tas-sistema għall-prekursuri u għall-prodotti lesti tal-ħadid jew tal-azzar huma distinti u jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, jingħaddu flimkien sabiex jinkludu l-proċessi kollha direttament jew indirettament marbutin mal-proċessi tal-produttjoni għal dawn l-oġġetti, inklużi l-attivitajiet tal-input għall-proċess, u l-attivitajiet tal-output mill-proċess.

Id-dijagramma li ġejja turi l-varjetà ta' rotot differenti li bihom jistgħu jiġu mmanifatturati l-prodotti tal-ħadid jew tal-azzar.

Illustrazzjoni 5-5: Il-limiti tas-sistema u l-katina tal-valur għall-produttjoni ta' prodotti tal-ħadid jew tal-azzar



Il-produttjoni tal-prekursuri u ta' oġġetti lesti ssir skont numru ta' rotot ta' proċess differenti, deskritti fit-taqsimiet li ġejjin.

#### 5.6.3.1 Proċess tal-produttjoni ta' minerali sinterizzati

Din il-kategorija ta' oġġetti aggregati tinkludi t-tipi kollha ta' produttjoni ta' pellets tal-mineral tal-ħadid (għall-bejgħ ta' pellets kif ukoll għall-użu dirett fl-istess installazzjoni) u l-produttjoni tas-sinter. Il-pelitizzazzjoni u s-sinterizzazzjoni huma rotot ta' proċess komplementari għat-tħejjija u għall-agglomerazzjoni tal-materja prima tal-ossidu tal-ħadid għall-użu fil-produttjoni tal-ħadid u tal-azzar. Fil-pelitizzazzjoni, il-materja prima tal-ossidu tal-ħadid tintaħan u tiġi kkombinata ma' addittivi sabiex jiġu fformati l-pellets, li mbagħad jiġu ttrattati bis-sħana. Fil-produttjoni tal-minerali sinterizzati, il-materja prima tal-ossidu tal-ħadid titħallat ma' breeze tal-kokk u ma' addittivi oħrajn qabel ma t-taħlita tiġi ssinterizzata flimkien f'forn, sabiex jiffurma materjal poruż simili għall-klinker,


imsejjaħ “sinter”. Is-sinter tipikament jiġi prodott u jintuża fil-produzzjoni tal-azzar. Il-pellets jistgħu jiġu prodotti fil-produzzjoni tal-azzar jew f’ distanza f’ siti ta’ minjieri.

Ma hemm l-ebda prekursor rilevanti għal dan il-proċess tal-produzzjoni.

Ħu nota li l-pellets tal-liġi tal-ħadid u s-sinter prodotti mill-minerali tal-ħadid jistgħu jkunu koperti wkoll minn dan il-proċess tal-produzzjoni (għall-kodiċi NM 2601 12 00).

L-Illustrazzjoni 5-6 li ġejja turi l-limiti tas-sistema għall-emissjonijiet integrati tas-sinter jew tal-pellets tal-minerali tal-ħadid.

Illustrazzjoni 5-6: Il-limiti tas-sistema tal-proċess tal-produzzjoni tal-minerali sinterizzati



L-emissjonijiet diretti jirriżultaw mill-kombustjoni ta’ fjuwils li jinkludu l-kokk, il-gassijiet ta’ skart (direttament mill-proċess jew indirettament minn sorsi oħrajn ta’ gassijiet ta’ skart fil-produzzjoni tal-azzar). L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċess.

### 5.6.3.2 Liga tal-ħadid għall-proċessi tal-produzzjoni tal-FeMn, tal-FeCr u tal-FeNi

Dan il-proċess ikopri l-produzzjoni tal-liġi tal-ferromanganiż (FeMn), tal-ferrokromu (FeCr) u tal-ferronikil (FeNi), li huma identifikati taħt il-kodiċijiet NM 7202 1, 7202 4 u 7202 6. Materjali oħrajn tal-ħadid b’kontenut ta’ liga sinifikanti bħal spiegeleisen ma humiex koperti hawnhekk (ara t-Taqsima 5.6.3.3). Madankollu, il-ħadid fondut grezz tan-nikil (NPI) huwa inkluż jekk il-kontenut tan-nikil ikun akbar minn 10 %; inkella, jekk anqas minn 10 % tal-NPI jkun kopert mill-“ħadid fondut grezz – rotta tal-produzzjoni bil-forn tal-blast”.


Il-liġi tal-ħadid differenti jiġu prodotti permezz ta' tidwib riduttiv biż-żieda ta' aġent riduċenti bħall-kokk mal-EAF, flimkien ma' addittivi oħrajn. Jintużaw diversi tipi differenti ta' EAF, skont il-liga tal-ħadid li tiġi prodotta. Wara t-tidwib tal-EAF, il-liga tal-metall likwidu tintuża u tiġi kkastjata f'forom. Imbagħad, il-metall fondut solidifikat jitfarrak jew jiġi granulat skont ir-rekwiżiti tal-klijent.

Prekursur rilevanti huwa l-minerali sinterizzati (jekk jintużaw fil-proċess).

Ħu nota li l-inputs tal-materja prima għal-liġi tal-ħadid jinkludu l-pellets u s-sinter li huma prodotti bil-proċess tal-produzzjoni separat (għall-kodiċi NM 2601 12 00) għall-“Mineral sinterizzat”.

L-Illustrazzjoni 5-7 li ġejja turi l-limiti tas-sistema tal-proċessi rilevanti għall-produzzjoni tal-liġi tal-ħadid.

Illustrazzjoni 5-7: Il-limiti tas-sistema tal-Proċess tal-produzzjoni tal-liga tal-ħadid.



L-emissjonijiet diretti jirriżultaw mill-inputs tal-fjuwils fossili (faħam, kokk) użati kemm għall-kombustjoni kif ukoll bħala aġent riduċenti, mill-emissjonijiet tal-proċess inkluż mill-elettrodi tal-grafita u mill-pejsts tal-elettrodi, minn materjali tal-proċess bħal ġir, ġebbla tal-ġir u addittivi oħrajn. L-emissjonijiet indiretti huma mill-elettriku.

### 5.6.3.3 Ħadid fondut grezz - Rotta tal-produzzjoni bil-forn tal-blast

Ir-rota tal-produzzjoni bil-forn tal-blast tipproduċi ħadid fondut grezz likwidu (“metall jaħraq”) li jista' jkun illigat (eż. spiegeleisen u ħadid fondut tan-nikil jew NPI<sup>47</sup>) jew mhux illigat. L-unità ta' produzzjoni ewlenija għal dan il-proċess tal-produzzjoni hija l-forn tal-blast. L-inputs fil-forn tal-blast jinkludu l-pellets tal-minerali tal-ħadid jew il-minerali sinterizzati, il-fjuwils u materja prima oħra. Ġewwa l-forn tal-blast, l-ossidu tal-ħadid jiġi ridott għal metall tal-ħadid. Imbagħad, il-metall jaħraq prodott jinqabad u jiġi fondut jew inkella jiġi kkonvertit direttament f'azzar mhux maħdum fi stadju sekwenzjali bil-

<sup>47</sup> L-NPI huwa kopert minn dan il-proċess tal-produzzjoni jekk il-kontenut tan-nikil ikun anqas minn 10 %, inkella jekk aktar minn 10 % ikun kopert mill-proċess tal-produzzjoni tal-liġi tal-ħadid.




konvertitur tal-ossiġenu bażiku. Dan il-pass huwa kopert minn proċess tal-produzzjoni differenti, l-azzar mhux maħdum – rotta tal-produzzjoni tal-azzar bl-ossiġenu bażiku.

Il-prekursuri rilevanti (jekk jintużaw fil-proċess) huma: il-minerali sinterizzati; il-ħadid fondut jew id-DRI minn installazzjonijiet jew minn proċessi tal-produzzjoni oħrajn; il-liġi tal-ħadid FeMn, FeCr, FeNi; u l-idroġenu.

L-Illustrazzjoni 5-8 li ġejja turi l-limiti tas-sistema tar-rotta tal-produzzjoni bil-forn tal-blast għall-produzzjoni tal-ħadid fondut grezz.

*Illustrazzjoni 5-8: Il-limiti tas-sistema tal-ħadid fondut grezz - rotta tal-produzzjoni bil-forn tal-blast*



L-emissjonijiet diretti jirriżultaw mill-inputs tal-fjuwils fossili (il-kokk, il-faħam, iż-żjut fjuwil, il-gass naturali, il-faħam), użat kemm għall-kombustjoni kif ukoll bħala aġent riduċenti, minn fjuwils oħrajn (bijomassa), minn emissjonijiet minn proċessi inkluż minn materjali tal-proċess bħal ġebbla tal-ġir u karbonati oħrajn. L-emissjonijiet indiretti huma mill-elettriku.


#### 5.6.3.4 Ħadid fondut grezz - Rotta tal-produzzjoni tar-riduzzjoni bit-tidwib

Ir-riduzzjoni bit-tidwib tipproduċi l-ħadid fondut grezz mill-minerali sinterizzati prekursori, minn pellets tal-minerali tal-ħadid, (jew residwi tal-produzzjoni tal-ħadid), bl-użu tal-faħam (mhux tal-kokk) bħala riduċent. Il-proċess jinkludi żewġ stadji, ir-riduzzjoni tal-minerali tal-ħadid segwita mit-tidwib għall-produzzjoni tal-ħadid fondut grezz / tal-metall jaħraq.

Il-prekursuri rilevanti (jekk jintużaw fil-proċess) huma: il-minerali sinterizzati; il-ħadid fondut jew id-DRI minn installazzjonijiet jew minn proċessi tal-produzzjoni oħrajn; il-liġi tal-ħadid FeMn, FeCr, FeNi; u l-idroġenu.

It-Tabella 5-9 li ġejja turi l-limiti tas-sistema tar-rotta tal-produzzjoni tar-riduzzjoni bit-tidwib għall-produzzjoni tal-ħadid fondut grezz.

Illustrazzjoni 5-9: Il-limiti tas-sistema tal-ħadid fondut grezz - rotta tal-produzzjoni tar-riduzzjoni bit-tidwib



L-emissjonijiet diretti jirriżultaw mill-inputs tal-fjuwils fossili (il-gass naturali, il-faħam), użat kemm għall-kombustjoni kif ukoll bħala aġent riduċenti, minn fjuwils oħrajn (bijomassa jew bijogass), minn emissjonijiet minn proċessi inkluż minn materjali tal-proċess bħal ġebla tal-ġir. L-emissjonijiet indiretti huma mill-elettriku.

#### 5.6.3.5 Proċess tal-produzzjoni tal-ħadid Ridott Direttament (DRI)


Ir-riduzzjoni diretta tinvolvi l-produzzjoni ta' ħadid primarju solidu minn minerali tal-ħadid ta' grad għoli (pellets, sinter jew konċentrati), bl-użu tal-gass naturali, tal-faħam jew tal-idroġenu bħala aġent riduċenti. Il-prodott solidu jissejjaħ ħadid ridott direttament (DRI), ta' tipi differenti, pereżempju, “sponża tal-ħadid” u ħadid magħmul f' mattunelli meta jaħraq (HBI). Xi DRI jintuża bħala materja prima direttament fl-EAFs jew fi proċessi downstream oħrajn. Huwa mistenni li r-rotta tal-produzzjoni li jużaw l-idroġenu jkollhom rwol ewlieni fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-azzar fis-snin li ġejjin.

Il-prekursuri rilevanti (jekk jintużaw fil-proċess) huma: il-minerali sinterizzati; l-idroġenu; il-ħadid fondut jew id-DRI minn installazzjonijiet jew minn proċessi tal-produzzjoni oħrajn; il-liġi tal-ħadid FeMn, FeCr, FeNi.

Għalkemm fil-prattika jintużaw diversi proċessi differenti, il-limiti tas-sistema ta' livell għoli huma simili ħafna u, għalhekk, jistgħu jiġu rrappreżentati f' dijagramma waħda.

It-Tabella 5-10 li ġejja turi l-limiti tas-sistema tal-proċessi rilevanti għall-produzzjoni tad-DRI.

Illustrazzjoni 5-10: Il-limiti tas-sistema tal-proċess tal-produzzjoni tad-DRI




L-emissjonijiet diretti jirriżultaw mill-inputs tal-fjuwils fossili (il-gass naturali, il-faħam), użat kemm għall-kombustjoni kif ukoll bħala aġent riduċenti, minn fjuwils oħrajn (bijomassa jew bijogass), minn emissjonijiet minn proċessi inkluż minn materjali tal-proċess bħal ġebla tal-ġir. L-emissjonijiet indiretti huma mill-elettriku.

#### 5.6.3.6 Azzar mhux maħdum - Rotta tal-produzzjoni tal-azzar bl-ossiġenu bażiku

Jekk ir-rotta tal-produzzjoni tal-azzar bl-ossiġenu bażiku tibda b'metall jaħraq (ħadid fondut grezz likwidu), il-metall jaħraq jiġi kkonvertit direttament f'azzar mhux maħdum mill-konvertitur jew mill-forn tal-ossiġenu bażiku (BOF) bħala parti minn proċess kontinwu. Wara l-konvertitur, jista' jsir proċess ta' dekarburizzazzjoni tal-azzar permezz ta' dekarburizzazzjoni bl-ossiġenu argon (AOD) jew permezz ta' dekarburizzazzjoni bl-ossiġenu f'vakwu (VOD), segwita minn diversi proċessi metallurġiċi sekondarji bħat-tneħħija tal-gass b'vakwu sabiex jitneħħew il-gassijiet dissolti. Imbagħad, l-azzar mhux maħdum jiġi fondut fil-forom primarji tiegħu permezz ta' kkastjar kontinwu jew kkastjar tal-ingotti, li jista' jiġi segwit minn laminazzjoni fis-sħana jew mill-kiwi sabiex jinkisbu l-prodotti tal-azzar mhux maħdum nofshom lesti (bil-kodiċijiet NM 7207, 7218 u 7224).

Il-prekursuri rilevanti (jekk jintużaw fil-proċess) huma: il-ħadid fondut grezz, id-DRI; il-liġi tal-ħadid FeMn, FeCr, FeNi; u l-azzar mhux maħdum minn installazzjonijiet jew minn proċessi tal-produzzjoni oħrajn, jekk jintużaw.

Illustrazzjoni 5-11: Il-limiti tas-sistema tal-proċess tal-produzzjoni tal-azzar bl-ossiġenu bażiku – murijin flimkien ma’ dawk għall-Forn tal-blast – rotta tal-produzzjoni tal-ħadid fondut grezz likwidu, u proċessi relatati oħrajn



F’impjanti integrati tal-azzar, il-ħadid fondut grezz likwidu li jiġi ċċarġjat direttament lill-konvertitur tal-ossiġenu huwa l-prodott li jissepara l-proċess tal-produzzjoni għall-ħadid fondut grezz (fuq ix-xellug fin-naħa t’isfel fl-Illustrazzjoni 5-11 aktar ’il fuq) mill-proċess tal-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum (fuq il-lemin fin-naħa t’isfel, aktar ’il fuq).

Il-proċess tal-produzzjoni tal-azzar bil-forn tal-blast integrat / bil-forn tal-ossiġenu bażiku (BF/BOF) huwa bil-bosta l-aktar proċess kumpless tal-produzzjoni tal-azzar u huwa kkaratterizzat minn networks ta’ flussi ta’ materjali u ta’ enerġija interdipendenti bejn id-

diversi unitajiet tal-produzzjoni. Hu nota li l-kokk (ix-xellug fin-naħa ta' fuq) huwa ttrattat bħala materja prima mingħajr emissjonijiet integrati.

#### 5.6.3.7 *Azzar mhux maħdum - rotta tal-produzzjoni tal-azzar bl-EAF*

It-tidwib dirett ta' materjali li fihom il-ħadid normalment isir f'forn bl-ark elettriku (EAF). Il-materja prima għar-rotot tal-EAF hija l-ħadid metalliku b'mod partikolari r-ruttam ferruż<sup>48</sup> u/jew il-ħadid Ridott Direttament (DRI). Meta jintużaw ammonti sinifikanti ta' DRI, tapplika waħda mid-diversi rotot tal-EAF-DRI. Wara t-tidwib bl-EAF, jista' jsir proċess ta' dekarburizzazzjoni tal-azzar permezz ta' dekarburizzazzjoni bl-ossiġenu argon (AOD) jew permezz ta' dekarburizzazzjoni bl-ossiġenu f'vakwu (VOD), segwita minn diversi proċessi metallurġiċi sekondarji bħad-desulfurizzazzjoni u t-tneħħija tal-gass sabiex jitneħħew il-gassijiet dissolti. L-elettriku huwa l-input ewlieni tal-enerġija fl-EAF.

Il-prekursuri rilevanti (jekk jintużaw fil-proċess) huma: il-ħadid fondut grezz, id-DRI; il-liġi tal-ħadid FeMn, FeCr, FeNi; u l-azzar mhux maħdum minn installazzjonijiet jew minn proċessi tal-produzzjoni oħrajn, jekk jintużaw


Hu nota li l-laminazzjoni fis-sħana primarja u l-iffurmar mhux maħdum bil-kiwi fil-forġa sabiex jinkisbu l-prodotti nofshom lesti taħt il-kodiċijiet NM 7207, 7218 u 7224 huma inklużi f'din il-kategorija ta' oġġetti aggregati. Il-proċessi l-oħrajn kollha ta' laminazzjoni u ta' kiwi fil-forġa huma inklużi fil-kategorija ta' oġġetti aggregati "prodotti tal-ħadid jew tal-azzar".

Hemm diversi rotot differenti ta' produzzjoni tal-EAF, għall-azzar mhux maħdum u għall-azzar illigat mhux maħdum, li huma ġeneralment simili u jidhru b'mod konġunt fl-Illustrazzjoni 5-12 hawn taħt.

---

<sup>48</sup> Meta jintuża biss ruttam ta' wara l-konsum, huwa preżunt li jkollu emissjonijiet integrati zero

Illustrazzjoni 5-12: Il-limiti tas-sistema tal-Azzar mhux maħdum - Rotta tal-produzzjoni tal-azzar illigat u mhux illigat bl-EAF.



L-emissjonijiet diretti jirriżultaw mill-fjuwils fossili (gass naturali, faħam, żejt fjuwil), mill-gassijiet ta' skart minn proċessi oħrajn, u mill-emissjonijiet minn proċessi inkluż mill-elettrodi tal-grafit u mill-pejsts tal-elettrodu, minn materjali tal-proċess bħall-gir, u mill-karbonju li jinsab fir-ruttam feruż u l-liġi li jidħlu fil-proċess. L-emissjonijiet indiretti huma mill-elettriku.


#### 5.6.3.8 Proċess tal-produzzjoni tal-prodotti tal-ħadid jew tal-azzar

Il-prodotti tal-ħadid jew tal-azzar jiġu prodotti mill-ipproċessar ulterjuri ta' azzar mhux maħdum, ta' prodotti nofshom lesti, kif ukoll ta' prodotti finali oħrajn tal-azzar bit-tipi kollha ta' stadji ta' ffurmar u ta' rfinar inklużi: it-tisħin mill-ġdid, it-tidwib mill-ġdid, l-ikkastjar, il-laminazzjoni fis-sħana, il-laminazzjoni fil-kiesaħ, il-kiwi, it-tindif tal-metall bl-aċidu, ir-rikottura, l-ipplejtjar, il-kisi, il-galvanizzar, it-trafilaġġ, il-qtugħ, l-iwweldjar, il-finitura.

Il-prekursuri rilevanti (jekk jintużaw fil-proċess) huma: l-azzar mhux maħdum; il-ħadid fondut grezz, id-DRI; il-liġi tal-ħadid FeMn, FeCr, FeNi; u prodotti oħrajn tal-ħadid jew tal-azzar.

L-Illustrazzjoni 5-13 li ġejja turi l-limiti tas-sistema għall-prodotti tal-ħadid jew tal-azzar.

Illustrazzjoni 5-13: Il-limiti tas-sistema tal-proċess tal-produzzjoni tal-prodotti tal-ħadid jew tal-azzar



L-emissjonijiet diretti jirriżultaw mill-kombustjoni tal-fjuwils u mill-emissjonijiet minn proċessi mit-tisfija mill-impuritajiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija, skont il-kombinazzjoni differenti tal-passi tal-produzzjoni mwettqin fil-produzzjoni tal-oġġetti finali tal-ħadid jew tal-azzar. L-emissjonijiet indiretti huma mill-elettriku.

Hu nota li għall-prodotti finali tal-ħadid jew tal-azzar li fihom aktar minn 5 % materjali oħrajn skont il-massa, eż. materjali ta' iżolament fil-kodiċi NM 7309 00 30 (ġibjuni, tankijiet, btieti u kontenituri simili għal kwalunkwe materjal (għajr gass ikkumpressat jew likwifikat), tal-ħadid jew tal-azzar, b'kapaċità li taqbeż it-300 l, inforrati jew b'iżolazzjoni termika), il-massa tal-ħadid jew tal-azzar biss għandha tiġi rrapportata bħala l-massa tal-oġġetti prodotti.

#### 5.6.4 Parametri ta' rrapportar addizzjonali

It-tabella li ġejja telenka l-informazzjoni addizzjonali għall-oġġetti tas-CBAM li għandha tiġi pprovduta mill-operatur, flimkien ma' data dwar l-emissjonijiet integrati, fil-komunikazzjoni tiegħu tad-data dwar l-emissjonijiet lilek bħala l-importatur.

Tabella 5-11: Parametri addizzjonali tas-settur tal-ħadid u tal-azzar koperti fir-rapport tas-CBAM

Kategorija ta' oġġetti aggregati	Rekwiżit ta' rrapportar
Minerali sinterizzati	– Xejn.
Hadid fondut grezz	– L-aġent riduċenti prinċipali użat. – % ta' massa ta' Mn, Cr, Ni, total ta' elementi oħra ta' lligar.

<b>Kategorija ta' oġġetti aggregati</b>	<b>Rekwiżit ta' rapportar</b>
FeMn – Ferromanganiż	– Massa % ta' Mn u karbonju.
FeCr – Ferrokromu	– Massa % ta' Cr u karbonju.
FeNi – Ferronikil	– Massa % ta' Ni u karbonju.
DRI (Ħadid Ridott Direttament)	<ul style="list-style-type: none"> <li>– L-aġent riduċenti prinċipali użat.</li> <li>– % ta' massa ta' Mn, Cr, Ni, total ta' elementi oħra ta' lligar.</li> </ul>
Azzar mhux maħdum	<ul style="list-style-type: none"> <li>– L-aġent riduċenti prinċipali tal-prekursur, jekk ikun magħruf.</li> <li>– Kontenut ta' liġi fl-azzar – espress bħala: <ul style="list-style-type: none"> <li>– % ta' massa ta' Mn, Cr, Ni, total ta' elementi oħra ta' lligar.</li> </ul> </li> <li>– Tunnellati ta' ruttam użati għall-produzzjoni ta' tunnellata azzar mhux maħdum.</li> <li>– % tar-ruttam li huwa ruttam ta' qabel il-konsum.</li> </ul>
Prodotti tal-ħadid jew tal-azzar	<ul style="list-style-type: none"> <li>– L-aġent riduċenti prinċipali użat fil-produzzjoni tal-prekursuri, jekk ikun magħruf.</li> <li>– Kontenut ta' liġi fl-azzar – espress bħala: <ul style="list-style-type: none"> <li>– % ta' massa ta' Mn, Cr, Ni, total ta' elementi oħra ta' lligar.</li> </ul> </li> <li>– Massa % tal-materjali li jkun fihom li ma humiex ħadid jew azzar jekk il-massa tagħhom tkun aktar minn 1 % sa 5 % tal-massa totali tal-oġġett.</li> <li>– Tunnellati ta' ruttam użati għall-produzzjoni ta' tunnellata prodott.</li> <li>– % tar-ruttam li huwa ruttam ta' qabel il-konsum.</li> </ul>

Ikollok bżonn tirrapporta l-parametri addizzjonali fir-Rapport tas-CBAM tiegħek meta l-prodott tal-ħadid jew tal-azzar jiġi importat fl-UE fil-qafas tas-CBAM.



## 5.7 Is-settur tal-aluminju

Il-kaxxa testwali ta' hawn taħt tindika t-taqsimiet speċifiki għas-setturi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni, rilevanti għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM.

### Referenzi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni:

- **L-Anness II**, it-Taqsima 2, it-Tabella 1 Immappjar tal-kodiċijiet NM għall-kategoriji ta' oġġetti aggregati.
- **L-Anness II**, it-Taqsima 3 Rotot tal-produzzjoni, limiti tas-sistema, u prekursori rilevanti, kif speċifikati fis-subtaqsima: 3.17 – Aluminju mhux maħdum u 3.18 – Prodotti tal-aluminju.

### 5.7.1 Unità tal-produzzjoni u emissjonijiet integrati

Il-kwantità ta' oġġetti tal-aluminju ddikjarati importati fl-UE għandha tiġi espressa f'tunnellati metriċi. Bħala operatur, għandek tirreġistra l-kwantità ta' oġġett(i) tas-CBAM prodott(i) mill-installazzjoni jew mill-proċess tal-produzzjoni, għall-finijiet tar-rapportar.

Is-settur industrijali	Aluminju
Unità ta' produzzjoni tal-oġġetti	Tunnellati (metriċi), irrapportati separatament għal kull tip ta' oġġetti settorjali, skont l-installazzjoni jew il-proċess tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini.
Attivitajiet assoċjati	Il-produzzjoni ta' aluminju mhux maħdum mill-alumina, jew minn materja prima sekondarja (ruttam tal-aluminju), b'mezzi metallurġiċi, kimiċi jew elettrolitiċi; il-manifattura ta' prodotti tal-aluminju semiproċessati u bażiċi.
Gassijiet serra rilevanti	Diossidu tal-karbonju (CO <sub>2</sub> ) u perfluworokarburi (CF <sub>4</sub> u C <sub>2</sub> F <sub>6</sub> )
Emissjonijiet Diretti	Tunnellati (metriċi) ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub>
Emissjonijiet Indiretti	Il-kwantità ta' elettriku kkonsmat (MWh), is-sors u l-fattur tal-emissjonijiet użat għall-kalkolu tal-emissjonijiet indiretti f'Tunnellati (metriċi) ta' CO <sub>2</sub> jew ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> . <i>Għandu jiġi rrapportat b'mod separat matul il-perjodu tranżitorju.</i>
Unità għall-emissjonijiet integrati	Tunnellati ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> għal kull tunnellata ta' oġġetti, irrapportati separatament għal kull tip ta' oġġett, skont l-installazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini.

Is-settur tal-aluminju għandu jkoll kemm l-emissjonijiet diretti kif ukoll l-emissjonijiet indiretti fil-perjodu tranżitorju. L-emissjonijiet indiretti għandhom jiġu rrapportati

separatament<sup>49</sup>. L-emissjonijiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi ta' emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> (ekwivalenti ta' tCO<sub>2</sub>) għal kull tunnellata ta' output. Din iċ-ċifra għandha tiġi kkalkolata għall-installazzjoni jew għall-proċess tal-produzzjoni speċifiku fil-pajjiż ta' oriġini tiegħek.

It-taqsimiet li ġejjin jidentifikaw l-elementi tal-proċess tal-produzzjoni li għandhom jiġu inklużi għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' rapportar.

### 5.7.2 Definizzjoni u spjegazzjoni tal-oġġetti tas-setturi koperti

It-tabella ta' hawn taħt telenka l-oġġetti rilevanti fl-ambitu għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM fis-settur tal-industrija tal-aluminju. Il-kategorija ta' oġġetti aggregati fil-kolonna tax-xellug tiddefinixxi gruppi li għalihom “proċessi tal-produzzjoni” konġunti għandhom jiġu ddefiniti għall-finijiet ta' monitoraġġ.

Tabella 5-12: Oġġetti tas-CBAM fis-settur tal-aluminju

<b>Kategorija ta' oġġetti aggregati</b>	<b>Kodiċi NM tal-Prodott</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
<b>Aluminju mhux maħdum</b>	7601	Aluminju mhux maħdum
<b>Prodotti tal-aluminju</b>	7603 – 7608, 7609 00 00, 7610, 7611 00 00, 7612, 7613 00 00, 7614, 7616	7603 – Trabijiet u fjokki tal-aluminju 7604 – Żbarri, vireg u profili tal-aluminju 7605 – Wajer tal-aluminju 7606 – Pjanċi, folji u strixxi tal-aluminju, eħxen minn 0,2 mm 7607 – Fojl tal-aluminju (stampat jew miksi b'karta, kartonċin, plastik jew materjali simili ta' rfid jew le) ta' ħxuna (eskluż kwalunkwe rfid) mhux iktar minn 0,2 mm 7608 – Tubi u pajpijiet tal-aluminju 7609 00 00 – Fittings għal tubi u pajpijiet tal-aluminju (pereżempju, igganċjar, liwjiet minkeb, sleeves) 7610 – Strutturi tal-aluminju (ħlief bini prefabbrikat tal-intestatura 9406) u partijiet ta' strutturi (pereżempju, pontijiet u qatgħat ta' pontijiet, torrijiet, arbli kannizzata, soqfa, oqfsa ta' soqfa, bibien u twieqi u l-oqfsa tagħhom u għetiebi għall-bibien, balavostrar, pilastri u kolonni); pjanċi tal-aluminju, vireg, profili, tubi u bħalhom, ippreparati għal użu fi strutturi

<sup>49</sup> Hu nota li, għal dan is-settur, l-emissjonijiet indiretti huma rrapportati biss matul il-perjodu tranżitorju (u mhux matul il-perjodu definitiv).

<b>Kategorija ta' oġġetti aggregati</b>	<b>Kodiċi NM tal-Prodott</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
	7611 00 00	Reservoirs, tankijiet, btieti u kontenituri simili tal-aluminju, għal kwalunkwe materjal (għajr gass kompressat jew likwifikat), ta' kapaċità ta' iktar minn 300 litru, infurrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termiku
	7612	Btieti, ċilindri, laned, kaxxi u kontenituri simili tal-aluminju (inklużi kontenituri tubulari riġidi jew kollassabbli), għal kwalunkwe materjal (għajr gass kompressat jew likwifikat), ta' kapaċità li ma taqbiżx it-300 litru, infurrati jew insulati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termiku
	7613 00 00	Kontenituri tal-aluminju għal gass ikkompresat jew likwifikat
	7614	Wajer bis-swiegli, gumna, ċineg immaljati u bħalhom, tal-aluminju, mhux insulati għall-elettriku
	7616	Oġġetti oħrajn tal-aluminju

Sors: *Ir-Regolament CBAM, l-Anness I; ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-Anness II.*

Il-kategoriji ta' oġġetti aggregati elenkati fit-tabella ta' hawn fuq jinkludu kemm prodotti tal-aluminju lesti kif ukoll prekursor "aluminju mhux maħdum" li jiġi kkonsmat fil-produzzjoni tal-prodotti tal-aluminju.

Għandhom jitqiesu biss il-materjali tal-input elenkati bħala prekursori rilevanti għal-limiti tas-sistema tal-proċess tal-produzzjoni kif speċifikat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni. It-Tabella 5-13 telenka l-prekursuri possibbli skont il-kategorija ta' oġġetti aggregati u r-rotta tal-produzzjoni ta' hawn taħt.

*Tabella 5-13: Il-kategoriji ta' oġġetti aggregati, ir-rotot tal-produzzjoni tagħhom u l-prekursuri possibbilment rilevanti*

<b>Kategorija ta' Oġġetti Aggregati</b>	<b>Prekursuri rilevanti</b>
<b><i>Rotta tal-produzzjoni</i></b>	
Aluminju mhux maħdum	Xejn għall-aluminju primarju
<i>Aluminju primarju</i>	Għall-aluminju sekondarju – aluminju mhux maħdum minn sorsi oħrajn, jekk jintuża fil-proċess <sup>50</sup>
<i>Aluminju sekondarju</i>	

<sup>50</sup> Hu nota li jekk il-prodott mir-rotta tal-produzzjoni tal-aluminju sekondarju jkun fih aktar minn 5 % elementi ta' lligar, l-emissjonijiet integrati tal-prodott għandhom jiġu kkalkolati daqslikieku l-massa tal-elementi ta' lligar kienet aluminju mhux maħdum mit-tidwib primarju.

**Kategorija ta' Oġġetti  
Aggregati**

**Prekursuri rilevanti**

***Rotta tal-produzzjoni***


Prodotti tal-aluminju

Aluminju mhux maħdum (differenzjat bejn aluminju primarju u sekondarju, jekk magħruf), prodotti tal-aluminju oħrajn (jekk jintużaw fil-proċess tal-produzzjoni).

L-aluminju mhux maħdum huwa prodott minn diversi rotot tal-produzzjoni (“aluminju primarju” għat-tidwib elettrolitiku, “aluminju sekondarju” għat-tidwib/għar-riċiklaġġ tar-ruttam) bħala ingotti tal-metall, blokko, billetti, ċangaturi jew simili. Huwa ddefinit bħala “oġġett sempliċi”, peress li l-materja prima (l-anodi tal-karbonju u l-alumina għall-aluminju primarju, ir-ruttam għall-aluminju sekondarju) u l-fjuwils użati fil-manifattura tiegħu huma stess jitqiesu li għandhom emissjonijiet integrati żero.

L-oġġetti tal-aluminju elenkati hawn fuq jinkludu l-biċċa l-kbira tat-tipi ta' prodotti tal-aluminju manifatturati<sup>51</sup>. Il-prodotti tal-aluminju huma ddefiniti bħala oġġetti kumplessi peress li jinkludu l-emissjonijiet integrati mill-aluminju prekursor mhux maħdum.

*Illustrazzjoni 5-14: Il-limiti tas-sistema u l-katina tal-valur għall-prodotti tal-aluminju.*



Id-differenza fir-rotta tat-tidwib tal-aluminju primarju fid-dijagramma ta' hawn fuq hija dovuta għall-materjali tal-elettrodi differenti użati, jiġifieri anodi ta' qabel il-ħami jew Søderberg.

<sup>51</sup> Esklużi l-kategoriji NM 7615 għal ċerti oġġetti domestiċi u NM 7602 00 ruttam tal-aluminju.

### 5.7.3 Definizzjoni u spjegazzjoni tal-proċessi u tar-rotot tal-produzzjoni rilevanti

Il-limiti tas-sistema għall-aluminju prekursor mhux maħdum u għall-prodotti tal-aluminju huma distinti u jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, jingħaddu flimkien sabiex jinkludu l-proċessi kollha marbutin direttament jew indirettament mal-proċessi tal-produzzjoni għal dawn l-oġġetti, inklużi l-attivitajiet tal-input għall-proċess u l-attivitajiet tal-output mill-proċess.

#### 5.7.3.1 Aluminju mhux maħdum - Rotta tal-produzzjoni tat-tidwib (elettrolitiku) primarju

L-aluminju primarju jiġi prodott permezz tal-elettroliżi tal-alumina<sup>52</sup> f'ċelloli elettrolitiċi. Matul l-elettroliżi, l-aluminju jiġi ridott u l-ossiġenu mill-alumina jinħeles u jingħaqad mal-anodu tal-karbonju sabiex jiffirma d-diossidu tal-karbonju u l-monossidu tal-karbonju – għalhekk, l-anodi tal-karbonju fil-proċess tal-aluminju primarju jiġu kkonsmati kontinwament matul il-proċess.


Is-sistemi taċ-ċelloli tal-aluminju primarju jvarjaw skont it-tip ta' anodu użat. Iċ-Ċellola elettrolitika “ta' qabel il-ħami” tuża diversi anodi tal-karbonju ta' qabel il-ħami li jridu jiġu ssostitwiti b'mod regolari. Iċ-Ċellola elettrolitika “Söderberg” tuża anodu tal-karbonju kontinwu wieħed, li jinħema waħdu *in situ* fiċ-ċellola permezz tas-sħana rilaxxata matul il-proċess elettrolitiku fil-funditur; il-mattunelli tal-pejst tal-anodu “ħodor” jiżdiedu fil-quċċata filwaqt li l-anodu jiġi kkonsmat fil-qiegħ. L-aluminju mdewweb jiġi ddepożitat fil-katodu u jinġabar fil-qiegħ taċ-ċellola, fejn jingħbed perjodikament b'sifuni b'vakwu fi griġjoli qabel ma jiġi ttrasportat lejn l-impjant tal-ikkastjar. Fl-impjant tal-ikkastjar, l-aluminju mdewweb jinżamm fi fran taż-żamma għall-ipproċessar ulterjuri qabel ma jiġu kkastjati ingotti tal-metall, blokok, billetti, ċangaturi jew simili; f'dan l-istadju jistgħu jiżdiedu wkoll kwantitajiet żgħar ta' ruttam kummerċjali nadif.

Ma hemm l-ebda prekursor rilevanti għall-aluminju primarju, peress li l-kostitwenti tal-materja prima użati miż-żewġ tipi ta' ċelloli – alumina, anodi tal-karbonju tal-ħami minn qabel, mattunelli tal-pejst tal-anodu ħodor, krijolit u addittivi oħrajn – jitqiesu bħala materja prima u għalhekk għandhom emissjonijiet integrati zero.

---

<sup>52</sup> L-alumina hija ossidu tal-aluminju purifikat prodott mill-benefiċċjazzjoni tal-minerali tal-boksajt permezz tal-proċess Bayer. Il-produzzjoni tal-alumina normalment isseħħ f'sit differenti mill-produzzjoni tal-aluminju primarju għal raġunijiet loġistiċi u tal-provvista tal-enerġija

Illustrazzjoni 5-15: Limiti tas-sistema tal-Aluminju mhux maħdum - rotta tal-produzzjoni tat-tidwib primarju



L-emissjonijiet diretti jirriżultaw minn kwalunkwe fjuwil fossili użat għat-tnixxif jew għat-tisħin minn qabel tal-inputs tal-materja prima, minn kwalunkwe fjuwil użat mill-impjant tal-ikkastjar, jew minn materjali tal-proċess bħall-konsum ta' elettrodi jew ta' pejst tal-elettrodi, jew mit-tisfija mill-impuritàjiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija (mill-karbonat tas-sodju jew mill-ġebla tal-gir, jekk tintuża). L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċess. Hemm ukoll emissjonijiet tal-PFC li jridu jitqiesu.

### 5.7.3.2 Aluminju mhux maħdum - Rotta tal-produzzjoni tat-tidwib sekondarju (mir-riċiklaġġ)


L-aluminju sekondarju jiġi prodott prinċipalment mir-ruttam tal-aluminju ta' wara l-konsum miġbur għar-riċiklaġġ (għalkemm l-aluminju mhux maħdum jista' jiżded ukoll separatament). Ir-ruttam jingħażel skont it-tip (liga kkastjata jew mhux maħduma) u t-tip ta' miżuri ta' trattament minn qabel meħtieġa (eż. it-tneħħija tal-kisi, it-tneħħija taż-żejt), u mbagħad jerġa' jiddewweb fit-tip xieraq ta' forn (tipikament rotatorju jew reverbertorju, iżda jistgħu jintużaw ukoll fran ta' induzzjoni) qabel ma jsir ipproċessar ulterjuri inklużi: illigar, trattament bit-tidwib (żieda ta' melħ jew klorinazzjoni) u finalment ikkastjar ta' ingotti tal-metall, blokok, billetti, ċangaturi jew simili. Il-fjuwils tipiċi użati huma l-gass naturali, l-LPG jew iż-żejt fjuwil.

It-tidwib sekondarju (riċiklaġġ) tal-aluminju juża r-ruttam tal-aluminju bħala input prinċipali.

Prekursur rilevanti huwa aluminju mhux maħdum minn sorsi oħrajn, jekk jintuża fil-proċess.

L-Illustrazzjoni 5-16 li ġejja turi l-limiti tas-sistema tal-proċessi rilevanti għall-produzzjoni tal-aluminju sekondarju.

Illustrazzjoni 5-16: Limiti tas-sistema tal-Aluminju mhux maħdum - rotta tal-produzzjoni tat-tidwib sekondarju



L-emissjonijiet diretti jirriżultaw minn kwalunkwe fjuwil fossili użat għat-tnixxif, għat-tisħin minn qabel jew għat-trattament minn qabel (il-kombustjoni tar-residwi relatati eż. jekk ir-ruttam jinżeba') tal-materja prima tar-ruttam; minn kwalunkwe fjuwil użat mill-impjant tal-ikkastjar; u minn fjuwils użati fl-ipproċessar tal-ixkuma u tal-gagazza rkuprati mill-proċess. L-emissjonijiet diretti jistgħu jirriżultaw ukoll mit-tisfija mill-impuritajiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija (mill-karbonat tas-sodju jew mill-ġebla tal-ġir, jekk tintuża). L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċess inkluż l-elettriku kkonsmat minn fran ta' induzzjoni. Ma hemm l-ebda emissjoni ta' PFC mill-proċess tal-aluminju sekondarju.

Ħu nota li meta l-prodott ta' dan il-proċess ikun fih aktar minn 5 % elementi ta' lligar, l-emissjonijiet integrati tal-prodott għandhom jiġu kkalkolati daqsliekeku l-massa tal-elementi ta' lligar kienet aluminju mhux maħdum mit-tidwib primarju.


### 5.7.3.3 Proċess tal-produzzjoni tal-prodotti tal-aluminju

Il-prodotti tal-aluminju jiġu prodotti bl-ipproċessar ulterjuri ta' aluminju prekursor mhux maħdum (illigat jew mhux illigat). Il-prodotti tal-aluminju huma prodotti b'varjetà ta' proċessi tal-iffurmar li jinkludu l-estrużjoni, l-ikkastjar, il-laminazzjoni fis-sħana u fil-kiesaħ, il-kiwi fil-forġa u t-trafilaġġ. L-estrużjoni hija proċess komuni użat sabiex jiġu prodotti profili tal-aluminju. Il-laminazzjoni fis-sħana u fil-kiesaħ tista' tintuża sabiex jiġu prodotti pjanċi, folji u fojl. L-ikkastjar jista' jintuża sabiex jiġu prodotti forom kumplessi.

Il-prekursuri rilevanti huma l-aluminju mhux maħdum, jekk jintuża fil-proċess tal-produzzjoni (l-aluminju primarju u sekondarju għandu jiġi ttrattat separatament, jekk id-data tkun magħrufa, peress li kull wieħed minnhom għandu emissjonijiet integrati differenti), u l-prodotti tal-aluminju, jekk jintużaw fil-proċess tal-produzzjoni.

L-Illustrazzjoni 5-17 li ġejja turi l-limiti tas-sistema tal-proċessi rilevanti għall-prodotti tal-aluminju.

Illustrazzjoni 5-17: Limiti tas-sistema tal-proċess tal-produzzjoni tal-prodotti tal-aluminju



L-emissjonijiet diretti jirriżultaw minn kwalunkwe fjuwil fossili użat fil-proċessi tal-iffurmar imwettqin (eż. gass naturali użat għat-tiġin minn qabel tal-billetteri tal-aluminju fi fran taż-żamma, qabel il-kiwi). L-emissjonijiet diretti jistgħu jirriżultaw ukoll mit-tisfija mill-impuritàjiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija. L-emissjonijiet indiretti jirriżultaw mill-elettriku kkonsmat mill-proċess. Ma hemm l-ebda emissjoni ta' PFC li tirriżulta mill-proċessi li jiffurmaw prodotti tal-aluminju.

Ħu nota li meta l-prodott ta' dan il-proċess ikun fih aktar minn 5 % elementi ta' lligar, l-emissjonijiet integrati tal-prodott għandhom jiġu kkalkolati daqslikieku l-massa tal-elementi ta' lligar kienet aluminju mhux maħdum mit-tidwib primarju.

Ħu nota ukoll li għal prodotti li fihom aktar minn 5 % materjali oħrajn skont il-massa, eż. materjali ta' iżolament fil-kodiċi NM 7611 00 00 il-massa tal-aluminju biss għandha tiġi rrapportata bħala l-massa tal-oġġetti prodotti.

#### 5.7.4 Parametri ta' rapportar addizzjonali

It-tabella li ġejja telenka l-informazzjoni addizzjonali għall-oġġetti tas-CBAM li għandha tiġi pprovduta mill-operatur, flimkien ma' data dwar l-emissjonijiet integrati, fil-komunikazzjoni tiegħu tad-data dwar l-emissjonijiet lilek bħala l-importatur.

Tabella 5-14: Parametri addizzjonali tas-settur tal-aluminju koperti fir-rapport tas-CBAM



<b>Kategorija ta' oġġetti aggregati</b>	<b>Rekwiżit ta' rapportar fir-rapport trimestrali</b>
Aluminju mhux maħdum	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Tunnellati ta' ruttam użat għall-produzzjoni ta' tunnellata tal-prodott tal-aluminju mhux maħdum.</li> <li>– % tar-ruttam li huwa ruttam ta' qabel il-konsum.</li> <li>– Kontenut ta' liġi fl-aluminju: Jekk il-kontenut totali ta' elementi għajr l-aluminju jaqbeż 1 %, il-perċentwal totali ta' dawn l-elementi.</li> </ul>
Prodotti tal-aluminju	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Tunnellati ta' ruttam użat għall-produzzjoni ta' tunnellata tal-prodott tal-aluminju mhux maħdum.</li> <li>– % tar-ruttam li huwa ruttam ta' qabel il-konsum.</li> <li>– Kontenut ta' liġi fl-aluminju: Jekk il-kontenut totali ta' elementi għajr l-aluminju jaqbeż 1 %, il-perċentwal totali ta' dawn l-elementi.</li> </ul>

Se jkollok bżonn tirrapporta l-parametri addizzjonali fir-Rapport tas-CBAM tiegħek meta l-oġġett finali jiġi importat fl-UE fil-qafas tas-CBAM.

### 6.1.1 *Rapportar ta' emissjonijiet integrati diretti u indiretti*

Matul il-perjodu tranżitorju jeħtieġ li int tirrapporta kemm l-“emissjonijiet diretti”<sup>53</sup> kif ukoll l-“emissjonijiet indiretti”<sup>54</sup>.

L-emissjonijiet diretti integrati huma l-emissjonijiet attribwiti għall-proċess tal-produzzjoni rilevanti li jipproduċi l-oġġett, fuq il-bażi tal-emissjonijiet diretti tal-installazzjoni tal-produzzjoni, tal-emissjonijiet mill-flussi tas-sħana rilevanti, mill-flussi tal-materjali, mill-gassijiet ta' skart (jekk rilevanti) u tal-emissjonijiet diretti integrati minn kwalunkwe prekursor rilevanti.

L-emissjonijiet integrati indiretti huma l-emissjonijiet indiretti attribwiti għall-proċess tal-produzzjoni rilevanti li jipproduċi oġġetti fl-installazzjoni tal-produzzjoni, u l-emissjonijiet integrati indiretti minn kwalunkwe prekursor rilevanti.

Regola tranżettorjali hija li meta jintużaw diversi rotot tal-produzzjoni fl-istess installazzjoni għall-produzzjoni ta' oġġetti li jaqgħu taħt l-istess kodiċi NM, u dawn irrotot jiġu assenjati proċessi tal-produzzjoni separati, l-emissjonijiet integrati ta' dawg l-oġġetti għandhom jiġu kkalkolati b'mod separat għal kull rotta tal-produzzjoni.

#### **L-emissjonijiet integrati f'oġġetti prekursori**

L-operatur għandu jinkludi l-emissjonijiet integrati f'oġġetti prekursori (kemm l-emissjonijiet diretti kif ukoll dawg indiretti, bħal hawn fuq) fil-kalkolu tal-emissjonijiet integrati totali għal oġġett finali, li jagħmluh “oġġett kumpless”. L-emissjonijiet integrati tal-oġġetti prekursori rilevanti<sup>55</sup> jiżdiedu mal-emissjonijiet integrati tal-oġġett kumpless.

### 6.1.2 *Unitajiet għar-rapportar ta' emissjonijiet integrati*

L-unità użata għar-rapportar ta' gassijiet serra integrati hija “tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>”<sup>56</sup>, li tfisser tunnellata metrika ta' diossidu tal-karbonju (“CO<sub>2</sub>”), jew ammont ta' kwalunkwe gass serra ieħor elenkat fl-Anness I b'potenzjal ta' tisħin globali ekwivalenti (“e”); jiġifieri meta rilevanti, l-emissjonijiet ta' N<sub>2</sub>O u taż PFCs għandhom jiġu kkonvertiti għall-valur tagħhom ta' “ekwivalenti ta' tCO<sub>2</sub>”.

Għall-finijiet ta' rapportar, id-*data* dwar l-emissjonijiet integrati għandha tiġi ttondjata għal tunnellati sħaħ ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> matul il-perjodu ta' rapportar. Il-parametri użati għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati rrapportati għandhom jiġu ttondjati sabiex jinkludu ċ-ċifri sinifikanti kollha, sa massimu ta' ħames pożizzjonijiet deċimali. Il-livell

<sup>53</sup> “emissjonijiet diretti” tfisser emissjonijiet mill-proċessi tal-produzzjoni ta' oġġetti, inklużi l-emissjonijiet mill-produzzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ ikkonsmati matul il-proċessi tal-produzzjoni, indipendentement mill-post tal-produzzjoni tat-tisħin jew tat-tkessiħ;

<sup>54</sup> “emissjonijiet indiretti” tfisser emissjonijiet mill-produzzjoni tal-elettriku, li jiġi kkonsmati matul il-proċessi tal-produzzjoni tal-oġġetti, indipendentement mill-post tal-produzzjoni tal-elettriku kkonsmat.

<sup>55</sup> Meta prekursor stess ikun oġġett kumpless, dan il-proċess jiġi rripetut b'mod rikorrenti sakemm ma jkunx hemm aktar prekursori rilevanti.

<sup>56</sup> “tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>” tfisser tunnellata metrika ta' diossidu tal-karbonju (“CO<sub>2</sub>”), jew ammont ta' kwalunkwe gass serra ieħor elenkat fl-Anness I b'potenzjal ta' tisħin globali ekwivalenti

ta' ttondjar meħtieġ għall-parametri użati f' dawn il-kalkoli jiddependi fuq l-akkuratezza u fuq il-preċiżjoni tat-tagħmir tal-kejl użat.

### 6.1.3 *Emissjonijiet integrati*


Il-kunċett ta' emissjonijiet integrati, għall-finijiet tas-CBAM, huwa bbażat fuq il-prinċipji u fuq ir-rekwiżiti għal impronta tal-karbonju tal-prodotti (CFP), **iżda** ma huwiex kompletament allinjat magħhom. CFP normalment tinftiehem bħala ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (espressi bħala kg jew tunnelli ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>) għal kull *unità ddikjarata*, (eż. tunnelli ta' oġġetti) fuq il-bażi ta' perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja li tkopri l-emissjonijiet sinifikanti kollha mill-proċessi upstream u downstream (imsejħin stadji taċ-ċiklu tal-ħajja), mill-estrazzjoni u mill-produzzjoni sat-trasport, l-użu u t-tmiem tal-ħajja.

Id-differenza mill-ambitu tas-CFP hija minħabba li s-CBAM huwa maħsub sabiex ikopri l-istess emissjonijiet li kieku jkunu koperti mill-EU ETS li kieku l-produzzjoni kienet tinsab fl-UE. Il-limiti tas-sistema tal-emissjonijiet koperti mill-EU ETS, u għalhekk is-CBAM, huma **idjaq minn dawk f' CFP**. L-emissjonijiet downstream (l-emissjonijiet mill-użu u mit-tmiem tal-ħajja) tal-prodotti huma barra mill-ambitu tal-EU ETS u tas-CBAM. L-emissjonijiet mit-trasport ta' materjali bejn is-siti u minn proċessi li jinsabu aktar upstream fil-katina ta' attivitajiet ukoll ma humiex inklużi. L-Illustrazzjoni 6-1 tiġbor dan fil-qosor b'mod grafiku.

Għall-fini tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet integrati tas-CBAM fil-livell ta' prodott, il-punt tat-tluq huwa l-emissjonijiet ta' installazzjoni. L-emissjonijiet tal-installazzjoni jinqasmu ("attribwiti") għall-emissjonijiet tal-proċessi tal-produzzjoni tagħha. Imbagħad tiżdied kwalunkwe emissjoni integrata rilevanti tal-materjali prekursori, u r-riżultat jiġi diviż bil-livell ta' attività ta' kull proċess tal-produzzjoni, u b'hekk jirriżulta f'"emissjonijiet integrati speċifiċi" tal-oġġetti li jirriżultaw mill-proċess tal-produzzjoni.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma riflessi fid-definizzjonijiet ta' emissjonijiet diretti u indiretti, kif stabbiliti fir-Regolament CBAM, u fl-Anness IV tiegħu li jstabilixxi l-approċċ bażiku ta' kalkolu, li b'mod partikolari jirrikjedi li jitqiesu l-materjali prekursori.

Illustrazzjoni 6-1: It-tqabbil tal-impronta ambjentali tal-prodotti, tal-impronta tal-karbonju tal-prodotti, u tal-impronta tal-karbonju parzjali speċifika li għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet integrati fis-CBAM.



#### 6.1.4 Emissjonijiet indiretti

Għall-finijiet tal-perjodu tranżitorju tas-CBAM, l-emissjonijiet integrati indiretti jridu jiġu rrapportati separatament mill-emissjonijiet integrati diretti, għall-oġġetti kollha koperti.

L-emissjonijiet indiretti ta' installazzjoni jew ta' proċess tal-produzzjoni huma ekwivalenti għall-emissjonijiet ikkawżati mill-produzzjoni tal-elettriku kkonsmat fl-installazzjoni jew fil-proċess tal-produzzjoni tal-oġġetti, rispettivament, immultiplikati bil-fattur ta' emissjoni applikabbli għall-elettriku:

$$AttrEm_{indir} = Em_{el} = E_{el} \cdot EF_{el} \text{ (Ekwazzjonijiet 49 u 44)}^{57}$$

Fejn:

$AttrEm_{indir}$  huma l-emissjonijiet indiretti attribwiti ta' proċess tal-produzzjoni espressi f'tunnellati ta' CO<sub>2</sub>;

<sup>57</sup> Hu nota li n-numri ta' referenza tal-Ekwazzjonijiet mogħtijin f'dan id-Dokument ta' Gwida jirreferu għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1773

$Em_{el}$  huma l-emissjonijiet relatati mal-elettriku prodott jew ikkonsmat, espressi f'tunnellati ta' CO<sub>2</sub>;

$E_{el}$  hija l-elettriku kkonsmat espress f'MWh jew f'TJ; u

$EF_{el}$  hija l-fattur ta' emissjoni għall-elettriku applikat, espress f'tunnellati ta' CO<sub>2</sub>/MWh jew f'tunnellati ta' CO<sub>2</sub>/TJ.

Ir-regola ġenerali għall-fattur ta' emissjoni hija li jintuża valur prestabbilit ipprovdut mill-Kummissjoni Ewropea għal dak l-għan. Madankollu, it-Taqsima 6 tal-Anness IV tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li fihom tista' tintuża d-*data* attwali għall-fattur ta' emissjoni:

- Jekk ikun hemm rabta teknika diretta bejn l-installazzjoni li fiha jiġi prodott l-oġġett importat u s-sors tal-ġenerazzjoni tal-elettriku; jew
- Jekk l-operatur ta' dik l-installazzjoni jkun ikkonkluda ftehim ta' xiri tal-enerġija ma' produttur tal-elettriku li jinsab f'pajjiż terz għal ammont ta' elettriku li jkun ekwivalenti għall-ammont li għalih jintalab l-użu ta' [fattur tal-emissjoni] speċifiku.

Għalhekk, jekk l-operatur jiġġenera l-elettriku fl-installazzjoni tiegħu stess, il-**fattur ta' emissjoni użat għall-kalkolu u għar-rapportar ta' emissjonijiet indiretti jista' jiġi ddeterminat mill-operatur**. Jekk l-operatur jirċievi l-elettriku minn installazzjoni konnessa direttament u jekk dik l-installazzjoni tuża l-istess approċċi ta' monitoraġġ kif deskritti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tas-CBAM, l-operatur għandu juża l-fattur ta' emissjoni pprovdut mill-operatur ta' dik l-installazzjoni. Barra minn hekk, jekk l-installazzjoni tiegħek ikollha ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija<sup>58</sup> ma' installazzjoni aktar remota, għal darb'oħra għandu jintuża l-fattur ta' emissjoni pprovdut minn dak il-fornitur tal-elettriku. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, jiġifieri għall-elettriku riċevut mill-grilja, għandu jintuża l-**fattur ta' emissjoni prestabbilit għall-elettriku fil-pajjiż jew fir-reġjun** kif ipprovdut mill-Kummissjoni Ewropea. Dawk il-valuri prestabbiliti huma bbażati fuq *data* mill-AIE u huma aċċessibbli permezz tar-Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM tal-Kummissjoni.

### 6.1.5 *Iż-żieda tal-emissjonijiet tal-prekursuri*

Matul il-perjodu tranżitorju, jistgħu jintużaw valuri standard għall-emissjonijiet integrati, kif ippreżentati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni, meta l-prekursur ikun oġġett tas-CBAM.

Jistgħu jintużaw valuri prestabbiliti sabiex jiġu kkalkolati l-emissjonijiet integrati ta' oġġetti prekursori li jintużaw bħala inputs u kkonsmati fil-proċess tal-produzzjoni għal oġġetti tas-CBAM oħrajn, meta l-intensitajiet tal-emissjonijiet attwali għal dawn l-oġġetti prekursori ma jkunux disponibbli.

Il-valuri prestabbiliti tal-fatturi ta' emissjoni ġew ikkalkolati mill-Kummissjoni Ewropea (kemm għall-emissjonijiet diretti kif ukoll għal dawk indiretti meta xieraq) bil-kodiċi NM. Dawn huma ppubblikati fuq is-sit web dedikat tal-Kummissjoni Ewropea għas-CBAM:

---

<sup>58</sup> L-Anness IV tar-Regolament CBAM jiddefinixxi: "*ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija*" *tfisser kuntratt li bih persuna taqbel li tixtri l-elettriku direttament mingħand produttur tal-elettriku;*

- Il-valuri prestabbiliti mogħtijin f'livell ta' kodiċi NM b'erba' ċifri japplikaw għall-oġġetti kollha li jaqgħu f'din il-kategorija ta' kodiċi NM b'erba' ċifri (jiġifieri indipendenti miċ-ċifri wara dawn l-ewwel erba' ċifri).
- Il-valuri prestabbiliti pprovduti f'livell ta' kodiċi NM b'sitt ċifri japplikaw għall-oġġetti kollha li jaqgħu taħt din il-kategorija ta' kodiċi NM b'sitt ċifri.
- Il-valuri prestabbiliti pprovduti f'livell ta' kodiċi NM bi tmien ċifri japplikaw biss għal dan l-oġġett speċifiku b'kodiċi NM bi tmien ċifri – fil-biċċa l-kbira tal-każ dawn il-kodiċijiet bi tmien ċifri huma għall-industrija tal-azzar, li jirriflettu l-medda ta' rotot tal-produzzjoni differenti u ta' elementi ta' lligar użati.
- F'ħafna każijiet, l-istess valur prestabbilit japplika għal diversi kodiċijiet NM.

Il-parteċipanti li jixtiequ jużaw il-valuri prestabbiliti fuq is-sit web dedikat tas-CBAM tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jinnotaw li dawn huma stabbiliti f'livell ta' intensità tal-emissjonijiet relattivament għoli u, għalhekk, jista' jkun aktar vantaġġjuż li jintużaw il-valuri attwali għall-oġġetti prekursori meta dawn ikunu disponibbli.

### **6.1.6 Fatturi ta' emissjoni prestabbiliti għall-prekursuri**

Jistgħu jintużaw fatturi prestabbiliti ta' emissjonijiet sabiex jiġu kkalkolati l-emissjonijiet diretti u indiretti integrati ta' oġġetti prekursori, meta dawn l-oġġetti prekursori jintużaw bħala inputs u jiġu kkonsmati fil-proċess tal-produzzjoni ta' oġġetti tas-CBAM oħrajn.

Il-fatturi huma ppubblikati fuq is-sit web dedikat tas-CBAM tal-Kummissjoni Ewropea u huma elenkati skont il-kategorija aggregata ta' oġġetti, ir-rotta tal-produzzjoni u l-prekursur rilevanti. Dawn il-valuri prestabbiliti huma l-emissjonijiet integrati speċifiċi diretti u indiretti (SEE) separati (**tCO<sub>2(e)</sub>/tunnellata oġġett**) għal kull oġġett prekursor.

#### **Limiti fuq l-użu tal-valuri prestabbiliti:**

L-importaturi tal-UE jitħallew jużaw dawn il-valuri sabiex jiżguraw il-konformità tiegħek mar-rekwiżiti tas-CBAM”, f'każ li ma tirċivix *data* rilevanti fil-ħin mingħand l-operaturi ta' installazzjonijiet li jipproduċu oġġetti tas-CBAM. Dawn jistgħu jintużaw:

- Mingħajr limitu kwantitattiv sal-**31 ta' Lulju 2024**, jiġifieri għall-użu fl-ewwel tliet rapporti trimestrali tas-CBAM.
- Mingħajr limitu ta' żmien, iżda b'limitu kwantitattiv: għal oġġetti kumplessi, sa 20 % tal-emissjonijiet integrati totali jistgħu jiġu ddeterminati bl-użu ta' estimi. L-użu ta' valuri prestabbiliti pprovduti mill-Kummissjoni jikkwalifika bħala “estimu”.

Għad-dikjaranti tar-rapportar, il-valuri prestabbiliti jistgħu jservu bħala għodda għalik sabiex tivverifika l-plawżibbiltà tad-*data* dwar l-emissjonijiet integrati pprovduta mill-operaturi, peress li l-valuri prestabbiliti huma ddeterminati bħala l-valuri medji globali bbażati fuq sorsi disponibbli pubblikament. Jekk il-valuri rrapportati mill-operatur ikunu sostanzjalment differenti mill-valuri prestabbiliti, huwa rrakkomandat li tiċċekkja mal-operatur li ma hemm l-ebda żball fid-*data* jew fil-kalkolu tal-emissjonijiet integrati.

#### **Il-fatturi ta' emissjoni prestabbiliti għall-elettriku tal-grilja**

Meta l-elettriku tal-grilja jiġi kkonsmat permezz ta' proċess tal-produzzjoni, int tista' tuża valur prestabbilit ibbażat fuq jew:

- Il-fattur ta' emissjoni medju tal-grilja tal-elettriku (fil-pajjiż ta' oriġini tal-elettriku), ibbażat fuq *data* mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) ipprovduta mill-Kummissjoni fir-Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM; jew
- Kwalunkwe fattur ta' emissjoni ieħor tal-grilja tal-elettriku tal-pajjiż ta' oriġini bbażat fuq ***data disponibbli għall-pubbliku*** li tirrappreżenta l-fattur ta' emissjoni medju<sup>59</sup> jew il-fattur ta' emissjoni tas-CO<sub>2</sub>

Għandek tiegħu nota li d-determinazzjoni ta' fatturi ta' emissjoni speċifiċi bl-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq bħal “garanziji tal-oriġini” jew “ċertifikati ekoloġiċi” eċċ. ma hijiex permessa.

## 6.2 Rekwiżiti ta' rapportar

Din it-taqsimha tiddekrivi kif għandek tirrapporta l-emissjonijiet tal-produzzjoni u integrati matul il-perjodu tranżitorju tas-CBAM. Il-kaxxa testwali ta' hawn taħt tindika t-taqsimiet ewlenin fir-Regolament ta' Implimentazzjoni għar-rapportar, rilevanti għall-perjodu tranżitorju tas-CBAM.

---

*Referenzi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni:*

L-Anness II, it-Taqsimha 1 Definizjonijiet.

L-Anness III, it-Taqsimha F Regoli għall-attribuzzjoni tal-emissjonijiet minn installazzjoni għall-oġġetti.

L-Anness IV, Kontenut tal-komunikazzjoni rakkomandata mill-operaturi tal-installazzjonijiet lid-dikjaranti tar-rapportar.

Il-valuri prestabbiliti għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati, ipprovduti mill-Kummissjoni Ewropea u ppubblikati fuq is-sit web dedikat tagħhom għas-CBAM.

---

### 6.2.1 Ir-rapportar tal-kwantità ta' oġġetti importati

F'perjodu ta' rapportar partikolari, il-kwantità totali ta' oġġetti importati li tissodisfa speċifikazzjoni partikolari ta' prodott tan-NM għal dak l-oġġett għandha tiġi rrapportata, u tiġi espressa f'tunnellati jew f'MWh għall-elettriku.

### 6.2.2 Ir-rapportar tal-kwalità ta' ċerti oġġetti importati

Hemm xi parametri kwalifikanti addizzjonali li inti bħala l-importatur tal-UE jeħtieġ li tirrapporta fil-qafas tas-CBAM. Dawn jiddependu fuq l-oġġetti importati. Pereżempju, għas-simenti importati, jeħtieġ li jiġi rrapportat il-kontenut totali tal-klinker, għall-fertilizzanti mħalltin il-kontenut tal-forom differenti ta' nitroġenu, eċċ. Il-parametri rilevanti huma elenkati fit-Taqsimha 2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

---

<sup>59</sup> Ir-Regolament CBAM jiddefinixxi: “*Fattur ta' emissjoni għall-elettriku*” tfisser il-valur prestabbilit, espress f'CO<sub>2</sub>e, li jirrappreżenta l-intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku kkunsmat fil-produzzjoni tal-oġġetti.

Jeħtieġ li tiżgura li tiġbor il-parametri kollha neċessarji għall-oġġetti tas-CBAM tiegħek migħand il-produttur(i) tal-oġġett(i) importat(i).

Dawn ir-rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali huma elenkati għal kull settur fit-Taqsima 5. Xi wħud minn dawn il-parametri jeħtieġu informazzjoni dwar il-kwalità tal-prodotti bħal, pereżempju, il-kontenut ta' klinker tas-siment, il-kontenut ta' ċerti elementi ta' liga fl-azzar, l-ammont ta' ruttam użat għall-produzzjoni tal-azzar u tal-aluminju, il-konċentrazzjoni tal-aċidu nitriku jew tal-ammonijaka idruża, jew il-kontenut ta' forom differenti ta' nitroġenu f'fertilizzanti mħalltin.

Bħala regola ġenerali, il-produtturi jistgħu jużaw il-medja annwali tal-kejl tal-kwalità għall-proċess kollu tal-produzzjoni għal finijiet ta' rapportar bl-istess kodiċi NM. B'mod fakultattiv, jekk l-operatur ikollu possibbiltajiet ta' monitoraġġ aktar dettaljati, huwa mħeġġeġ monitoraġġ "għal kull prodott".

Ħu nota li l-potenzjal għad-differenzjazzjoni tal-oġġetti skont il-kwalità tagħhom jippermetti lill-importaturi l-opportunità li jirrapportaw id-*data* fuq livell aktar dettaljat minn kodiċijiet NM biss. Pereżempju, jekk timporta tliet gradi differenti ta' fertilizzanti mħalltin, tista' tirrapportahom bħala tliet oġġetti separati bl-istess kodiċi NM b'*data* dwar l-emissjonijiet integrati u l-kompożizzjoni differenti.

### **6.2.3 Rapportar ta' emissjonijiet integrati diretti u indiretti**

Matul il-perjodu tranżitorju jeħtieġ li tqis kemm l-"emissjonijiet diretti"<sup>60</sup> kif ukoll l-"emissjonijiet indiretti"<sup>61</sup>, fir-rapportar tal-emissjonijiet integrati tal-oġġetti importati.

Meta jintużaw diversi rotot tal-produzzjoni għall-produzzjoni ta' oġġetti li jaqgħu taħt l-istess kodiċi NM, u dawk ir-rotot tal-produzzjoni jiġu assenjati għal proċessi tal-produzzjoni separati, l-emissjonijiet integrati tal-oġġetti jiġu kkalkolati u rrapportati b'mod separat għal kull rotta tal-produzzjoni.

#### **L-emissjonijiet integrati f'oġġetti prekursori**

L-operatur għandu jinkludi l-emissjonijiet integrati f'oġġetti prekursori (kemm l-emissjonijiet diretti kif ukoll dawk indiretti) fil-kalkolu tal-emissjonijiet integrati totali għal oġġett finali, li jagħmluh "oġġett kumpless". L-emissjonijiet integrati tal-oġġetti prekursori rilevanti<sup>62</sup> jidiedu mal-emissjonijiet integrati tal-oġġett kumpless.

L-inklużjoni ta' emissjonijiet integrati ta' oġġetti prekursori hija neċessarja sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-kostijiet tal-karbonju skont l-EU ETS u s-CBAM. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra rilevanti jikkorrispondu għal dawk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra<sup>63</sup> koperti wkoll mill-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE dwar l-EU ETS,

<sup>60</sup> "emissjonijiet diretti" tfisser emissjonijiet mill-proċessi tal-produzzjoni ta' oġġetti, inklużi l-emissjonijiet mill-produzzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ ikkonsmati matul il-proċessi tal-produzzjoni, indipendentement mill-post tal-produzzjoni tat-tisħin jew tat-tkessiħ;

<sup>61</sup> "emissjonijiet indiretti" tfisser emissjonijiet mill-produzzjoni tal-elettriku, li jiġi kkonsmati matul il-proċessi tal-produzzjoni tal-oġġetti, indipendentement mill-post tal-produzzjoni tal-elettriku kkonsmat.

<sup>62</sup> Meta prekursur stess ikun oġġett kumpless, dan il-proċess jiġi rripetut b'mod rikorrenti sakemm ma jkunx hemm aktar prekursori rilevanti.

<sup>63</sup> "gassijiet serra" tfisser gassijiet serra kif speċifikat fl-Anness I fir-rigward ta' kull wieħed mill-oġġetti elenkati f'dak l-Anness.



jiġifieri<sup>64</sup> d-diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>) għas-setturi kollha, u b' mod addizzjonali l-ossidu nitruż (N<sub>2</sub>O) għal xi oġġetti fertilizzanti u perfluworokarburi (PFCs) għal xi oġġetti tal-aluminju.

#### 6.2.4 *Unitajiet għar-rapportar ta' emissjonijiet integrati*

L-unità użata għar-rapportar ta' gassijiet serra integrati hija “tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub><sup>65</sup>”, li tfisser tunnellata metrika ta' diossidu tal-karbonju (“CO<sub>2</sub>”), jew ammont ta' kwalunkwe gass serra ieħor elenkat fl-Anness I b'potenzjal ta' tişhin globali ekwivalenti (“e”); jiġifieri meta rilevanti, l-emissjonijiet ta' N<sub>2</sub>O u taż PFCs għandhom jiġu kkonvertiti għall-valur tagħhom ta' “ekwivalenti ta' tCO<sub>2</sub>”.

Għall-finijiet ta' rapportar, id-*data* dwar l-emissjonijiet integrati għandha tiġi ttondjata għal tunnellati sħaħ ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> matul il-perjodu ta' rapportar. Il-parametri użati għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati rrapportati għandhom jiġu ttondjati sabiex jinkludu ċ-ċifri sinifikanti kollha, sa massimu ta' ħames pożizzjonijiet deċimali. Il-livell ta' ttondjar meħtieġ għall-parametri użati f' dawn il-kalkoli jiddependi fuq l-akkuratezza u fuq il-preċiżjoni tat-tagħmir tal-kejl użat.

#### 6.2.5 *Ir-rapportar tal-prezz effettiv tal-karbonju dovut*

Sabiex jiġi żgurat it-trattament ġust tal-oġġetti prodotti f' installazzjonijiet differenti f' ġurisdizzjonijiet differenti, huwa neċessarju li l-importatur jirrapporta l-**prezz tal-karbonju effettiv dovut**<sup>66</sup> għall-produzzjoni tal-oġġetti tas-CBAM. Dan jista' jiġi applikat fil-livell nazzjonali jew subnazzjonali.

Il-**“prezz tal-karbonju effettiv”** huwa l-prezz attwali għal kull tunnellata ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> dovut u għandu jkollha:

- Il-prezz attwali ta' tunnellata ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> fl-iskema tal-ipprezzar tal-karbonju fil-ġurisdizzjoni;
- Il-kopertura tal-emissjonijiet tal-proċessi tal-produzzjoni fl-iskema tal-ipprezzar tal-karbonju (dirett, indirett, tipi ta' gassijiet serra, eċċ.);
- Kwalunkwe “rifużjoni” applikabbli<sup>67</sup>, jiġifieri l-ammont ta' allokkazzjoni bla ħlas (fil-każ ta' ETS) jew kwalunkwe appoġġ finanzjarju, kumpens jew forma oħra ta' rifużjoni riċevuta f' dik il-ġurisdizzjoni, għal kull tunnellata tal-prodott rilevanti għas-CBAM; u

<sup>64</sup> [Id-Direttiva 2003/87/KE](#).

<sup>65</sup> “tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>” tfisser tunnellata metrika ta' diossidu tal-karbonju (“CO<sub>2</sub>”), jew ammont ta' kwalunkwe gass serra ieħor elenkat fl-Anness I b'potenzjal ta' tişhin globali ekwivalenti

<sup>66</sup> Ir-Regolament CBAM jiddefinixxi: “prezz tal-karbonju” tfisser l-ammont monetarju mħallas f' pajjiż terz, fl-ambitu ta' skema għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju, fil-forma ta' taxa, imposta jew dritt jew fil-forma ta' kwoti ta' emissjonijiet skont sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet serra, ikkalkulat fuq gassijiet serra koperti minn tali miżura, u rilaxxati matul il-produzzjoni tal-oġġetti.

<sup>67</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jiddefinixxi: “rifużjoni” tfisser kwalunkwe ammont li jnaqqas l-ammont dovut jew imħallas minn persuna responsabbli għall-ħlas ta' prezz tal-karbonju, qabel il-ħlas tiegħu jew wara, f' forma monetarja jew fi kwalunkwe forma oħra.

- Fil-każ ta' oġġetti kumplessi, il-prezz tal-karbonju dovut (wara kwalunkwe rifużjoni riċevuta) ta' kwalunkwe materjal prekursor rilevanti kkonsmat fil-proċess tal-produzzjoni.

Fil-perjodu tranżitorju, dan huwa obbligu ta' rapportar għall-importaturi; madankollu, fil-perjodu definittiv, id-divulgazzjoni ta' din l-informazzjoni tagħti lill-importaturi **rifużjoni fl-ammont li kieku kien ikollu jitħallas** mill-persuna responsabbli għall-obbligu tas-CBAM.

Il-prezz tal-karbonju totali dovut jeħtieġ li jiġi attribwit lill-oġġetti tas-CBAM b'mod simili għall-emissjonijiet integrati speċifiċi.

Il-prezz tal-karbonju dovut jista' jiġi attribwit għal proċess tal-produzzjoni u għal kategorija ta' oġġetti aggregati b'mod simili għal kif jiġu kkalkolati l-emissjonijiet integrati speċifiċi, u għandu jiġi **espress bħala euro għal kull tunnellata ta' oġġett tas-CBAM.**

Għal oġġetti kumplessi, f'każijiet li fihom il-prekursuri rilevanti jiġu kkonsmati mill-proċess tal-produzzjoni, il-prezz tal-karbonju dovut mill-fornitur għandu jiżdied ma' dak iddeterminat għall-oġġett kumpless tas-CBAM, u l-prezz tal-karbonju li jirriżulta kkalkolat.

Jekk il-fornitur tal-prekursur ma jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa, trid tassumi l-prezz tal-karbonju dovut sabiex il-prekursur ikun żero.

Iż-żewġ tipi ewlenin ta' sistema ta' pprezzar tal-karbonju li qed jiġi ħaddmu huma **sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS)** jew **prezz tal-karbonju fil-forma ta' taxa, ta' imposta jew ta' tariffa**. F'dawn il-każijiet, it-tip ta' informazzjoni li l-operaturi għandhom jirrapportaw hija kif ġej:

- **Il-prezz tal-karbonju taħt Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS):**
  - Il-prezz medju annwali ta' kwoti/ċertifikati relatati ma' tunnellata metrika waħda ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> fil-munita applikabbi;
  - Id-dettalji tar-regoli tal-ETS<sup>68</sup>, bħal jekk dan japplikax għal emissjonijiet diretti u/jew indiretti;
  - L-emissjonijiet totali li għalihom kellek iċċedi l-kwoti jew iċ-ċertifikati;
  - In-numru totali ta' kwoti jew ta' ċertifikati li tkun irċivejt bla ħlas, bħala "allokazzjoni bla ħlas";
  - Id-differenza li tirriżulta bejn l-emissjonijiet u l-allokazzjoni bla ħlas. Jekk tal-aħħar tisboq l-emissjonijiet, il-prezz tal-karbonju dovut għandu jiġi rrapportat bħala żero.
- **Prezz tal-karbonju fil-forma ta' taxa, ta' imposta jew ta' tariffa:**
  - L-ammont medju annwali ta' taxa, ta' imposta jew ta' tariffa relatati ma' tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> fil-munita applikabbi. Jekk l-

<sup>68</sup> L-importaturi jkollhom jiprovdu deskrizzjoni u indikazzjoni tal-att legali – jiġifieri jiprovdu r-referenza tar-regolament, idealment bħala link tal-internet. Għalhekk, għandek tippovdi wkoll din l-informazzjoni.

ammont ikun differenti eż. għal fjuwils differenti użati, għandha tiġi ddeterminata rata medja ponderata li tikkorrispondi għat-taħlita tal-fjuwil tal-installazzjoni tiegħek għal kull perjodu ta' rapportar;

- Dettalji dwar ir-regoli applikabbli<sup>68</sup> għat-taxxa, għall-imposta jew għat-tariffa, bħal jekk tapplikax għal emissjonijiet diretti u/jew indiretti jew għal proċessi jew għal fjuwils speċifiċi, eċċ.;
- L-emissjonijiet totali li għalihom kellek tħallas il-prezz tal-karbonju taħt it-taxxa, l-imposta jew it-tariffa;
- Kwalunkwe rifużjoni li tħallejt tapplika għall-ħlas tiegħek tat-taxxa, tal-imposta jew tat-tariffa fuq il-karbonju;
- It-taxxa fuq il-karbonju totali li tirriżulta li tħallset. Jekk ir-rifużjoni taqbeż ir-rata tat-taxxa qabel l-applikazzjoni tar-rifużjoni (jew tar-rimbors), il-prezz tal-karbonju dovut għandu jiġi rrapportat bħala żero.

Tipi oħrajn ta' sistema tal-prezzijiet tal-karbonju jistgħu jkunu possibbli, bħall-Finanzjament għall-Klima Bbażat fuq ir-Riżultati (RBCF) iżda dawn ma humiex tipiċi tas-setturi tal-industrija, u ma humiex eliġibbli skont il-leġiżlazzjoni tas-CBAM.

Ir-rata tal-kambju bejn il-munita applikabbli tal-prezz tal-karbonju dovut u l-euro se tiġi applikata awtomatikament fir-Reġistru Tranżitorju tas-CBAM meta r-Rapport tas-CBAM jiddaħħal mid-dikjarant tar-rapportar, bl-użu tar-rata tal-kambju annwali medja għas-sena preċedenti.

### 6.2.6 Informazzjoni rilevanti għall-importaturi

Matul il-perjodu tranżitorju, l-importaturi jirrapportaw id-dettalji kemm tal-**prezz tal-karbonju dovut** (jiġifieri l-prezz tal-karbonju fil-pajjiż ta' oriġini) kif ukoll tal-**prodotti tas-CBAM koperti mill-prezz tal-karbonju**, għalkemm id-dettalji speċifiċi li għandhom jiġu rrapportati jvarjaw skont it-tip ta' sistema ta' pprezzar tal-karbonju li tkun qiegħda tiħaddem (ETS, taxxa, imposta jew tariffa fuq il-karbonju, jew oħrajn, kif imsemmi aktar 'il fuq). Id-dettalji li għandhom jiġu rrapportati huma miġburin fil-qosor fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 6-1: Ir-rapportar tal-prezz tal-karbonju dovut

Kategorija tar-rapport trimestrali	Informazzjoni dettaljata meħtieġa
<b>Prezz tal-karbonju dovut</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>– In-numru tas-sekwenza tal-emissjonijiet (għal kull Reġistru Tranżizzjonali tas-CBAM).</li> <li>– Tip ta' prezz tal-karbonju (eż. ETS jew prezz tal-karbonju fil-forma ta' taxxa, ta' imposta jew ta' tariffa), rifużjoni riċevuta (li għal ETS jista' jkun allokkazzjoni bla ħlas) jew kwalunkwe forma oħra ta' kumpens (bħal rata mnaqqsa ta' tassazzjoni għall-industrija intensiva fl-enerġija).</li> <li>– Deskrizzjoni u indikazzjoni tal-att legali - jiġifieri pprovdidi deskrizzjoni tar-regolamentazzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju li jistabbilixxi s-sistema tal-ETS jew it-taxxa, l-</li> </ul>

	<p>imposta jew it-tariffa fuq il-karbonju fil-pajjiż ta' oriġini, u pprovdni r-referenza għar-regolamentazzjoni.</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– L-ammont tal-prezz tal-karbonju dovut - fil-munita tal-pajjiż ta' oriġini fejn huwa dovut il-prezz tal-karbonju. Dan jiġi kkonvertit f'ekwivalenti ta' euro, bl-użu tar-rata tal-kambju annwali medja għas-sena preċedenti.</li> <li>– Dettalji tal-munita fil-pajjiż ta' oriġini u r-rata tal-kambju applikabbli (ara hawn taħt).</li> </ul>
<b>Prodotti koperti mill-prezz tal-karbonju dovut</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>– In-numru tas-sekwenza tal-emissjonijiet (għal kull Regjistru Tranżizzjonali tas-CBAM).</li> <li>– It-tip ta' prodott kopert u l-kodiċi NM korrispondenti – il-prezz tal-karbonju dovut għandu jiġi elenkat separatament għall-prekursuri miksubin minn installazzjonijiet oħrajn.</li> <li>– Kwantità ta' emissjonijiet koperti – emissjonijiet diretti jew indiretti integrati.</li> <li>– Kwantità ta' emissjonijiet koperti minn kwalunkwe rifiżjoni jew forma oħra ta' kumpens.</li> <li>– Kwalunkwe informazzjoni supplimentari jew addizzjonali kif meħtieġ mir-Regjistru Tranżizzjonali tas-CBAM.</li> </ul>

L-ammont tal-prezz tal-karbonju dovut fil-munita tal-pajjiż ta' oriġini għandu jiġi kkonvertit f' ekwivalenti tal-euro, bl-użu tar-rata tal-kambju annwali medja għas-sena preċedenti għas-sena li fiha jkun dovut ir-rapport; il-fattur huwa pprovdut fir-Regjistru Tranżizzjonali tas-CBAM u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ikun il-fattur ta' konverżjoni annwali ppubblikat mill-Bank Ċentrali Ewropew.

### 6.3 Mudell tar-rapportar

Matul il-perjodu tranżitorju, id-dikjaranti tar-rapportar jeħtieġ li jissottomettu rapporti trimestrali dwar ir-Regjistru Tranżizzjonali tas-CBAM. L-istruttura tar-rapport tingħata fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Sabiex tlesti r-rapport dwar ir-Regjistru Tranżitorju, jeħtieġ li int, bħala dikjarant tar-rapportar, tikseb informazzjoni dwar l-emissjonijiet integrati tal-oġġetti importati mingħand l-operaturi tal-installazzjonijiet li jagħmlu dawn l-oġġetti għall-esportazzjoni.

#### 6.3.1 *Komunikazzjoni tad-data dwar l-emissjonijiet mill-operaturi*

L-operaturi jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar l-emissjonijiet integrati lid-dikjaranti tar-rapportar billi jużaw mudell ta' rapport dwar il-“komunikazzjoni tad-data dwar l-emissjonijiet”, li ġie żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea u li jingħata fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. L-użu ta' dan il-mudell ma huwiex obligatorju iżda jista' jiffaċilita ħafna l-iskambju ta' informazzjoni.

Il-mudell huwa maqsum f'żewġ partijiet: l-ewwel parti tal-mudell fiha l-informazzjoni neċessarja kollha dwar l-emissjonijiet integrati li inti, bħala d-dikjarant tar-rapportar, jeħtieġ li tikkompila għar-rapport tas-CBAM tiegħek; it-tieni parti tal-mudell hija taqsima fakultattiva li l-operaturi huma **rakkomandati jimlew**, peress li tipprovdi **trasparenza akbar** għad-*data* rrapportata fil-Parti 1.

Id-dikjaranti tar-rapportar jistgħu jużaw l-informazzjoni fil-Parti 2 sabiex iwettqu l-kontrolli tal-kwalità tad-*data* tagħhom stess dwar il-kontenut tal-Parti 1.

Il-kontenut tal-komunikazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-operatur huwa deskritt fit-tabella ta' hawn taħt għall-informazzjoni tiegħek.

Tabella 6-2: Il-kontenut tal-komunikazzjoni tad-*data* dwar l-emissjonijiet tal-operatur lid-dikjaranti tar-rapportar

Mudell	Sommarju tal-informazzjoni meħtieġa għall-perjodu tranżitorju
<p><b>Parti 1 – Informazzjoni ġenerali</b></p>	<p><b>Tinkludi d-<i>data</i> li għandha tiġi kkomunikata lid-dikjarant tar-rapportar.</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– Id-<i>data</i> dwar l-installazzjoni, li tinkludi d-dettalji ta' identifikazzjoni u dwar il-post għall-installazzjoni tal-operatur, u d-dettalji ta' kuntatt għar-rappreżentant awtorizzat tal-operatur.</li> <li>– Il-proċessi u r-rotot tal-produzzjoni fil-qafas ta' kull kategorija ta' oġġetti aggregati fl-installazzjoni.</li> <li>– Għal kull kategorija ta' oġġetti aggregati jew separatament għal kull oġġett skont il-kodiċi NM: <ul style="list-style-type: none"> <li>– L-emissjonijiet integrati speċifiċi diretti u indiretti ta' kull oġġett; u għal SEE d-dettall indirett dwar kif ġie ddeterminat il-fattur ta' emissjoni u s-sors ta' informazzjoni użat;</li> <li>– Informazzjoni dwar liema kwalità u metodi tad-<i>data</i> (ibbażati fuq il-kalkolu, ibbażati fuq il-kejl, oħrajn) intużaw għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet integrati, u jekk din kinitx ibbażata bis-sħiħ fuq il-monitoraġġ, jew jekk intużawx valuri prestabbiliti;</li> <li>– Jekk intużaw valuri prestabbiliti, deskrizzjoni qasira dwar għaliex intużaw dawn minflok <i>data</i> attwali;</li> <li>– Informazzjoni dwar parametri addizzjonali ta' rapportar speċifiċi għas-settur għall-oġġetti prodotti, jekk meħtieġa; u</li> <li>– Jekk applikabbli, informazzjoni dwar prezz tal-karbonju dovut, u separatament għal kwalunkwe prekursor miksub minn installazzjonijiet oħrajn, mill-pajjiż ta' oriġini tal-prekursuri.</li> </ul> </li> </ul>
<p><b>Parti 2 – Informazzjoni fakultattiva</b></p>	<p><b>Tipprovdi trasparenza akbar tad-<i>data</i> skont il-Parti 1, u tippermetti lid-dikjarant tar-rapportar iwettaq kontrolli ta' validazzjoni fuq il-Parti 1.</b></p>

Mudell	Sommarju tal-informazzjoni meħtieġa għall-perjodu tranżitorju
	<ul style="list-style-type: none"> <li>– L-emissjonijiet totali tal-installazzjoni, inklużi: id-<i>data</i> dwar l-attivitajiet u l-fatturi ta' kalkolu għal kull fluss mis-sors użat; l-emissjonijiet ta' kull sors ta' emissjoni mmonitorjat bl-użu ta' metodoloġija bbażata fuq il-kejl, u l-emissjonijiet iddeterminati b'metodi oħrajn; u jekk applikabbli, kwalunkwe importazzjoni jew esportazzjoni tas-CO<sub>2</sub> f'installazzjonijiet oħrajn, għar-raġunijiet deskritti aktar 'il fuq.</li> <li>– “Bilanċ tas-sħana” ta' sħana importata, prodotta, ikkonsmata u esportata li titkejjel, u b'mod simili l-bilanċi għall-gassijiet ta' skart jew għall-elettriku.</li> <li>– Lista tal-oġġetti rilevanti kollha prodotti skont il-kodiċi NM, inklużi prekursori mhux koperti minn proċessi tal-produzzjoni separati.</li> <li>– Għal oġġetti prekursori: <ul style="list-style-type: none"> <li>– Il-kwantità riċevuta minn bnadi oħrajn.</li> <li>– L-emissjonijiet integrati diretti u indiretti speċifiċi tagħhom (kif irrapportati minn operatori oħrajn).</li> <li>– Il-kwantità użata f'kull proċess tal-produzzjoni, esklużi l-oġġetti prekursori prodotti fl-istess installazzjoni.</li> </ul> </li> <li>– Għall-emissjonijiet diretti u indiretti attribwiti: ġiet ikkalkolata informazzjoni dwar kif ġew ikkalkolati l-emissjonijiet attribwiti ta' kull proċess tal-produzzjoni; il-livell ta' attività u l-emissjonijiet attribwiti ta' kull proċess tal-produzzjoni.</li> <li>– Deskrizzjoni qasira tal-installazzjoni, li tkopri: il-proċessi tal-produzzjoni rilevanti u mhux rilevanti (barra mill-ambitu); <ul style="list-style-type: none"> <li>– Il-proċessi tal-produzzjoni ewlenin li jseħħu fl-installazzjoni u kwalunkwe proċess tal-produzzjoni mhux kopert għall-finijiet tas-CBAM;</li> <li>– L-elementi ewlenin tal-metodoloġija ta' monitoraġġ li tkun qiegħda tintuża; u</li> <li>– Liema miżuri ttieħdu sabiex tittejjeb il-kwalità tad-<i>data</i>, b'mod partikolari jekk ġietx applikata kwalunkwe forma ta' verifika (fil-perjodu definittiv).</li> </ul> </li> <li>– informazzjoni dwar il-fattur tal-emissjonijiet tal-elettriku fil-ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija, fejn xieraq.</li> </ul>

Sors: *L-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.*

Sabiex l-operatori jiġu meġhjunin jaqsmu l-informazzjoni tagħhom dwar l-emissjonijiet integrati miegħek, bħala dikjarant tar-rapportar, il-mudell fl-Anness IV ġie tradott fi

spreadsheet “għal użu volontarju”, li tipprovdi l-informazzjoni fil-Partijiet 1 u 2 fit-tabella ta’ hawn fuq. L-Illustrazzjoni 6-2 li ġejja turi kif din l-ispreadsheet mudell hija strutturata.

Illustrazzjoni 6-2: Mudell volontarju għall-komunikazzjoni tad-data elettronika – Werrej

	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K	L	M	N	O
2				Navigation Area:		<a href="#">Table of contents</a>	<a href="#">Further Guidance</a>	<a href="#">Summary Processes</a>	<a href="#">Summary Products</a>					
3														
4														
6				<b>Sheet "Table of contents"</b>										
7				0. <a href="#">Sheet "Version history"</a>										
8				a. <a href="#">Sheet "Table of contents"</a>										
10				b. <a href="#">Sheet "Guidelines &amp; conditions"</a>										
12				c. <a href="#">Sheet "Code Lists"</a>										
14				A. <a href="#">Sheet "A_InstData" - General information, production processes and purchased precursors</a>										
16				1 <a href="#">Reporting period</a>										
17				2 <a href="#">About the installation</a>										
18				3 <a href="#">Verifier of the report – only if available and not required during transitional period</a>										
19				4 <a href="#">Aggregated goods categories and relevant production processes</a>										
20				5 <a href="#">Purchased precursors</a>										
21				B. <a href="#">Sheet "B_Emlnst" - Installation's emission at source stream and emission source level</a>										
23				1 <a href="#">Source Streams (excluding PFC emissions)</a>										
24				2 <a href="#">PFC Emissions</a>										
25				3 <a href="#">Emissions Sources (Measurement-Based Approaches)</a>										
26				C. <a href="#">Sheet "C_Emissions&amp;Energy" - Installation-level GHG emissions and energy consumption</a>										
28				1 <a href="#">Fuel balance</a>										
29				2 <a href="#">Greenhouse gas emissions balance &amp; information on data quality</a>										
30				D. <a href="#">Sheet "D_Processes" - Production level and attributed emissions for SEE calculation</a>										
32				1 <a href="#">Data input for the determination of the specific embedded emissions</a>										
33				E. <a href="#">Sheet "E_PurchPrec" - Purchased precursors for SEE calculation</a>										
35				1 <a href="#">Data input for the determination of the specific embedded emissions</a>										
36				F. <a href="#">Sheet "F_Tools" - Tools for facilitating reporting</a>										
38				1 <a href="#">Cogeneration Tool</a>										
39				2 <a href="#">Tool to calculate the carbon price due</a>										
40				G. <a href="#">Sheet "G_FurtherGuidance" - Further guidance on specific sections in this template</a>										
42				1 <a href="#">General guidance</a>										
43				2 <a href="#">Source streams and emission sources</a>										
44				3 <a href="#">Attribution of emissions to production processes</a>										
45				4 <a href="#">Summary of products</a>										
46														
49				The following two sheets summarise the results at process and product level, respectively:										
50				<a href="#">Summary of production processes</a>										
51				<a href="#">Summary of products</a>										
53				The following sheet summarises the main information to be communicated to the reporting declarant:										
54				<a href="#">Communication with reporting declarants</a>										
57														
58				Language version:		English Version (Original)								
59				Reference filename:		CBAM SEE Communication UBA_en_231023.xls								
60														
61				Information about this file:										
62				Installation name:										
63				Reporting period:		from:					to:			
64														

Il-karatteristiċi ewlenin tal-mudell jinkludu:

- In-navigazzjoni faċli għall-utent u l-kalkolu awtomatiku tad-*data* tas-CBAM dwar l-emissjonijiet integrati mill-inputs tad-*data*, li juru kif l-emissjonijiet attribwiti ġew ikkalkolati għal kull proċess tal-produzzjoni.
- Ikopri l-informazzjoni kemm għall-Parti 1 kif ukoll għall-Parti 2 fir-rapport tal-operaturi ta’ hawn fuq, jidentifika liema *data* hija meħtieġa għad-dikjaranti tar-rapportar sabiex jimlew ir-rapport tas-CBAM u liema *data* hija fakultattiva, u jipprovdi gwida dwar kif jintuża l-mudell u dwar il-kalkoli differenti mwettqin.
- Għodod għall-iffaċilitar tar-rapportar, għall-attribuzzjoni tal-emissjonijiet bejn is-sħana u l-elettriku għas-CHP/għall-koġenerazzjoni u għall-kalkolu tal-prezz tal-karbonju dovut.
- Skedi sommarji li jipprovdu l-informazzjoni ewlenija dwar il-proċessi tal-produzzjoni u l-prodotti li għandhom jiġu kkomunikati lid-dikjarant tar-rapportar għar-Rapporti tas-CBAM tiegħu.

L-ispreadsheet hija disponibbli mis-sit web dedikat tal-Kummissjoni Ewropea għas-CBAM.

### 6.3.2 *Rapportar mid-dikjaranti*

Il-kontenut u l-istruttura tar-rapportar tar-rapport tas-CBAM li d-dikjaranti tar-rapportar jeħtiġilhom jimtlew huma indikati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni "Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa fir-rapporti tas-CBAM". Ir-rapport tas-CBAM ġie integrat b'mod diġitali fir-Reġistru Tranżitorju, kif miġbur fil-qosor fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 6-3: Il-kontenut tar-rapport tas-CBAM fir-Reġistru Tranżitorju

Struttura tar-rapport CBAM reġistru	Sommarju tal-kontenut tar-rapport tas-CBAM fl-Anness I
<b>Taqsim 1 - Intestatura</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Id-data tal-ħruġ tar-rapport, l-ID, il-perjodu ta' rapportar u s-sena.</li> <li>– Il-kwantità totali ta' oġġetti importati u l-emissjonijiet totali.</li> <li>– Id-dettalji tal-identità u tal-kuntatt tad-Dikjarant tar-rapportar, tar-Rappreżentant, tal-Importatur u tal-Awtorità Kompetenti, kif applikabbli.</li> <li>– Proċess ta' approvazzjoni għas-sottomissjoni tar-rapporti.</li> </ul>
<b>Taqsim 2 - Oġġetti tas-CBAM importati</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Deskrizzjoni tal-oġġetti li tinkludi d-dettalji tal-kodiċijiet tal-komodità.</li> <li>– Il-proċeduri għall-oġġetti importati inkluż għall-proċessar attiv.</li> <li>– Il-kwantitajiet ta' oġġetti importati u l-emissjonijiet korrispondenti.</li> <li>– Dokumentazzjoni ta' sostenn għall-oġġetti li tista' tittella' fir-Reġistru, u informazzjoni addizzjonali kif applikabbli.</li> </ul>
<b>Taqsim 3 - Emissjonijiet tal-oġġetti tas-CBAM</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Id-dettalji tal-installazzjoni, inklużi l-isem, il-post u d-dettalji ta' kuntatt.</li> <li>– Id-dettalji tal-oġġetti prodotti, skont il-metodoloġija ta' rapportar.</li> <li>– Id-dettalji tal-emissjonijiet integrati diretti, indiretti u totali tal-installazzjoni, il-kwantità tal-emissjonijiet u l-parametri kwalifikanti relatati.</li> <li>– Id-dettalji tal-prezz tal-karbonju dovut u l-kopertura tal-prodotti u tal-emissjonijiet korrispondenti.</li> </ul>

Informazzjoni dwar l-emissjonijiet integrati tal-oġġetti mingħand l-operaturi tintuża sabiex timtela t-Taqsim 3 tar-rapport tas-CBAM, u tikkontribwixxi wkoll għat-Taqsim



2. L-immappjar tal-informazzjoni ewlenija bejn ir-rapport tas-CBAM tad-dikjarant tar-rapportar u l-ispreadsheet tal-komunikazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-operatur jingħata fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 6-4: L-immappjar tar-rapport tas-CBAM fir-Reġistru għall-ispreadsheet tal-operatur għall-komunikazzjoni dwar l-emissjonijiet

<b>Rapport tas-CBAM tar-Reġistru Tranżizzjonali</b>	<b>L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni – Rapport tas-CBAM għad-dikjaranti</b>	<b>Spreadsheet volontarja għall-komunikazzjoni dwar l-emissjonijiet</b>
Taqsim	Struttura tar-rapport	Referenza tal-iskeda għad- <i>data</i> mill-operatur
<b>Oġġetti tas-CBAM Importati</b>	<b>--Oġġetti tas-CBAM importati</b>	
	----Rappreżentant	
	----Importatur	
	----Kodiċi tal-komodità	
	Kodiċi tas-subintestatura tas-Sistema Armonizzata	Skeda "Summary_Communication"
	Kodiċi tan-nomenklatura magħquda	Skeda "Summary_Communication"
	-----Dettalji tal-komodità	
	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Skeda "Summary_Communication"
	----Pajjiż ta' oriġini	
	Kodiċi tal-pajjiż	Skeda "Summary_Communication"
	----Kwantità importata għal kull proċedura doganali	
	-----Proċedura	
	Informazzjoni dwar l-ipproċessar attiv	
	-----Qasam tal-importazzjoni	
	-----Miżura dwar l-oġġetti (għal kull proċedura)	
	-----Referenzi speċjali għall-oġġetti	
	----Miżura dwar l-oġġetti (importati)	
	----Emissjonijiet totali tal-oġġetti importati	
	----Dokumenti ta' sostenn (għall-Oġġetti)	
	-----Dokumenti mehmuża	
	----Rimarki	
<b>Emissjonijiet tal-Oġġetti tas-CBAM</b>	<b>----Emissjonijiet tal-Oġġetti tas-CBAM</b>	<b>----Emissjonijiet tal-Oġġetti tas-CBAM</b>
	Pajjiż tal-produzzjoni	Skeda "Summary_Communication"
	-----L-isem tal-kumpanija tal-installazzjoni	
	-----Indirizz	

<b>Rapport tas-CBAM tar-Reġistru Tranżizzjonali</b>	<b>L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni – Rapport tas-CBAM għad-dikjaranti</b>	<b>Spreadsheet volontarja għall-komunikazzjoni dwar l-emissjonijiet</b>
	-----Dettalji ta' Kuntatt	
	Isem	Skeda "A_InstData"
	Numru tat-telefown	Skeda "A_InstData"
	Posta elettronika	Skeda "A_InstData"
	-----Installazzjoni	
	Isem l-installazzjoni	Skeda "Summary_Communication"
	Attività ekonomika	Skeda "Summary_Communication"
	-----Indirizz	
	Pajjiż ta' stabbiliment	Skeda "A_InstData"
	Belt	Skeda "A_InstData"
	Triq	Skeda "A_InstData"
	Numru	Skeda "A_InstData"
	Kodiċi postali	Skeda "A_InstData"
	Kaxxa Postali	Skeda "A_InstData"
	UNLOCODE	Skeda "Summary_Communication" u
	Latitudni	Skeda "Summary_Communication"
	Lonġitudni	Skeda "Summary_Communication"
	Tip ta' koordinati	Skeda "Summary_Communication"
	-----Miżura dwar l-oġġetti (Prodotti)	
	Massa netta	Skeda "D_Processes"
	Unitajiet supplimentari	Skeda "D_Processes"
	Tip ta' unità ta' kejl	Skeda "D_Processes"
	-----Emissjonijiet tal-installazzjoni	
	Emissjonijiet totali tal-installazzjoni	Skeda "Summary_Communication"
	Emissjonijiet diretti tal-installazzjoni	Skeda "Summary_Communication"
	Emissjonijiet indiretti tal-installazzjoni	Skeda "Summary_Communication"
	Tip ta' unità ta' kejl għall-emissjonijiet	Skeda "Summary_Communication"
	-----Emissjonijiet Integrati Diretti	
	Tip ta' determinazzjoni	Skeda "B_Emlnst" u "C Emissions&Energy"
	Tip ta' metodoloġija ta' rapportar applikabbli	Skeda "B_Emlnst" u "C Emissions&Energy"
	Metodoloġija ta' rapportar applikabbli	Skeda "Summary_Communication"
	Emissjonijiet integrati (diretti) speċifiċi	Skeda "Summary_Communication"
	Eletriku importat	Skeda "D_Processes"
	Emissjonijiet integrati totali tal-eletriku importat	Skeda "Summary_Communication"
	Tip ta' unità ta' kejl	Skeda "Summary_Communication"
	Valur tal-fattur tas-sors tal-emissjonijiet	Skeda "Summary_Communication"
	-----Emissjonijiet Integrati Indiretti	
	Tip ta' determinazzjoni	Skeda "D_Processes"
	Fattur tas-sors tal-emissjonijiet	Skeda "Summary_Communication"
	Fattur tal-emissjonijiet	Skeda "D_Processes"

<b>Rapport tas-CBAM tar-Reġistru Tranżizzjonali</b>	<b>L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni – Rapport tas-CBAM għad-dikjaranti</b>	<b>Spreadsheet volontarja għall-komunikazzjoni dwar l-emissjonijiet</b>
	Emissjonijiet integrati (indiretti) speċifiċi	Skeda “Summary_Communication”
	Tip ta' unità ta' kejl	Skeda “Summary_Communication”
	Elettriku kkonsmat	Skeda “Summary_Communication”
	-----Metodu tal-produzzjoni u Parametri kwalifikanti	
	Isem il-metodu	Skeda “Summary_Communication”
	Numru ta' identifikazzjoni tal-impjant speċifiku tal-azzar	Skeda “Summary_Communication”
	Informazzjoni Addizzjonali	Skeda “Summary_Communication”
	-----Parametri kwalifikanti għall-Emissjonijiet Diretti	
	-----Parametri kwalifikanti għall-Emissjonijiet Indiretti	
	-----Dokumenti ta' Sostenn (għad-definizzjoni tal-emissjonijiet)	
	-----Dokumenti mehmuża	
	-----Il-prezz tal-karbonju dovut	
	Tip ta' prezz tal-karbonju, rifużjoni, jew kwalunkwe forma oħra ta' kumpens	Skeda “Summary_Communication”
	Ammont ta' prezz tal-karbonju dovut	Skeda “Summary_Communication”
	Munita	Skeda “Summary_Communication”
	Kodiċi tal-pajjiż	Skeda “Summary_Communication”
	-----Prodotti koperti bil-prezz tal-karbonju dovut	
	Tip ta' prodott kopert	Skeda “Summary_Communication”
	NM tal-oġġetti koperti	Skeda “Summary_Communication”
	Kwantità ta' emissjonijiet koperti	Skeda “Summary_Communication” u Skeda “F Tools”
	Kwantità koperta minn kwalunkwe rifużjoni jew forma oħra ta' kumpens	Skeda “Summary_Communication”
	-----Miżura dwar l-oġġetti (Koperti)	
	-----Rimarki	

L-informazzjoni meħtieġa sabiex jimtela r-rapport tas-CBAM tinsab l-aktar fl-iskeda “Summary\_Communication” fuq in-naħa ta' wara tal-ispreadsheet tal-operatur għall-komunikazzjoni dwar l-emissjonijiet.

Illustrazzjoni 6-3: Skeda sommarju għall-Komunikazzjoni, mudell volontarju għall-komunikazzjoni tad-data elettronika

Communication with reporting declarant									
This sheet summarizes the main information from sheets "Summary_Processes" and "Summary_Products" to be communicated to the reporting declarant importing the goods into the European Union.									
<b>1 Summary of the installation and production processes</b>									
<b>1 Installation details</b>									
11	Name of the installation (English name):	Test installation							
12	Street Number:								
13	Economic activity:								
14	Country:	Test country							
15	UNLOCODE:								
16	Coordinates of the main emission source (latitude):								
17	Coordinates of the main emission source (longitude):								
18	Reporting period start:	01.01.2023							
19	Reporting period end:	31.12.2023							
20	Total direct emissions during reporting period:	CO2e	1 261 658						
21	Total indirect emissions during reporting period:	CO2e	189 928						
22	Total emissions during reporting period:	CO2e	1 450 586						
23									
24									
25									
26									
27									
28									
29									
30									
31									
32									
33									
34									
35									
36									
37									
38									
39									
40									
41									
42									
43									
44									
45									
46									
47									
48									
49									
50									
51									
52									
53									
54									
55									
56									
57									
58									
59									
60									
61									
62									
63									
64									
65									
66									
67									
68									
69									
70									
71									
72									
73									
74									
75									
76									
77									
78									
79									
80									
81									
82									
83									
84									
85									
86									
87									
88									
89									
90									
91									
92									
93									
94									
95									
96									
97									
98									
99									
100									

Il-parametri rilevanti kkalkolati għall-finijiet ta' rapportar f' din l-iskeda sommarju jinkludu:

- Ammont ta' prezz tal-karbonju dovut
- Elettriku kkonsmat
- Emissjonijiet integrati (diretti) speċifiċi
- Emissjonijiet integrati (indiretti) speċifiċi
- Parametri ta' rapportar addizzjonali speċifiċi għas-settur, eż. % ta' kontenut ta' liga, tunnelli ta' ruttam / tunnelli ta' aluminju jew ta' azzar, % ta' ruttam qabel il-konsum, konċentrazzjoni, kontenut ta' nitroġenu eċċ.

Għalkemm l-ispreadsheet hija għal użu volontarju, id-dikjaranti tar-rapportar jistgħu jitolbu li l-operaturi jipprovdu l-komunikazzjoni tagħhom dwar l-emissjonijiet billi jużaw dan il-mudell.

## 7 EŻENZJONIJIET MIS-CBAM

Matul il-perjodu tranżitorju japplikaw ċerti eżenzjonijiet ġenerali, li huma elenkati hawn taħt.

---

### Referenzi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni:

- Ir-Regolament tas-CBAM (UE) 2023/956, it-Taqsima I, l-Artikolu 2 Kamp ta' applikazzjoni, il-paragrafi 3, 4 u 7; l-Anness III Pajjiżi u territorji terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-fini tal-Artikolu 2.
- 

### Eżenzjoni *de minimis*

Kwantitajiet żgħar (*de minimis*) ta' oġġetti importati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM jistgħu jiġu ttrattati awtomatikament bħala eżentati mid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tas-CBAM, dment li l-valur ta' dawn l-oġġetti jkun negliġibbli, jiġifieri ma jaqbiżx il-EUR 150 għal kull kunsinna<sup>69</sup>. Din l-eżenzjoni tapplika wkoll matul il-fażi tranżitorja.

### Eżenzjoni għall-użu militari<sup>70</sup>

Tapplika eżenzjoni għal kwalunkwe oġġett importat li jkun se jintuża mill-awtoritajiet militari tal-Istati Membri, jew bi ftehim ma' dawk ta' pajjiżi terzi, fil-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE, jew tan-NATO.

### Eżenzjoni tal-EFTA

Il-pajjiżi li japplikaw l-EU ETS (in-Norveġja, l-Iżlanda, il-Liechtenstein), jew li għandhom ETS marbuta bis-sħiħ mal-EU ETS (l-Iżvizzera), huma eżentati mis-CBAM.

Il-pajjiżi eżentati għall-oġġetti kollha tas-CBAM huma elenkati fl-Anness III, it-Taqsima 1, tar-Regolament CBAM; il-pajjiżi eżentati għall-elettriku jiżdiedu mat-Taqsima 2 ta' dak l-Anness, li bħalissa hija vojta.

### Eżenzjoni limitata għall-importazzjonijiet tal-elettriku

L-importazzjonijiet tal-elettriċiku minn pajjiżi terzi huma koperti mis-CBAM, sakemm il-pajjiżi terzi ma jkunx integrat tant mill-qrib mas-suq intern tal-UE għall-elettriku li ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni teknika għall-applikazzjoni tas-CBAM għal dawn l-importazzjonijiet; din l-eżenzjoni tapplika f'ċirkostanzi limitati biss u hija soġġetta għall-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 2 tar-Regolament CBAM.

---

<sup>69</sup> L-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009. Ara: <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2009:324:0023:0057:MT:PDF>

<sup>70</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

**Annex A****Lista ta' abbrevjazzjonijiet**

<b>Abbrevjazzjoni</b>	<b>Terminu sħiħ</b>
<b>AD</b>	<i>Data</i> dwar l-Attività
<b>AEM</b>	Minuti ta' Effett ta' Anodu
<b>AEO</b>	Vultaġġ Żejjed b'Effett ta' Anodu
<b>AL</b>	Livell ta' Attività
<b>AOD</b>	Dekarburizzazzjoni tal-Ossiġenu tal-Argon.
<b>BAT</b>	L-Aqwa Tekniki Disponibbli
<b>BF</b>	Frazzjoni tal-Bijomassa
<b>BFG</b>	Gass tal-Fran tal-Blast
<b>BOF</b>	Forn tal-Ossiġenu Bażiku
<b>BOFG</b>	Gass tal-Fran tal-Ossiġenu Bażiku
<b>BREFs</b>	Dokumenti ta' referenza tal-Aqwa Tekniki Disponibbli
<b>CA</b>	Awtorità Kompetenti
<b>CBAM</b>	Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri
<b>CCR</b>	Proporzjon ta' Klinker għal Siment
<b>CCS</b>	Qbid u Ħżin tad-Diossidu tal-Karbonju
<b>CCU</b>	Qbid u Użu tal-Karbonju
<b>CCUS</b>	Qbid, Użu u Ħżin tal-Karbonju
<b>CEMS</b>	Sistema ta' Kejl ta' Emissjonijiet Kontinwu
<b>CF</b>	Fattur ta' Konverżjoni
<b>CFP</b>	Impronta tal-karbonju tal-prodotti
<b>CHP</b>	Shana u Enerġija Kkombinati
<b>CKD</b>	Trab tal-Kalkara tas-Siment
<b>NM</b>	Nomenklatura magħquda
<b>COG</b>	Gass tal-Fran tal-Kokk
<b>DRI</b>	Hadid b'Riduzzjoni Diretta
<b>EAF</b>	Forn bl-Ark Elettriku
<b>EF</b>	Fattur ta' Emissjoni
<b>EFTA</b>	Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles
<b>ETS</b>	Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet
<b>EU ETS</b>	Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet
<b>EUA</b>	Kwoti tal-UE (użati fl-EU ETS)
<b>EUR</b>	Euro (munita)

<b>Abbrevjazzjoni</b>	<b>Terminu sħiħ</b>
<b>FAR</b>	Regoli għall-Allokazzjoni Bla Ħlas (ir-Regolament 2019/331) <sup>71</sup>
<b>GHG</b>	Gass Serra
<b>GWP</b>	Potenzjal ta' Tisħin Globali
<b>HBI</b>	Hadid Magħmul f'Mattunelli Meta Jaħraq
<b>SA</b>	Sistema Armonizzata (għall-kummerċ internazzjonali)
<b>AIE</b>	Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija
<b>ISO</b>	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
<b>LULUCF</b>	Użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (kriterji)
<b>MMD</b>	Dokumentazzjoni dwar il-Metodoloġija ta' Monitoraġġ
<b>MRR</b>	Ir-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar (ir-Regolament 2018/2066) <sup>72</sup>
<b>MRV</b>	Monitoraġġ, Rapportar u Verifika
<b>SM</b>	Stat(i) Membru/i
<b>MWh</b>	Megawatt-siegħa
<b>NCV</b>	Valur Kalorifiku Nett
<b>NPI</b>	Hadid fondut grezz tan-nikil
<b>OF</b>	Fattur ta' Ossidazzjoni
<b>PCI</b>	Injezzjoni tal-Faħam Pulverizzat
<b>PEMS</b>	Sistema Predittiva tal-Monitoraġġ tal-Emissjonijiet
<b>PFC</b>	Perfluworokarbur
<b>SEE</b>	Emissjonijiet integrati speċifiċi
<b>TARIC</b>	Bażi tad- <i>data</i> tat-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea
<b>TJ</b>	Terajoules
<b>TSO</b>	Operaturi ta' Sistema tat-Trażmissjoni
<b>KDU</b>	Kodiċi Doganali tal-Unjoni
<b>UN/LOCODE</b>	Kodiċi tan-Nazzjonijiet Uniti għal Postijiet tal-Kummerċ u tat-Trasport

<sup>71</sup> Regoli għall-Allokazzjoni Bla Ħlas (Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)

<sup>72</sup> Ir-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar (Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012

Terminu	Definizzjoni
“Akkuratezza”	tfisser kemm ikun qrib il-qbil bejn ir-riżultat ta’ kejl u l-valur effettiv tal-kwantità partikolari jew tal-valur referenzjarju ddeterminat b’mod empiriku bl-użu ta’ materjali ta’ kalibrazzjoni u ta’ metodi standard aċċettati f’livell internazzjonali u traċċabbli, billi jiġu kkunsidrati kemm il-fatturi aleatorji kif ukoll dawk sistematiċi;
“Data dwar l-attività”	tfisser l-ammont ta’ fjuwils jew ta’ materjali kkonsmati jew prodotti minn proċess rilevanti għall-metodoloġija bbażata fuq kalkolu, espress f’terajoules (TJ), fil-massa f’tunnellati jew (għall-gassijiet) fil-volum f’metri kubi normali, kif xieraq
“Emissjonijiet attwali”	tfisser l-emissjonijiet ikkalkolati fuq il-bażi ta’ data primarja mill-proċessi tal-produzzjoni tal-oġġetti u mill-produzzjoni tal-elettriku kkonsmat matul dawk il-proċessi kif iddeterminati f’konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni
“Livell ta’ attività”	tfisser il-kwantità ta’ oġġetti prodotti (espressa f’MWh għall-elettriku, jew f’tunnellati għal oġġetti oħrajn) fil-limiti ta’ proċess tal-produzzjoni
“Residwi mill-agrikoltura, mill-akkwakultura, mis-sajd u mill-forestrija”	tfisser residwi li jiġu ġġenerati direttament mill-agrikoltura, mill-akkwakultura, mis-sajd u mill-forestrija u li ma jinkludux residwi minn industriji relatati jew mill-ipproċessar relatat
“Dikjarant tas-CBAM awtorizzat”	tfisser persuna awtorizzata mill-awtorità kompetenti f’konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament CBAM (UE) 2023/956
“Lott”	tfisser ammont ta’ fjuwil jew ta’ materjal meħud bħala kampjun b’mod rappreżentattiv u kkaratterizzat u ttrasferit bħala vjeġġ wieħed jew kontinwament matul perjodu ta’ żmien speċifiku
“Bijomassa”	tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli ta’ prodotti, ta’ skart u ta’ residwi ta’ orġini bijoloġika mill-agrikoltura, inklużi sustanzi veġetali u mill-annimali, mill-industriji forestali u minn industriji relatati, inklużi s-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli ta’ skart, inkluż l-iskart industrijali u muniċipali ta’ orġini bijoloġika
“Fatturi ta’ kalkolu”	tfisser il-valur kalorifiku nett, il-fattur ta’ emissjoni, il-fattur preliminari ta’ emissjoni, il-fattur ta’ ossidazzjoni, il-fattur ta’ konverżjoni, il-kontenut ta’ karbonju jew il-frazzjoni ta’ bijomassa



<b>Terminu</b>	<b>Definizzjoni</b>
<b>“Prezz tal-karbonju”</b>	tfisser l-ammont monetarju mħallas f’ pajjiż terz, fl-ambitu ta’ skema għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju, fil-forma ta’ taxxa, ta’ imposta jew ta’ tariffa jew fil-forma ta’ kwoti tal-emissjonijiet fil-qafas ta’ sistema għall-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra, ikkalkolat fuq il-gassijiet serra koperti minn tali miżura, u rilaxxati matul il-produzzjoni tal-oġġetti
<b>“Ċertifikat tas-CBAM”</b>	tfisser ċertifikat f’ format elettroniku li jikkorrispondi għal tunnellata ekwivalenti ta’ CO <sub>2</sub> ta’ emissjonijiet integrati fl-oġġetti
<b>“Fattur ta’ emissjoni tas-CO<sub>2</sub>”</b>	tfisser il-medja ponderata tal-intensità ta’ CO <sub>2</sub> tal-elettriku prodott mill-fjuwils fossili f’ żona ġeografika. Il-fattur ta’ emissjoni tas-CO <sub>2</sub> huwa r-riżultat tad-diviżjoni tad- <i>data</i> dwar l-emissjonijiet ta’ CO <sub>2</sub> tas-settur tal-elettriku mill-ġenerazzjoni elettrika grossa bbażata fuq il-fjuwils fossili fiż-żona ġeografika rilevanti. Huwa espress f’ tunnellata ta’ CO <sub>2</sub> għal kull megawatt siegħa
<b>“Nomenklatura magħquda” (NM)</b>	<p>tfisser il-klassifikazzjoni tal-oġġetti, imfassla sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet ta’ dawn: i) it-Tariffa doganali komuni, li tistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni għall-prodotti importati fl-Unjoni Ewropea (UE), kif ukoll it-Tariffa integrata tal-Komunitajiet Ewropej (TARIC), li tinkorpora l-miżuri kollha tal-UE u tal-kummerċ applikati għall-oġġetti importati fl-UE u esportata barra minnha; ii) l-istatistiki dwar il-kummerċ internazzjonali tal-UE.</p> <p>In-NM tipprovdi l-mezzi għall-ġbir, għall-iskambju u għall-pubblikazzjoni tad-<i>data</i> dwar l-istatistiki tal-UE dwar il-kummerċ internazzjonali. Tintuża wkoll għall-ġbir u għall-pubblikazzjoni ta’ statistiki kummerċjali internazzjonali fil-kummerċ intra-UE.<sup>73</sup></p>
<b>“Emissjonijiet mill-kombustjoni”</b>	tfisser emissjonijiet ta’ gassijiet serra li jseħħu waqt ir-reazzjoni eżotermika ta’ fjuwil mal-ossiġenu
<b>“Awtorità kompetenti”</b>	tfisser l-awtorità deżinjata minn kull Stat Membru f’ konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament CBAM (UE) 2023/956
<b>“Kejl ta’ emissjonijiet kontinwu” (CEM)</b>	tfisser sett ta’ operazzjonijiet bl-oġġettiv li jiġi ddeterminat il-valur ta’ kwantità permezz ta’ kejl perjodiku, bl-applikazzjoni ta’ kejl <i>in situ</i> fiċ-ċumnija jew ta’ proċeduri estrattivi bi strument tal-kejl imqiegħed qrib iċ-ċumnija, waqt li jiġu esklużi metodoloġiji ta’ kejl ibbażati fuq il-ġbir ta’ kampjuni individwali miċ-ċumnija
<b>“Oġġetti kumplessi”</b>	tfisser oġġetti għajr oġġetti sempliċi

<sup>73</sup> Għad-definizzjoni ara: [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Combined\\_nomenclature\\_\(CN\)](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Combined_nomenclature_(CN))

<b>Terminu</b>	<b>Definizzjoni</b>
<b>“Konservattiv”</b>	tfisser li jiġi ddefinit sett ta’ suppożizzjonijiet sabiex jiġi żgurat li ma sseħħ l-ebda sottostima ta’ emissjonijiet irrapporati jew sovrastima ta’ produzzjoni ta’ sħana, ta’ elettriku jew ta’ oġġetti
<b>“Fattur ta’ konverżjoni”</b>	tfisser il-proporzjon ta’ karbonju rilaxxat bħala CO <sub>2</sub> mal-karbonju totali inkluż fil-fluss minn sors qabel ma jseħħ il-proċess ta’ emissjoni, espress bħala frazzjoni, b’kunsiderazzjoni tas-CO rilaxxat fl-atmosfera bħala l-ammont molari ekwivalenti ta’ CO <sub>2</sub>
<b>“Dikjarant doganali”</b>	tfisser id-dikjarant kif definit fl-Artikolu 5(15) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jippreżenta dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta’ oġġetti f’ismu stess jew il-persuna li f’isimha tiġi ppreżentata tali dikjarazzjoni
<b>“Sistema tas-CCUS”</b>	tfisser grupp ta’ operaturi ekonomiċi b’installazzjonijiet u b’taġħmir tat-trasport konnessi teknikament għall-qbid, għat-trasport, għall-użu tas-CO <sub>2</sub> fil-produzzjoni ta’ oġġetti, jew il-ħżin ġeoloġiku
<b>“Attivitajiet ta’ fluss tad-data”</b>	tfisser attivitajiet relatati mal-akkwist, mal-proċessar u mal-immaniġġar ta’ <i>data</i> li huma meħtieġa għall-abbozzar ta’ rapport dwar l-emissjonijiet minn <i>data</i> ta’ sorsi primarji
<b>“Sett ta’ data”</b>	<p>tfisser tip wieħed ta’ <i>data</i>, jew fil-livell tal-installazzjoni jew fil-livell tal-proċess tal-produzzjoni kif rilevanti fiċ-ċirkostanzi, bħala kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:</p> <p>(a) l-ammont ta’ fjuwils jew materjali kkonsmati jew prodotti minn proċess tal-produzzjoni skont kif ikun rilevanti għall-metodoloġija bbażata fuq kalkolu, espress f’terajoules, il-massa f’tunnellati, jew għall-gassijiet bħala volum f’metri kubi normali, kif xieraq, inkluż għall-gassijiet ta’ skart;</p> <p>(b) fattur ta’ kalkolu;</p> <p>(c) kwantità netta ta’ sħana li tista’ titkejjel, u l-parametri rilevanti meħtieġa biex tkun stabbilita din il-kwantità, b’mod partikolari: i) il-fluss tal-massa tal-medium ta’ trasferiment termiku trażmess u rritornat; u ii) l-entalpija tal-medium ta’ trasferiment termiku trażmess u rritornat, kif speċifikat mill-kompożizzjoni, mit-temperatura, mill-pressure u mis-saturazzjoni;</p> <p>(d) il-kwantitajiet ta’ sħana li ma tistax titkejjel, speċifikata mill-kwantitajiet rilevanti ta’ fjuwils użati għall-produzzjoni ta’ sħana, u l-valur kalorifiku nett (NCV) tat-taħlita tal-fjuwil;</p> <p>(e) il-kwantitajiet ta’ elettriku;</p> <p>(f) il-kwantitajiet ta’ CO<sub>2</sub> ittrasferiti bejn l-installazzjonijiet;</p>

<b>Terminu</b>	<b>Definizzjoni</b>
	(g) il-kwantitajiet ta' prekursori riċevuti minn barra l-installazzjoni, u l-parametri rilevanti tagħhom, bħall-pajjiż tal-oriġini, ir-rotta tal-produzzjoni użata, l-emissjonijiet diretti u indiretti speċifiċi, il-prezz tal-karbonju dovut;
	(h) il-parametri rilevanti għal prezz tal-karbonju dovut
<b>“Valur prestabbilit”</b>	tfisser valur, li jiġi kkalkolat jew prelevat minn <i>data</i> sekondarja, li jirrappreżenta l-emissjonijiet integrati fl-oġġetti
<b>“Emissjonijiet diretti”</b>	tfisser emissjonijiet mill-proċessi tal-produzzjoni ta' oġġetti, inklużi l-emissjonijiet mill-produzzjoni ta' tiżin u ta' tkessiħ ikkonsmati matul il-proċessi tal-produzzjoni, indipendentement mill-post tal-produzzjoni tat-tiżin jew tat-tkessiħ
<b>“Sistema eliġibbli ta' monitoraġġ, rapportar u verifika (MRV)”</b>	tfisser is-sistemi ta' MRV fejn l-installazzjoni tkun stabbilita <sup>74</sup> għall-finijiet ta' “skema ta' pprezzar tal-karbonju”, jew skemi obbligatorji ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet, jew skema ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-installazzjoni li tista' tinkludi verifika minn verifikatur akkreditat, f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni CBAM
<b>“Emissjonijiet integrati”</b>	tfisser emissjonijiet diretti rilaxxati matul il-produzzjoni tal-oġġetti u emissjonijiet indiretti mill-produzzjoni tal-elettriku li jiġi kkonsmat matul il-proċessi tal-produzzjoni, ikkalkolati f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness IV u speċifikati ulterjorment fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 7(7)
<b>“Emissjonijiet”</b>	tfisser ir-rilaxx ta' gassijiet serra fl-atmosfera mill-produzzjoni ta' oġġetti
<b>“Fattur ta' emissjoni”</b>	tfisser ir-rata medja ta' emissjoni ta' gass serra relattiva għad- <i>data</i> dwar l-attività ta' fluss minn sors bis-suppożizzjoni ta' ossidazzjoni kompluta għall-kombustjoni u għall-konverżjoni kompluta għar-reazzjonijiet kimiċi l-oħrajn kollha
<b>“Fattur ta' emissjoni” għall-elettriku</b>	tfisser il-valur prestabbilit, espress f'ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> , li jirrappreżenta l-intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku kkonsmat fil-produzzjoni tal-oġġetti.
<b>“Sors ta' emissjoni”</b>	tfisser parti identifikabbli separatament ta' installazzjoni jew ta' proċess f'installazzjoni, minn fejn jiġu rrilaxxati l-gassijiet serra rilevanti
<b>EU ETS</b>	tfisser is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni fir-rigward tal-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE għajr attivitajiet tal-avjazzjoni

<sup>74</sup> Tirreferi għall-ġuriżdizzjoni li fiha tinsab l-installazzjoni.

<b>Terminu</b>	<b>Definizzjoni</b>
<b>“Karbonju fossili”</b>	tfisser karbonju inorganiku jew organiku li ma jkunx bijomassa
<b>“Frazzjoni ta’ fossili”</b>	tfisser il-proporzjon ta’ karbonju fossili u inorganiku għall-kontenut totali ta’ karbonju ta’ fjuwil jew ta’ materjal, espress bħala frazzjoni
<b>“Emissjonijiet li jaħarbu”</b>	tfisser emissjonijiet irregolari jew ta’ bla ħsieb minn sorsi li ma jkunux lokalizzati, jew li jvarjaw wisq jew żgħar wisq sabiex jiġu mmonitorjati individwalment
<b>“Oġġetti”</b>	tfisser oġġetti elenkati fl-Anness I tar-Regolament CBAM (UE) 2023/956 [u fl-Anness II tar-Regolamenti ta’ Implimentazzjoni]
<b>“Gassijiet serra”</b>	tfisser il-gassijiet serra kif speċifikati fl-Anness I tar-Regolament tas-CBAM (UE) 2023/956 [u fl-Anness II tal-Annessi tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni] fir-rigward ta’ kull wieħed mill-oġġetti elenkati f’dak l-Anness
<b>“Importatur”</b>	tfisser il-persuna li tippreżenta dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa tal-oġġetti f’isimha stess u għan-nom tagħha stess jew, meta d-dikjarazzjoni doganali tiġi ppreżentata minn rappreżentant doganali indirett f’konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, il-persuna li għan-nom tagħha tiġi ppreżentata tali dikjarazzjoni
<b>“Importazzjoni”</b>	tfisser ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa kif previst fl-Artikolu 201 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013
<b>“Emissjonijiet indiretti”</b>	tfisser l-emissjonijiet mill-produzzjoni tal-elettriku, li jiġi kkonsmat matul il-proċessi tal-produzzjoni tal-oġġetti, irrISPETTIVAMENT mill-post tal-produzzjoni tal-elettriku kkonsmat.
<b>“CO<sub>2</sub> inerenti”</b>	tfisser CO <sub>2</sub> li huwa parti minn fluss minn sors.
<b>“Installazzjoni”</b>	tfisser unità teknika stazzjonarja fejn jitwettaq proċess tal-produzzjoni
<b>“Shana li titkejjel”</b>	tfisser fluss ta’ sħana netta ttrasportat permezz ta’ pipelines jew kanali identifikabbli li jużaw medium ta’ trasferiment termiku, bħal, b’mod partikolari, l-istim, l-arja sħuna, l-ilma, iż-żejt, il-metalli likwidi u l-imluħa, li għalih huwa jew jista’ jkun installat miter tas-sħana
<b>“Punt tal-kejl”</b>	tfisser is-sors ta’ emissjoni li għalih jintużaw sistemi ta’ kejl ta’ emissjonijiet kontinwu (CEMS) għall-kejl ta’ emissjonijiet, jew it-taqsimha trażversali ta’ sistema ta’ pipelines li għaliha l-fluss ta’ CO <sub>2</sub> jiġi ddeterminat bl-użu ta’ sistemi ta’ kejl kontinwu

<b>Terminu</b>	<b>Definizzjoni</b>
<b>“Sistema ta’ kejl”</b>	tfisser sett komplut ta’ strumenti tal-kejl u tagħmir ieħor, bħal tagħmir għall-kampjunar u għall-proċessar ta’ <i>data</i> , użati għad-determinazzjoni ta’ fatturi varjabbli bħad- <i>data</i> dwar l-attività, il-kontenut ta’ karbonju, il-valur kalorifiku jew il-fattur ta’ emissjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra
<b>“Rekwiżit minimu”</b>	tfisser metodi ta’ monitoraġġ bl-użu tal-isforzi minimi permessi għad-determinazzjoni tad- <i>data</i> sabiex tirriżulta f’ <i>data</i> dwar l-emissjonijiet aċċettabbli għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2023/956.
<b>“Fjuwil imħallat”</b>	tfisser fjuwil li jinkludi kemm karbonju tal-bijomassa kif ukoll karbonju fossili
<b>“Materjal imħallat”</b>	tfisser materjal li jinkludi kemm karbonju tal-bijomassa kif ukoll karbonju fossili
<b>“Valur kalorifiku nett” (NCV)</b>	tfisser l-ammont speċifiku ta’ enerġija rilaxxata bħala sħana meta fjuwil jew materjal jiġi sottopost għal kombustjoni kompluta bl-ossiġenu f’kundizzjonijiet standard, bit-tnaqqis tas-sħana tal-vaporizzazzjoni ta’ kwalunkwe ilma li jifforma
<b>“Shana li ma titkejjilx”</b>	tfisser is-sħana kollha minbarra s-sħana li titkejjel
<b>“Operatur”</b>	tfisser kwalunkwe persuna li topera jew tikkontrolla installazzjoni f’pajjiż terz (jiġifieri mhux tal-UE)
<b>“Ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija”</b>	tfisser kuntratt li bih persuna taqbel li tixri l-elettriku direttament mingħand produttur tal-elettriku
<b>“Proċess tal-produzzjoni”</b>	tfisser il-partijiet ta’ installazzjoni li fihom jitwettqu proċessi kimiċi jew fiżiċi sabiex jiġu prodotti oġġetti taħt kategorija ta’ oġġetti aggregati definita fit-Tabella 1 tat-Taqsima 2 tal-Anness II, u l-limiti tas-sistema speċifikati tagħha rigward l-inputs, l-outputs u l-emissjonijiet korrispondenti
<b>“Rotta tal-produzzjoni”<sup>75</sup></b>	tfisser teknoloġija speċifika użata fi proċess tal-produzzjoni għall-produzzjoni ta’ oġġetti taħt kategorija ta’ oġġetti aggregati

<sup>75</sup> Hu nota li rotot tal-produzzjoni differenti jistgħu jaqgħu fl-istess proċess tal-produzzjoni.

<b>Terminu</b>	<b>Definizzjoni</b>
<b>“Emissjonijiet tal-proċessi”</b>	tfisser emissjonijiet ta’ gassijiet serra minbarra l-emissjonijiet mill-kombustjoni li jseħħu bħala riżultat ta’ reazzjonijiet intenzjonati u mhux intenzjonati bejn sustanzi jew it-trasformazzjoni tagħhom, għal skop primarju għajr il-ġenerazzjoni tas-sħana, inkluż mill-proċessi li ġejjin: (a) ir-riduzzjoni kimika, elettrolitika jew pirometallurġika tal-komposti tal-metall fil-minerali, fil-konċentrati u fil-materjali sekondarji; (b) it-tneħħija tal-impuritajiet mill-metalli u l-komposti tal-metalli; (c) id-dekompożizzjoni tal-karbonati, inklużi dawk użati għat-tisfija mill-impuritajiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija; (d) sinteżijiet kimiċi ta’ prodotti u prodotti intermedji fejn il-materjal li jkollu l-karbonju jipparteċipa fir-reazzjoni; (e) l-użu ta’ karbonju li fih addittivi jew materja prima; (f) it-tnaqqis kimiku jew elettrolitiku ta’ ossidi metallojdi jew ossidi mhux tal-metall bħal ossidi tas-silikon u fosfati tas-silikon.
<b>“Data proxy”</b>	tfisser valuri annwali li jiġu ssostanzjati b’mod empiriku jew jiġu dderivati minn sorsi aċċettati u li operatur juża sabiex jissostitwixxi sett ta’ <i>data</i> <sup>76</sup> għall-fini li jiġi żgurat rapportar komplut meta ma jkunx possibbli li tiġi ġġenerata d- <i>data</i> jew il-fatturi kollha meħtieġa fil-metodoloġija ta’ monitoraġġ applikabbli
<b>“Rifużjoni”</b>	tfisser kwalunkwe ammont li jnaqqas l-ammont dovut jew imħallas minn persuna responsabbli għall-ħlas ta’ prezz tal-karbonju, qabel il-ħlas tiegħu jew wara, f’forma monetarja jew fi kwalunkwe forma oħra.
<b>“Titjib rakkomandat”</b>	tfisser metodi ta’ monitoraġġ li huma mezzi pprovati sabiex jiġi żgurat li d- <i>data</i> tkun aktar akkurata jew anqas suxxettibbli għal żbalji milli sempliċiment bl-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi, u li jistgħu jintgħażlu fuq bażi volontarja
<b>“Dikjarant tar-rapportar”</b>	tfisser kwalunkwe waħda mill-persuni li ġejjin: (a) l-importatur li jippreżenta dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti f’isimha stess u għan-nom tagħha stess; (b) il-persuna, li jkollha awtorizzazzjoni biex tippreżenta dikjarazzjoni doganali msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, li tiddikjara l-importazzjoni tal-oġġetti;

<sup>76</sup> Tirreferi għad-*data* dwar l-attività jew għall-fatturi ta’ kalkolu.

<b>Terminu</b>	<b>Definizzjoni</b>
	(c) ir-rappreżentant doganali indirett, fejn id-dikjarazzjoni doganali tiġi ppreżentata mir-rappreżentant doganali indirett maħtur f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, meta l-importatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni jew meta r-rappreżentant doganali indirett ikun qabel mal-obbligi ta' rapportar f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2023/956.
<b>“Perjodu ta’ rapportar”</b>	tfisser perjodu li l-operatur ta’ installazzjoni jkun għażel li juża bħala referenza għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet integrati
<b>“Residwu”</b>	tfisser sustanza li ma hijiex il-prodott(i) finali li proċess tal-produzzjoni jkun maħsub li jipproduċi direttament; din mhijiex għan primarju tal-proċess tal-produzzjoni u l-proċess ma jkunx ġie mmodifikat apposta sabiex jipproduċiha
<b>“Oġġetti sempliċi”</b>	tfisser oġġetti prodotti fi proċess tal-produzzjoni li jeħtieġu esklużivament materjali ta’ input u karburanti b’emissjonijiet integrati zero
<b>“Fluss minn sors”</b>	tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: (a) tip speċifiku ta’ fjuwil, ta’ materja prima jew ta’ prodott li jwassal għal emissjonijiet ta’ gassijiet serra rilevanti f’sors wieħed jew aktar ta’ emissjoni bħala riżultat tal-konsum jew tal-produzzjoni tiegħu; (b) tip speċifiku ta’ fjuwil, ta’ materja prima jew ta’ prodott li fih il-karbonju u inkluż fil-kalkolu tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra bl-użu ta’ metodu ta’ bilanċ tal-massa
<b>“Emissjonijiet integrati speċifiċi”</b>	tfisser l-emissjonijiet integrati ta’ tunnellata oġġetti, espressi f’tunnellati ta’ emissjonijiet ta’ ekwivalenti ta’ CO <sub>2</sub> għal kull tunnellata oġġetti
<b>“Pajjiż terz”</b>	tfisser pajjiż jew territorju barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea
<b>“Tunnellata ta’ (ekwivalenti ta’ CO<sub>2</sub>)”</b>	tfisser tunnellata metrika ta’ diossidu tal-karbonju (“CO <sub>2</sub> ”), jew ammont ta’ kwalunkwe gass serra ieħor elenkat fl-Anness I b’potenzjal ta’ tisħin globali ekwivalenti (“ekwivalenti ta’ CO <sub>2</sub> ”)
<b>“Operatur ta’ sistema tat-trażmissjoni”</b>	tfisser operatur kif definit fl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(77)</sup> .

<sup>77</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

<b>Terminu</b>	<b>Definizzjoni</b>
<b>“Skart”</b>	tfisser kwalunkwe sustanza jew oġġett li d-detentur jarmi jew ikollu l-ħsieb jew li jkun meħtieġ li jarmi, minbarra sustanzi li jkunu ġew immodifikati jew ikkontaminati intenzjonalment sabiex jissodisfaw din id-definizzjoni
<b>“Gass ta’ skart”</b>	tfisser gass li fih karbonju mhux kompletament ossidat fi stat gassuż f’kundizzjonijiet standard li huwa riżultat ta’ kwalunkwe wieħed mill-proċessi elenkati taħt “emissjonijiet tal-proċessi”



